Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema
L-Imġarr A.D. 2011



Festa 2018

Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema L-Imġarr A.D. 2011 Festa 2018

# Werrej


Il-Banda u l-Każin ....... 5
Kumitat Eżekuttiv 2017-19 ....... 6
Ninsabu fuq l-għatba tal-ewwel safra tal-banda ....... 8
Impenn sħiħ biex inkomplu nkabbru l-Banda tagħna ....... 12
Nies ġenerużi u qalbiena ....... 33
Il-banda tagħna ddoqq fil-provinċja tal-Piemonte, l-Italja ....... 37
Il-banda hija parti integrali mill-attivitajiet tal-festa ....... 40
Sodisfazzjon kbir għalija ....... 41
Mara ta' karattru…il-karattru li jsawwar il-parroċċa ....... 44
Xahar tant mistenni ....... 45
Is-sigriet wara dan kollu jkun id-determinazzjoni ....... 48
Inħeġġiġkom biex tgħinuna ....... 49
Flimkien ikollna festa mill-isbaħ ....... 50
Most Exciting Project ....... 51
Esperjenza Ġdida ....... 52
Naraw ir-riżultat tal-preparamenti ....... 53
Inħarsu 'l quddiem ....... 54
Gioachino Antonio Rossini ....... 56
Il-proġetti jistgħu jsiru biss bil-parteċipazzjoni tagħna ....... 57
It-tagħlim mużikali ....... 58
Banda hekk ġdida iżda b'qalb kbira ....... 61
Messaġġ mill-Għaqda Patrimonju u Festa tal-Imġarr ....... 62
Messaġġ mis-Soċjetà Spettaklu Marija Assunta ....... 63
Bejn festa u oħra ....... 64
Il-Banda tal-Imġarr għandha bżonn l-għajnuna tagħkom ....... 76
Membri fl-iskema *Sehmi għall-Każin Tiegħi* ....... 78
Rendikont tas-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr ....... 79
Servizzi mużikali ....... 80
Innijiet u marċi proċessjonali ....... 81
Marċi brijużi li se jindaqqu ....... 85
Żewġ Bandisti ġodda mal-banda tagħna ....... 89
Hemm tama jew qtajna qalbna? ....... 93
30 seconds of pain that will live with me forever ....... 97
Il-Konsagrazzjoni lill-Qalb bla Tebgħa ta' Marija matul iż-żmien ....... 110
Kbira u Ħelwa Ommna Marija ....... 112
Il-Figura ta' Marija matul is-Sena Liturġika ....... 115
Il-vara tad-Duluri meqjuma fil-knisja Ta' Ġieżu, il-Belt Valletta ....... 119
Id-Domma tal-Assunta ....... 122
Waqt it-tentazzjoni sejjaħ lil Marija! ....... 124
Tifkiriet tiegħi fl-Oratorju Qalb ta' Ġesù tal-Mosta ....... 128
Devozzjonijiet Marjani fil-Koran ....... 134
Il-Qisien Bażiċi fit-Tempji Neolitiċi Maltin ....... 140
Riflessjonijiet ....... 144
Proprjetà Inkomuni ....... 145
Id-Drawwa tas-Seba' Santa Marijiet ....... 148
Meta ma tkunx mill-Imġarr imma tħossok Imġarri ....... 150
Għotja Demm… estensjoni taċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa ....... 152
Il-Pjanti ....... 154
Salvu Gatt ta' Swiegel ....... 156
Il-Kor Regina Coeli ....... 158
"Agħmlu dak li jgħidilkom hu" ....... 160
Spreading Our Wings ....... 193
A Joy of Baking ....... 196
Il-Siġra tal-Lewż ....... 200
F'Jum il-Festa tal-Assunta ....... 201
Il-Passjoni lejn Timijiet Sportivi: Ix-Xjenza Tispjega ....... 204
Ġmiel t'Awwissu ....... 213
Min irreklama f'din il-pubblikazzjoni ....... 216



Pubblikazzjoni tas-
**Soċjetà Filarmonika**
**"Marija Mtellgħa s-Sema",**
**tal-Imġarr A.D.2011**

Fl-okkażjoni tal-Festa Titulari
ta' Santa Marija, Awwissu 2018

Editur:
Joseph Caruana

Qari tal-provi:
Chris Giordano

Ġbir tar-reklami:
Joseph Caruana
Maria Vella
Giovanni Gatt
Sharon Azzopardi

Ritratti:
Awturi tal-artikli
Arkivji
Michael Apap Bologna
Nicholas Apap Bologna
Roberto Apap Bologna
Sebio Aquilina
Joseph Caruana
Gordon Fee
Raymond Muscat

Ir-ritratt tal-kopertina juri l-banda
Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr iddoqq
l-innu l-kbir waqt il-ħruġ tal-purċissjoni
nhar il-Festa, 20 t'Awwissu 2017

Ħajr: Lill-Kumitat Eżekuttiv
tas-Soċjetà, lil dawk li ġabru
r-reklami, kontributuri tal-artikli,
u tar-ritratti, lid-ditti u lill-kumpaniji li
rreklamaw u lilkom li tapprezzaw
din il-pubblikazzjoni.



Ħadd ma jista' jikkopja jew juża parti
minn din il-pubblikazzjoni mingħajr
il-permess bil-miktub
tal-Kumitat Eżekuttiv tas-Soċjetà.

Il-kontenut tal-artikli mhux bilfors
jirrifletti l-opinjoni tas-Soċjetà Filarmonika
"Marija Mtellgħa s-Sema",
tal-Imġarr.

Kull reklam li jidher
f'din il-pubblikazzjoni huwa donazzjoni
lis-Soċjetà Filarmonika
"Marija Mtellgħa S-Sema",
tal-Imġarr.

Din il-pubblikazzjoni
qed titqassam bla ħlas.

Kull donazzjoni tiġi apprezzata.



Issettjat u Stampat
**Best Print Co. Ltd, Qrendi**
**21649012, 99499084**

In-Nutar

# Dr Tony Abela

(Anthony Abela)

Deputat Parlamentari
tad-Distrett



jawgura kull suċċess

lis-Soċjetà Filarmonika

Marija Mtellgħa s-Sema

tal-Imġarr

u jitlob li ningħaqdu

u nagħtuha sapport tassew.

Tel:
21454008

Fax:
21456114

Mob:
99493541

E-mail:
tony@nutarabela.com

# *Il-Patruna ta' qalb l-Imġarrin*




LAND-ROVER
Ciapella
garage
www.ciapella.com
At Malta's largest Land Rover vehicles only workshop, we will be pleased to assist you with any of the following:
Mechanical servicing, repairs and total rebuilds. Computer systems diagnostics and electronic faults clearing. Accident damage repairs, spray painting, and complete restorations. Very reasonable hourly rates and warranty on the repairs. Stockists/vehicles spare parts and accessories.
We represent the following brands:
BEARMACH PLC • T - MAX MAXIMUM OFF-ROAD RECOVERY • WARN • HI-LIFT • PRO COMP • MANTEC • EQUIPE • K&N PREFORMANCE FILTERS • DETROIT LOCKER • BRITPART • GOODRIDGE • SAFARI • ARB AIR LOCKER • EXMOORTRIM • RING AUTOMOTIVE
BF GOODRICH TYRES • SILVERSTONE TYRES • GENERAL TYRES • ALLMAKES • TERRAFIRMA
Ta' Hagrat Street – Mgarr MST 10. Tel: 2157 4615/2157 2504 – Email: adrian@ciapella.com
Mosta Road – Lija LJA 9012. Tel: 2141 4441 Fax: 2141 6837 – Email: info@ciapella.com
Join us on Facebook

# Il-Banda u l-Każin



Giovanni Gatt
*President*



Ħuti Mġarrin,

Wara t-twaqqif tal-banda issa beda x-xogħol fil-każin. Grazzi lil dawk kollha li rifsu fil-każin. M'iniex se nsemmi nies, imma rrodd ħajr lil kulħadd.

Biex beda x-xogħol fil-każin l-ewwel kien hemm bżonn essenzjali ta' perit. Is-Sur David Vassallo ġie fdat b'din ir-responsabbiltà filwaqt li s-Segretarju kkordina x-xogħol kollu. Barra dan, kien essenzjali l-intervent tal-Onor. Dr Ian Borg, li tana għajnuna kbira.

Iż-żmien ma jistenna lil ħadd, u wara 7 snin li ġiet inawgurata l-banda tagħna kulħadd japprezza li rnexxielna nsebbħu dejjem iżjed il-festa tal-Imġarr.

Din hi l-ħolma tal-banda, immexxija mill-kumitat entużjast bis-sehem tal-membri li jorganizzaw bla interessi personali kunċerti mużikali u servizzi bandistiċi għall-benefiċċju tar-raħal kollu, li jħoss li dan huwa rigal perpetwat lejn l-Imġarr.

Nixtieq nirringrazzja lil Mons. Kappillan u lill-kleru tas-sapport. Ħajr ukoll lill-komunità Franġiskana illi laqgħetna fil-kunvent għall-intervent mużikali. Grazzi wkoll lis-Surmast u l-Assistent tiegħu, lill-kumitat kollu, il-Kunsill Lokali u lilkom, ħuti Mġarrin.

Jalla jkollna festa suċċess bħas-snin l-oħra, biex il-parroċċa kollha tingħaqad madwar Ommna Marija Mtellgħa s-Sema.

Awguri mill-qalb!










Wara mix-xellug: Angela Muscat, Gordon Fee, Dr Sonia Consiglio, Maria Vella, John Bugeja, Christian Vella u Sharon Azzopardi
Quddiem mix-xellug: Colin Falzon (Viċi President), Joseph Caruana (Segretarju Ġenerali), Giovanni Gatt (President), Rose Apap Bologna (Kaxxiera), Frank Schembri u Sandro Muscat
Inset: Sandro Muscat




**Bnadar tal-gallariji għall-bejgħ**

Prezz: €25 • Ċempel 79674678

# Kumitat Eżekuttiv 2017-2019

## *Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema", L-Imġarr A.D. 2011*

**Presidenti Onorarji**
In-Nutar Dr. Tony Abela
L-Onor. Dr. Godfrey Farrugia MP
L-Onor. Ministru Dr. Ian Borg MP
Is-Sur Louis Vella
Is-Sur Raymond Muscat
Is-Sur Michael Attard
Is-Sindku s-Sur Paul Vella
Is-Sur Paul Camilleri
Is-Sur Antoine Azzopardi

**Membri Onorarji**
Is-Sur Nazju Schembri
Is-Sur Tony Vella
Is-Sinjura Doris Vella
L-Inġinier Mario Sammut

**Segretarju Ġenerali**
Is-Sur Joseph Caruana

**President**
Is-Sur Giovanni Gatt

**Kaxxiera**
Is-Sinjura Rose Apap Bologna

**Assistenti Segretarju**
Is-Sur Frank Schembri
L-Avukata Dr Sonia Consiglio LL.D

**Viċi President**
Is-Sur Colin Falzon

**Assti. Kaxxiera**
Is-Sinjura Anġela Muscat
Is-Sinjura Maria Vella

**P.R.O**
Is-Sur Frank Schembri

**Delegat Briju u Spettaklu**
Is-Sur Christian Vella

**Delegat tal-Banda**
Is-Sur Joseph Caruana

**Rappreżentant Kummissjoni Festa**
Is-Sur Joseph Caruana

**Membri**
Is-Sur Gordon Fee
Is-Sur Sandro Muscat
Is-Sur John Bugeja
Is-Sinjura Sharon Azzopardi

**Rappreżentanti Għaqda Każini tal-Banda**
Is-Sur Joseph Caruana
Is-Sur Christian Vella

**Surmast Direttur u Għalliem tar-Ramm u Perkussjoni**
Mro Tancred Grech
FLCM, LLCM,
B.A(Hons)Music, PGCE

**Assistent Surmast**
Mro Mauro Spiteri
A(Mus) LCM., A.L.C.M.

**Għalliema Strumenti tal-Qasba**
Is-Sinjorina Beatrix Calleja
Dip LCM, ALCM, BMus.LSM
Is-Sur Henry Fenech,
ALCM, Dip. (Music)LCM

**Għalliem tat-teorija**
Is-Sur Christopher Tanti
B.A(Hons) Music

**Perit tal-Każin**
Il-Perit David Vassallo
BE&A(Hons), MSc., A&CE

**Awditur**
Is-Sur Antoine Borg
FCCA FIA CPA

**Nutar tal-Każin**
In-Nutar Dr Tony Abela BA, NP, ND

**Konsulenti Legali**
L-Avukat Dr Mattia Felice LL.B, LL.D
L-Avukat Noella Scriha LL.D
L-Avukat Dr Sonia Consiglio LL.D

**Direttur Spiritwali**
Mons. Kalċidon Vassallo



# Ninsabu fuq l-għatba tal-ewwel safra tal-banda



Joseph Caruana
*Segretarju Ġenerali*

Imġarrin,

Jum wara jum, ġimgħa wara l-oħra, u Awwissu reġa' magħna, u la qegħdin f'Awwissu ninsabu biss ftit jiem 'il bogħod mill-isbaħ jiem tas-sena, iż-żmien tal-festa tagħna l-Imġarrin. Issa ilni bosta snin noqgħod f'dan ir-raħal sabiħ, u għalkemm ma ničħad qatt raħal twelidi, illum b'sodisfazzjon ngħid li nħossni Mġarri bħalkom. Dan kollu grazzi għalikom, li sa mill-ewwel jiem li rsaqt lejn dan ir-raħal ilqajtuni u ġegħeltuni nħossni wieħed minnkom. Imġarrin, emmnuni, dan ir-raħal irbattu ma' qalbi, u tafu kemm nistinka u naħdem biex inkompli ngħolli ismu 'l fuq. Imma mhux waħdi. Dan dejjem nagħmlu magħkom.

Ħbieb, kif tafu ninsabu fuq l-għatba tal-ewwel safra tal-banda tagħna. Taħsbux li din xi ċajta. Din biċċa wġigħ ta' ras kbira u tirrikjedi attenzjoni u impenn kbir. L-ewwel nett din is-safra hi frott il-ġemellaġġ li l-Kunsill Lokali tal-Imġarr għandu ma' dak ta' Mathi, Turin, ġemellaġġ li ilu bosta snin. Fi Frar ta' din is-sena l-Banda Prinċipessa Jolanda għamlet żjara f'raħalna, fejn anke ħadet sehem f'żewġ kunċerti mużikali. Żgur li tiftakru l-kunċert li sar fil-knisja taż-Żebbiegħ nhar is-Sibt, 3 ta' Frar 2018. Dakinhar il-banda tagħna flimkien mal-banda ta' Mathi tellajna kunċert mużikali ta' livell għoli fil-knisja Sant'Anna taż-Żebbiegħ. Il-kollaborazzjoni bejnietna baqgħet tagħti l-frott.

Ftit jiem wara l-Komun tal-Piemonte għoġbu jistieden lill-banda tagħna biex tagħmel żjara f'din il-provinċja. Għall-ewwel bżajt u ġejt bejn ħaltejn jekk naċċettawx jew le, però meta rajt il-koperazzjoni kbira tal-Kunsill Lokali, l-iktar tas-Sindku s-Sur Paul Vella u l-kunsillier is-Sur Mario Sammut, ma stajtx nibqa' lura. Wara li ddiskutejna din l-istedina mal-kumitat iddeċidejna li naċċettaw din l-istedina.

Minnufih bdew il-preparamenti. Delegazzjoni magħmula mis-Sindku u l-kunsillier Sammut telgħet fil-Piemonte, biex jiddiskutu din iż-żjara u fl-istess waqt jaraw fejn se ddoqq il-banda u anke fejn se joqgħod il-kontinġent Imġarri waqt din il-mawra. Niftakar dak iż-żmien jien kont fuq btala Ruma u ċempilli s-Sindku minn Turin biex niddeċiedu d-dati. Wara li ġew magħżula d-dati ġie mfassal programm u bdejt infittex il-bandisti li se jiġu jdoqqu magħna flimkien ma' dawk Imġarrin. Ma kinitx faċli, taħsbux, imma bil-għajnuna t'Alla rnexxieli wkoll. Is-Surmast ħa ħsieb ukoll jipprepara l-mużika li se tindaqq.

Ta' min jgħid li l-banda tagħna se tagħmel żewġ kunċerti tal-Milied. Dawn se jkunu f'Mathi u Nole, żewġ irħula li jinsabu viċin ferm tal-belt ta' Turin. Iż-żjara tagħna se tkun bejn it-13 u s-17 ta' Diċembru, u minn qalbi nistedinkom tiġu magħna għal din l-okkażjoni unika fejn il-banda tagħna se tkun qed tirrappreżenta lil Malta u lill-Imġarr. Unur li jgħabbina b'responsabbiltà kbira. Imma nemmnu li se jirnexxilna.

Bla ebda dubju s-safra tal-banda kellha bżonn ħafna impenn, imma aħna ma għamilniex dak biss. Kif kont għedtilkom bħal dan iż-żmien sena, il-proġett tal-każin hu l-prijorità tal-

ġurnata. Dan żammejnieh. Kif tafu, ix-xogħol beda u miexi b'ritmu tajjeb. L-ewwel fażi issa tlestiet u qed nistennew l-approvazzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar biex nibdew it-tieni fażi. Din se tkun l-iktar fażi kruċjali fil-proġett kollu, għax hi l-parti tal-binja tal-każin. Iktar 'il quddiem f'dan il-ktieb se ssibu artiklu dedikat lil dan il-proġett, li se jispjega eżatt x'sar u x'se jsir. Ma nistax ma nirringrazzjax lil dawk il-voluntiera kollha li qed jagħtu s-sehem tagħhom f'dan il-proġett. Żgur li kieku ma kienx għalihom illum għadna ma bdejniex. Partikolarment nixtieq nirringrazzja lill-Onor. Ministru Dr Ian Borg li qed jagħtina għajnuna kbira biex inlestu l-każin. Nirringrazzja wkoll lill-Perit David Vassallo tax-xogħol tiegħu. M'iniex se nsemmi lill-voluntiera l-oħra, li huma ħafna, għax nibża' li nħalli lil xi ħadd barra. Minn qalbi grazzi talli kull meta nitlobkom xi ħaġa tiġu tgħinuna bil-qalb. Issa għat-tieni fażi għandna bżonn kuntrattur jew kuntratturi biex jgħinuna nibnu l-każin ħalli dan ikun lest u jkun jista' jibda jitgawda fl-iqsar żmien possibbli. Nemmen li b'naqra mingħand kulħadd, naslu.

Il-banda u t-tagħlim tal-mużika jibqgħu prijorità. L-għaqda tagħna tiddedika ħafna ħin għal dan l-iskop. Din is-sena bis-saħħa ta' proġett li ħadna mingħand l-Aġenzija Żgħażagħ stajna noffru lezzjonijiet iktar speċjalizzati fuq l-istrumenti tal-qasba. Għamilna diversi masterclasses kif ukoll group lessons biex nippreparaw aħjar lill-allievi u l-bandisti tagħna. Jiddispjaċini ngħid li l-attendenza tal-allievi u l-bandisti xi drabi kienet fqira, u jinkwetani l-fatt meta l-bandisti jaħsbu li għax bdew idoqqu mal-banda u forsi kellhom xi servizz ma' baned barranin issa jistgħu jieqfu jistudjaw. Taf kemm taf qatt mhu biżżejjed. Il-lezzjonijiet ta' kull ġimgħa huma importanti biex inti tibqa' tiżviluppa t-talent tiegħek.

F'dik li hi teorija tal-mużika bqajna mexjin 'il quddiem. Wara l-festa tas-sena l-oħra dan il-qasam ġie fdat f'idejn l-għalliem Christopher Tanti, żagħżugħ enerġetiku u kkwalifikat mill-Università ta' Malta fil-mużika. B'sodisfazzjon ngħid li l-allievi li resqu għat-teorija kollha kisbu distinction. Dan żgur li hu sinjal ċar ta' kemm noffru lezzjonijiet ta' livell għoli. Din is-sena se nressqu wkoll allievi għall-eżamijiet tal-prattika bl-istrument.

Is-servizzi mużikali din is-sena komplew jiżdiedu. Fis-sena 2018 se nkunu għamilna 22 servizz mużikali. Meta tinkludi ż-żewġ kunċerti li se nagħmlu l-Italja jkun ifisser li 7 servizzi se jkunu barra mill-Imġarr. Il-banda daqqet bħas-sena li għaddiet fil-festi tal-Kalkara, Ħal Lija, Wied il-Għajn u l-Belt Valletta. Il-fatt li l-banda tiġi mistiedna sena wara l-oħra juri biċ-ċar li l-prestazzjoni li nagħtu tkun tajba. B'sodisfazzjon ngħid ukoll li mis-sena d-dieħla 'l quddiem il-banda tagħna se tibda tieħu sehem waqt is-serata ta' Ġieħ l-Imġarr. Għalkemm għadu kmieni, nappellalkom biex tiġu għal din is-serata, fejn importanti li jingħata ġieħ lil dawk li jagħtu xi ħaġa iktar lill-Imġarr.

Kellna sena mimlija attivitajiet soċjali. Dawn kienu ferm importanti biex niġbru l-fondi neċessarji biex inwettqu l-pjanijiet tagħna. Konna tim tajjeb u rnexxielna niksbu suċċess f'kull attività li għamilna. Jekk int li qed taqra dan il-messaġġ tixtieq tissieħeb magħna, il-bibien tagħna miftuħin għalik. Bil-quddiem nirringrazzjak tal-għajnuna tiegħek.

Qabel nagħlaq nixtieq nirringrazzja lil sħabi kollha tal-kumitat tal-għajnuna tagħhom, lill-Kappillan Mons. Kalċidon Vassallo u l-kleru, lis-Sindku s-Sur Paul Vella u l-kunsilliera li għal sena oħra laqgħuna għandhom biex nagħmlu l-lezzjonijiet tal-mużika u l-laqgħat tagħna, u lilkom, Imġarrin, tas-sapport tagħkom. Fl-aħħar nett nixtieq nirringrazzja lill-mara tiegħi Vanessa tal-paċenzja kbira li tieħu biex jien inkun nista' nwettaq ix-xogħol tal-każin u l-banda.

Minn qalbi nawguralkom il-festa t-tajba.

Viva Santa Marija, patruna tagħna l-Imġarrin!

CAFE
BAR & GRILL
Cavett Place
EST.2003






ĊAVETT PLACE
Main Street, L-Imġarr,
Malta
Mob: 7944 1327
Tel: 2157 5738
We Cater for
all Occasions



# Impenn sħiħ biex inkomplu nkabbru l-Banda tagħna

Rose Apap Bologna
*Kaxxiera*

Għeżież Imġarrin,

Il-festa reġgħet magħna, u kif nagħmel ta' kull sena se nippreżentalkom rendikont tas-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema, l-Imġarr, AD 2011, għas-sena Ottubru 2016 – Settembru 2017. Kif ħa taraw, il-Banda tagħna miexja dejjem iktar 'il quddiem, dan kollu grazzi għall-ħidma kontinwa tal-kumitat eżekuttiv, bil-preżenza tagħkom għall-attivitajiet li norganizzaw kif ukoll bid-donazzjonijiet li jogħġobkom tagħtuna.

**Dħul**

Għas-sena 2016-2017 id-dħul żdied b'ammont sostanzjali, minħabba l-fatt li bbenefikajna mill-fondi tal-kawżi ġusti biex xtrajna sett timpani. Dawn qed jintużaw kull meta jkollna xi programm mużikali.



It-tnabar Timpani

Żieda oħra f'donazzjonijiet kienet mingħand l-Aġenzija Żgħażagħ, li permezz ta' żewġ proġetti li qed inwettqu din is-sena nxtraw xi strumenti kif ukoll koprew parti sostanzjali mill-ispejjeż tal-għalliema tal-mużika. Grazzi lis-Segretarju s-Sur Joseph Caruana, li jkompli jinsisti għal dawn il-fondi.

Id-dħul mid-diversi attivitajiet naqas b'6%, ikkomparat mas-sena ta' qabel, dan għax naqas il-bejgħ mis-CDs. Is-Sezzjoni Nisa ġabru €1,500 mill-attivitajiet li għamlu huma matul is-sena. Kellna żieda wkoll fil-menswalità wara li bħala kumitat iddeċidejna li ssir iktar enfasi biex jinġabru dawn il-fondi u b'hekk inkabbru l-membri ta' din is-Soċjetà.

Fit-28 ta' Mejju 2017 ħriġna bi skema ġdida (Sehmi għall-Każin Tiegħi) biex niġbru fondi bil-għan li nirranġaw bini (li jinsab iktar 'l isfel mill-kunsill lokali) li għad ikun il-każin tal-banda. Minn din l-iskema daħħalna €3,542 u għandna 20 membru. Hemm membri li jagħtu d-donazzjoni tagħhom kull xahar u hemm min kull sena. Kellna wkoll individwi li tawna donazzjoni ta' darba. Dawn il-fondi qed jintużaw biss għal dan il-proġett. Hawn irrid insemmi u nirringrazzja lil dawk il-voluntiera kollha li jiġu kull meta jkun hemm bżonn xi xogħol fil-każin, u lil dawk li b'xi mod jew ieħor għenuna. **Din l-iskema għadha miftuħa għal min irid jidħol fiha.**

Il-logo uffiċjali tal-iskema *Sehmi għall-Każin Tiegħi*

**Ħruġ**

Għas-sena 2016-2017 kellna żieda fil-ħruġ. Kien għad baqgħalna nħallsu xi spejjeż

relatati mas-CD li konna ħriġna f'għeluq il-ħames snin minn meta twaqqfet il-Banda.

Żdiedu wkoll il-pagamenti tal-għalliema tal-banda, biex inkomplu ntejbu l-livell tat-tagħlim.

Barra minn dan kien għad baqgħalna nħallsu s-sevizz tal-bandisti tas-sena 2016. Is-servizz tal-bandisti tal-2017 tħallas f'Ottubru 2017.

Il-Banda żiedet servizz ieħor ma' tas-snin ta' qabel, għax intalbet biex iddoqq għall-ewwel darba fil-Kalkara għall-festa ta' San Ġużepp. Dan seħħ fis-16 ta' Lulju 2017.

Kif qed taraw, is-Soċjetà qiegħda kull sena dejjem tikber iktar u qed tiġi mitluba ddoqq f'diversi rħula u bliet.

It-tabella li jmiss turi servizzi li tat il-Banda fis-sena 2017:

| | |
|---|---|
| Ave Crux | 26 ta' Marzu 2017 |
| Marċ San Ġużepp – il-Kalkara | 16 ta' Lulju 2017 |
| Marċ tas-Salvatur – Ħal Lija | 27 ta' Lulju 2017 |
| Marċ Sant'Anna – Marsaskala | 30 ta' Lulju 2017 |
| Marċ San Duminku – Il-Belt Valletta | 3 ta' Awwissu 2017 |
| Ħruġ tal-vara – l-Imġarr | 4 ta' Awwissu 2017 |
| Quddiesa tal-festa għat-tfal – l-Imġarr | 11 ta' Awwissu 2017 |
| Marċ ta' filgħodu – l-Imġarr | 13 ta' Awwissu 2017 |
| Programm sagru fil-knisja parrokkjali – l-Imġarr | 13 ta' Awwissu 2017 |
| Marċ tal-aħħar tridu – Santa Marija | 18 ta' Awwissu 2017 |
| Programm u marċ fuq iz-zuntier – l-Imġarr | 19 ta' Awwissu 2017 |
| Marċ, programm u purċissjoni ta' Santa Marija – l-Imġarr | 20 ta' Awwissu 2017 |

Qabel ma nagħlaq nixtieq nirringrazzja lil:

* sħabi tal-kumitat, tal-appoġġ li dejjem jagħtuni;
* lis-Surmast Direttur tagħna Tancred Grech, lill-Assistent Surmast Mauro Spiteri u lill-għalliem Henry Fenech, tad-dedikazzjoni tagħhom għall-Banda tagħna;
* lill-Awditur is-Sur Antoine Borg, tal-paċenzja u s-sapport kbir li jagħtina biex jivverifika l-accounts tal-Banda;
* lir-raġel tiegħi Roberto, talli dejjem jagħtini kull sapport li jkolli bżonn fix-xogħol tiegħi bħala kaxxiera, kif ukoll lit-tfal tiegħi Michael u Nicholas Apap Bologna tax-xogħol li nqabbadhom għall-Banda;
* lis-Sindku u l-kunsilliera tal-Imġarr talli jipprovdulna post fejn ngħallmu l-banda;
* lis-Sur Christopher Tanti, li ngħaqad mal-familja tagħna u beda jgħallem it-teorija;
* lilkom ilkoll tas-sapport li tagħtuna.

L-aħħar kelma qabel ma nagħlaq hi li nħeġġiġkom biex tħajru lit-tfal tagħkom (u anki l-adulti) biex jibdew jitgħallmu xi strument, u lilkom biex tingħaqdu bħala membri fil-Banda tagħna. Il-festa t-tajba lil kulħadd. Nawgura li din il-festa ta' Santa Marija ġġib ħafna għaqda bejnietna l-Imġarrin. Viva Santa Marija! *(Ara r-rendikont f'paġna 79)*

# INFAĦĦRUK DEJJEM




# Tinbiegħ €10

**L-EWWEL PARTI - VOKALI**

1. **Innu Popolari – Infaħħruk Dejjem** ........ *Versi: Joseph Caruana – Mużika: Tancred Grech – Tkanta: Michela Galea* ........ **3:24**
2. **Innu Popolari – L-Imġarr iben Marija** ........ *Versi: Gianni A. Cilia – Mużika: Vincenzo Ciappara – Ikanta: Il-kor Regina Coeli* ........ **4:56**
3. **L-Innu l-kbir – Lil Santa Marija** ........ *Versi: Dun Orazio Vella – Mużika: Joseph Abela Scolaro – Ikanta: Il-kor Regina Coeli* ........ **14:28**
4. **Innu Marċ – F'jum il-festa** ........ *Versi: Joe Sammut – Mużika: Mary Cauchi – Arr. Victor Zammit – Ikanta: Il-kor Regina Coeli* ........ **3:38**
5. **Innu Marċ – Sultana tal-Imġarr** ........ *Versi: Joe Julian Farrugia – Mużika: Tancred Grech – Tkanta: Marita Bezzina* ........ **5:26**
6. **Innu tal-Banda – 'Marija Mtellgħa s-Sema'** ........ *Versi: Kav. Ġorġ Bianchi – Mużika: Mario Testa – Tkanta: Marita Bezzina* ........ **3:20**

**IT-TIENI PARTI - STRUMENTALI**

7. **Innu Popolari – Infaħħruk Dejjem** ........ *Versi: Joseph Caruana – Mużika: Tancred Grech* ........ **3:24**
8. **Innu Popolari – L-imġarr iben Marija** ........ *Versi: Gianni A. Cilia – Mużika: Vincenzo Ciappara* ........ **4:56**
9. **Marċ Brijuż – Katya** ........ *Tancred Grech* ........ **4:58**
10. **Marċ Brijuż – Martina** ........ *Mauro Spiteri* ........ **4:46**
11. **Marċ Brijuż – Nathan il-king** ........ *Tancred Grech* ........ **4:46**
12. **Innu Marċ – F'jum il-festa** ........ *Versi: Joe Sammut – Mużika: Mary Cauchi – Arr. Victor Zammit* ........ **3:38**
13. **Innu Marċ – Sultana tal-Imġarr** ........ *Versi: Joe Julian Farrugia – Mużika: Tancred Grech* ........ **5:26**
14. **Innu tal-Banda – 'Marija Mtellgħa s-Sema'** ........ *Versi: Kav. Ġorġ Bianchi – Mużika: Mario Testa* ........ **3:20**

**Surmast Direttur** Mro. Tancred Grech FLCM, LLCM, BA (Hons) Music, PGCE

Il-**Kor Regina Coeli** kien taħt id-direzzjoni ta' Mro. Mary Cauchi BA (Hons) L.Mus LCM, ALCM

Irrekordjat fi Skylight Studios Lija. Recording Engineer Alec Massa

Ħajr lil Jimmy u Maria Vella, Dine West Restaurant, Vella Mechanical Services, Mġarr & Attard Line Dancing Group, Theresa Quattromani (Tal-Berqu) Josephine Borg (ta' Saqqafi) u Horsley Park Community Social Group.

Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema, l-Imġarr A.D. 2011 © Kull dritt riservat

# DVD UFFIĊJALI

tal-festa kollha maħruġ
mis-**Soċjetà Filarmonika**
**Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr**



- **BANED**
- **NAR**
- **KNISJA**
- **ARMAR**

Prezz: €25



Id-DVD se jkun miġbud u editjat b'mod professjonali minn Sebio Aquilina ta' Audiovisual Productions.

Jekk tixtieq tirreklama jew twassal l-awgurju tiegħek fid-DVD kellimna fuq **79674678**.



Għall-bookings u iktar dettalji ċempel fuq **79674678** jew ibgħat email lil **mgarrband2011@gmail.com**.




**P.L & R Excavations** (Tal-Palmier)

*General Excavation & Demolition works*
*Supplies of beams & old building stones*

Mobile: **79472898, 99498688, 99473250**

# Marċ ta' Filgħodu






**Il-Ħadd, 12 ta' Awwissu 2018**
mill-10.00am 'il quddiem

**Il-marċ se jibda minn fejn il-Knisja taż-Żebbiegħ**
**Grazzi lil dawk kollha li kkontribew għal dan il-marċ**





# Festa 2018
















































































Il-President
is-**Sur Giovanni Gatt**
jawgura kull suċċess
lill-Banda
**"Marija Mtellgħa s-Sema"**
u jwiegħed lill-Imġarrin
l-appoġġ
sħiħ tiegħu biex tissokta
tikber u tissaħħaħ.

Viva l-Banda
**"Marija Mtellgħa
s-Sema"**,
tal-Imġarr




MARĊ U SPETTAKLU
IL-MARĊ TAL-AĦĦAR JUM TAT-TRIDU
Il-Ġimgħa 17 ta' Awwissu 2018
mill-10.30pm 'il quddiem
f'Wesgħat il-Ġublew
NAR
Briju
Banda
Feature
Dawl
Mistieden speċjali Pierre Cordina


Unlimited Pure Water at HOME!
ecosoft
water professionals
NEW, HEAVY DUTY
under sink reverse osmosis purifier
5 YEAR GUARANTEE ON MOTOR
A&A Mizzi Limited
T. 2148 8168
www.aamizzi.com




# MĠARR SNACK BAR (Tal-Baġlu)

*Sir Harry Luke Street, L-Imġarr*

Open daily for Tea, toast & light snacks
Appetizers are served with drinks
Wish all clients a happy feast




BNF BANK
Opportunities start with a conversation.
Some opportunities are a lifetime in the making.
Some appear out of thin air. Some are achieved through hard work.
The one thing they share is they all start with a conversation.
We're ready to listen.
Call 2260 1000 | www.bnf.bank
BNF Bank plc is a credit institution licensed by the MFSA to undertake the business of banking in terms of the Banking Act 1994.


Laflafett Co. Ltd.
Agricultural and Horticulture Products
Għall-bżonnijiet agrikoli tiegħek
Għal kull tip ta':
Xitel tal-Frawli (pots, friża u friska)
Tilqim ta' xitel ta' Tadam, Bettiegħ, Ħjar, Brunġiel u Dulliegħ
Kull tip ta' xitel ieħor bħal Pastard, Kaboċċi, Qarabagħli, Basal, Kurrat, Karfusc eċċ.
• Plastic għas-serrer
• Peat bags u coco peat bags
• Prodotti bijoloġiċi
• Sistema ta' drip
• Eċċ.
Scan the QR Code to go on our website
LAFLAFETT CO. LTD
St Joseph Binġemma Road,
Mġarr MGR2601
Mob: 99899831 (Richard J. Vella)
Mob: 99403342 (John S. Vella)
Find us on Yellow discover local. Scan the QR code.




Minn qalbi nawgura
l-festa t-tajba lil kulħadd
filwaqt li nixtieq
iktar suċċessi
lis-Soċjeta' Filarmonika
Marija Mtellgħa s-Sema

**Dr. Sonia Consiglio**
Avukat u
Konsulent Legali

Uffiċċini 12, Triq ix-Xagħra tal-Knisja, Mgarr - MGR 1424
92, Triq il-Ferrovija l-Qadima, St. Venera - SVR 9015
Mobile 9940 6207
Email avukat.consiglio@gmail.com


THEHATCH
Sports Bar & Pub
100, Fisher Road, Mgarr
(+356) 99 457 629
thehatch@onvol.net
Find us on
Facebook


St. Mary's
Bakery
Tal-Pewx
Suppliers of Traditional Maltese & Fancy Bread
for Grocers, Confectionery, Restaurant and Snacks Bars
Mob: 9947 5459 / 7723 7702


Ta' Falzon Landrovers Ltd.
VALLEY ROAD, MSIDA. MALTA. MSD 9022
Tel: 2149 2186 - Fax: 2148 7504
James Falzon - 9949 2387 Colin Falzon - 9942 8383
email: colfal@onvol.net
www.jcfalzon.com
LAND ROVER
After you have seen the rest,
Come and buy it from the best!


TFLL
HIRE OF TOWER LADDERS
BEST PRICES ON THE ISLAND
Tel: 2149 2186 - Fax: 2148 7504
James Falzon - 9949 2387 Colin Falzon - 9942 8383



# Nies ġenerużi u qalbiena



Colin Falzon
*Viċi President*

Imġarrin, Awwissu wasal u miegħu waslet ukoll il-festa tagħna l-Imġarrin. Għal dan iż-żmien partikolari tas-sena ilna nippreparaw tnax-il xahar. Trid tkun involut biex tapprezza kemm tinvolvi impenji l-organizzazzjoni tal-festa. Aħna tal-banda, minkejja li għaddejjin bil-proġett tal-każin, xorta ma naqqasna xejn mill-festa. Dan kollu kien possibbli bil-ġenerożità tagħkom.

Is-sena li għaddiet għamilna għall-ewwel darba l-marċ ta' filgħodu. Din is-sena dan il-marċ li kien ilu tant mistenni se jerġa' jsir, u hawn nixtieq nirringrazzja lil dawk id-ditti u individwi li tawna donazzjoni biex inkopru l-ispejjeż ta' dan il-marċ.

Jien inħeġġiġkom biex tipparteċipaw fl-attivitajiet kollha li norganizzaw fil-jiem tal-festa. Il-festa hi tradizzjoni u attività kulturali li tiġi organizzata biex tagħti ġieħ lill-patruna tagħna Santa Marija.

L-Imġarr minn dejjem kien mogħni b'nies ġenerużi u qalbiena. Aħna sodisfatti bl-għajnuna li qed insibu biex inwettqu l-proġetti tagħna, l-iktar dak tal-każin. Fl-istess waqt nixtieq inħeġġeġ lil dawk li qed joqogħdu lura biex huma wkoll jagħmlu dak il-pass u jiġu jagħtu dik id-daqqa t'id tant prezzjuża li tagħmlilna iktar kuraġġ.

Minn qalbi nixtieq nirringrazzja lill-Kappillan Mons. Kalċidon Vassallo u l-kleru, lis-Sindku s-Sur Paul Vella u l-kunsilliera tas-sapport li jagħtuna, u lil sħabi tal-kumitat, li flimkien naħdmu biex dejjem ikollna festa isbaħ minn tas-sena ta' qabel. Fl-aħħar nett nixtieq nirringrazzja lilkom li tant għandkom għal qalbkom din il-banda. Nawguralkom il-festa t-tajba.




QUICKSILVER®
JOBE
QS555 OPEN
5.47 x 2.29m | Max 115Hp | 6 Adults
QS555 + Canopy + Trailer + WC + Mercury 115Hp from €24999
QS455 CABIN
CABIN FOR 2
4.44 x 2.12m | Max 60Hp | 4 Adults
QS455 + Canopy + Trailer + WC + Mercury 40Hp from €13999
QS505 CABIN
CABIN FOR 2
5.20 x 2.12m | Max 100Hp | 5 Adults
QS505 + Canopy + Trailer + WC + Mercury 80Hp from €19999
QS755 SUNDECK
7.23 x 2.55m | Max 300Hp | 8 Adults
CABIN FOR 2
QS755SD + Kitchenette Complete + WC + Canopy + Mercury 225Hp Verado from €54999
QS805 CRUISER
7.88 x 2.55m | Max 400Hp | 9 Adults
CABIN FOR 4
QS805 + Kitchenette Complete + WC + Canopy + Mercury 200Hp Verado from €69999
QS755 WEEKEND
7.76 x 2.85m | Max 300Hp | 9 Adults
CABIN FOR 4
QS755SD + Kitchenette Complete + WC + Canopy + Mercury 225Hp Verado from €59999
Mecca Marine
MECCA ENTERPRISES LTD
473, St. Paul's Street, St. Paul's Bay
T: 2157 3278 / 7973 2783
E: mecca@mecca.com.mt
www.mecca-marine.com
Powered by MERCURY

Ranieri
INTERNATIONAL
Boats & Ribs

## Available from stock!



### SEALADY 24

| | | | |
|---|---|---|---|
| Length | 7.15 m | Persons | 8 |
| Beam | 2.50 m | HP max | 300Hp |

SeaLady 24 + Mercury Verado 225Hp

**€49,995**

### REVOLUTION 450 — €14,699



REVOLUTION 450 + 40Hp + Trailer

### VOYAGER 21S — €34,999



VOYAGER 21S + 115Hp + Trailer

### SHADOW 22 — €36,999



SHADOW 22 + 150Hp + Trailer

## SAVE UP TO €1000 ON MERCURY PACKAGE DEALS

### CAYMAN 28 SPORT TOURING



**Special Offer**

*8.55 x 3.40m | 20 Adults | Max 500Hp*
*+ Mercury 300Hp VERADO*

**€79,999**

### CAYMAN 18 SPORT



### CAYMAN 26 SPORT TOURING



### CAYMAN 31 SPORT TOURING



Mecca Marine

**MECCA ENTERPRISES LTD**
473, St. Paul's Street, St. Paul's Bay
**T:** 2157 3278 / 7973 2783
**E:** mecca@mecca.com.mt
**www.mecca-marine.com**

Powered by MERCURY
JOBE



Jean Pierre DEBONO
u l-familja tiegħu jawguraw
Il-Festa t-Tajba
lill-Imġarrin kollha
Cell: 99470062
Social: facebook.com/JeanPierreDebono/



# Il-banda tagħna ġiet mistiedna biex titla' ddoqq fil-provinċja tal-Piemonte, l-Italja

Paul Vella
*Sindku*

Ħuti Mġarrin,

Ninsabu fix-xahar sabiħ ta' Awwissu, ix-xahar tal-festa tagħna. Kif nagħmel kull sena, qed inwasslilkom dan il-messaġġ f'okkażjoni hekk importanti għalina l-Imġarrin.

Tul dawn it-tnax-il xahar il-Kunsill Lokali tal-Imġarr kompla fuq dak tas-snin imgħoddija u ta s-sapport tiegħu lill-banda Mġarrija. Offra l-premises tiegħu biex isir it-tagħlim tal-prattika kif ukoll tat-teorija tal-mużika. Mhux biss, iżda offra l-premises tal-kunsill biex isiru l-laqgħat tal-kumitat, delegazzjonijiet u laqgħat ġenerali. Kif jaf kulħadd, il-banda tal-Imġarr qed taħdem fuq il-proġett tal-każin tagħha. Il-Kunsill ukoll kien ta' għajnuna f'dan il-proġett u għen fit-trasport ta' xi materjal, fost għajnuna oħra li ta.

Wara li s-sena l-oħra l-Kunsill flimkien mal-banda tal-Imġarr tellajna programm ta' mużika funebra fil-knisja parrokkjali għal żmien ir-Randan. Din is-sena, filwaqt li dan il-programm reġa' sar, il-Banda tellgħet programm flimkien mal-Banda Principessa Yolanda ta' Mathi. Dan kien fi Frar, u sar fil-knisja ta' Sant'Anna fiż-Żebbiegħ. Ta' min jgħid li din kienet l-ewwel darba li daqqet banda f'din il-knisja. Dan mhux biżżejjed. Frott il-ġemellaġġ li l-Kunsill Lokali tal-Imġarr għandu flimkien ma' dak ta' Mathi, il-Banda tagħna ġiet mistiedna biex titla' ddoqq fil-provinċja tal-Piemonte, l-Italja. Il-Kunsill Lokali flimkien mal-kumitat tal-Banda laqgħu din l-istedina bil-ferħa, u b'sodisfazzjon kbir ngħidilkom li l-Banda tal-Imġarr se tmur iddoqq f'Turin. Dan se jkun bejn it-13 u s-17 ta' Diċembru 2018. Il-Banda se tieħu sehem waqt żewġ kunċerti tal-Milied. Għal dan il-għan fassalna programm u qed nistednukom biex tiġu magħna u tkunu preżenti għal din l-ewwel safra tal-Banda Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr.

Hu ta' sodisfazzjon kbir li din l-għaqda żagħżugħa qed tagħmel suċċess. Nieħdu pjaċir nisimgħu li fl-okkażjoni tal-festa, il-banda se titkattar b'żewġ bandisti ġodda, frott din il-Banda. Għalhekk nappellalkom biex tgħinu kemm tistgħu lil din l-għaqda li qed tagħmel il-ġid. It-tagħlim tal-mużika hu strumentali fil-kultura ta' pajjiżna. Minbarra dan it-tagħlim tal-mużika, hu wkoll arti u edukazzjoni.

F'isem sħabi l-kunsilliera u l-istaff tal-Kunsill Lokali nixtieq nawguralkom il-festa t-tajba.

Viva Santa Marija!

# N. Tabone

## Hi up Services

**Ġarr ta' torba, konkos, bricks etc...**




**Contact: 9971 4647**

# RPJ



**New Tyres:**

- Car
- 4x4
- Light Truck and Van
- Heavy Truck
- Agriculture
- Off the Road
- Earth Moving

- Alloy Wheels
- All Tyre Repairs
- Wheel Balancing
- Car Care Products





Sole Agents for:

LASSA Radar petlas

Alloy Wheels:

MAK Arcasting

Also Available Brands:

Firestone GOODYEAR Hankook MICHELIN BRIDGESTONE BFGoodrich PIRELLI DUNLOP TOYOTIRES




Mobile: 99 042 285 / 99 448 417

Email: rpjtyresandwheels@gmail.com

Website: www.rpjtyres.com

Address: 236, Triq iz-Zebbiegh, Mgarr, MGR 9030

Opening Hours:

Monday – Friday: 7:00 – 18:00

Saturday: 7:00 – 13:30



# Il-banda hija parti integrali mill-attivitajiet tal-festa



Dr Sonia Consiglio LL.D
*Asst. Segretarju Fondi Lokali u UE*

Insellmilkom

Qegħdin f'nofs is-sajf u bħal kull sena reġa' magħna x-xahar t'Awwissu, xahar li fih l-Imġarrin bi ħġarhom jiċċelebraw il-festa ta' Marija Mtellgħa s-Sema, festa li tant hi għal qalbhom. Għalkemm jien m'iniex imwielda hawnhekk, issa ilni ngħix f'dan ir-raħal tant meraviljuż għal dawn l-aħħar tlieta u għoxrin sena u għalhekk illum il-ġurnata nqis dan ir-raħal li tant laqagħni bħala r-raħal tiegħi wkoll.

Il-festa nistgħu ngħidu li hija kemm ċelebrazzjoni interna kif ukoll esterna. Prinċipalment il-festa kienet u tibqa' ċelebrazzjoni liturġika li fiha l-komunità tagħti ġieħ lill-patrun tar-raħal. Imbagħad insibu l-lat estern taċ-ċelebrazzjonijiet, l-armar tat-toroq bil-bandalori u t-tiżjin tal-bozoz, il-logħob tan-nar kif ukoll il-marċi li jagħtu l-ħajja u jqanqlu l-briju fir-raħal tal-Imġarr f'dan iż-żmien hekk sabiħ.

Il-banda hija parti integrali mill-attivitajiet tal-festa. Fejn għandek banda ssib id-daqq tal-marċi u l-briju li dan iġib miegħu. Sabiex banda tifforma ruħha teżiġi ħafna xogħol u sagrifiċċji, kemm daparti tal-kumitat tal-banda kif ukoll min-naħa tal-bandisti u s-surmastrijiet. Il-kumitat huwa l-moħħ wara l-ħolqien u l-formazzjoni tal-banda. Mingħajr ir-riedni ta' kumitat banda ma timxix. Mill-banda l-oħra kumitat waħdu ma jdoqqx u għandu bżonn is-surmastrijiet u l-bandisti, li b'dedikazzjoni u sagrifiċċju jitgħallmu strument sabiex imbagħad idoqqu mhux fil-festa titulari biss imma anke matul attivitajiet u okkażjonijiet oħra matul is-sena.

Il-bandisti li jitħarrġu ġewwa r-raħal tagħna qegħdin jitgħallmu kemm it-teorija tal-mużika kif ukoll jipprattikaw l-istrument tal-għażla tagħhom mingħajr ħlas. Hawnhekk joħroġ biċ-ċar kemm is-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema qiegħda tkun kruċjali sabiex tkattar l-imħabba lejn il-mużika u lejn l-istrumenti tal-banda li tant iferrħu matul il-perjodu tal-festa. Il-banda hija parti integrali u kulturali mis-soċjetà Maltija, u bl-attivitajiet li ttella' s-Soċjetà Filarmonika tagħna r-raħal tal-Imġarr jidħol fl-ispirtu tal-attivitajiet.

Din is-sena hija l-ewwel darba li involvejt ruħi fl-attivitajiet tal-banda tar-raħal tagħna. Dan wara li ġejt avviċinata mis-Segretarju tas-Soċjetà s-Sur Joseph Caruana u l-Kaxxiera s-Sinjura Rose Apap Bologna sabiex noffri s-servizzi tiegħi bħala konsulent legali. Is-Sur Caruana stedinni wkoll sabiex nissieħeb bħala membru mal-kumitat eżekuttiv u jien aċċettajt dawn iż-żewġ karigi. Għalhekk sehmi fis-Soċjetà se jkun mhux biss bħala konsulent legali tal-għaqda iżda sejra nkun qed naqdi dmirijieti wkoll fil-kariga ta' assistent segretarju responsabbli għall-applikazzjonijiet relatati ma' fondi ġejjin kemm mill-Unjoni Ewropea kif ukoll dawk lokali. Il-mira tkun dejjem li jinġiebu iktar fondi sabiex intejbu s-servizzi li qegħdin nagħtu u wkoll naqdu iktar lill-komunità Mġarrija.



# Sodisfazzjon kbir għalija



Frank Schembri
*Asst. Segretarju u PRO*

Għeżież ħbieb,

L-ewwel nett nixtieq nirringrazzja lil sħabi tal-kumitat tal-għajnuna tagħhom, għax mingħajr din l-għajnuna żgur li kieku l-banda tagħna llum ma waslitx sa hawn. Nixtieq nirringrazzja b'mod speċjali lis-Segretarju Ġenerali s-Sur Joseph Caruana, li hu s-sinsla tas-Soċjetà tagħna. Nirringrazzja lill-għalliema tal-mużika fi ħdan l-għaqda tagħna, li jagħtu dak kollu possibbli biex ikollna bandisti ta' livell.

Hu ta' sodisfazzjon kbir għalija li għat-tieni sena konsekuttiva qed nifforma parti minn dan il-kumitat. Jien kunfidenti li bl-għajnuna tal-Imġarrin se nerġgħu nagħmlu festa sabiħa kif jixraq lill-patruna tagħna Santa Marija.

Minn qalbi nawguralkom is-saħħa u l-kuntentizza u l-festa t-tajba.

Viva Santa Marija!

---

*Ikompli minn paġna 40*

Xtaqt hawnhekk niehu l-opportunità sabiex nirringrazzja lis-Sur Joseph Caruana talli għoġbu joffrili dawn iż-żewġ rwoli u minn qalbi nuri l-apprezzament tiegħi għall-fiduċja li l-kumitat kollu għoġbu juri fija. Inwiegħed li se nagħmel ħilti u nimpenja ruħi sabiex inwettaq id-dmirijiet tiegħi b'responsabbiltà u nagħti l-kontribut tiegħi bl-aħjar abbiltà possibbli.

Xtaqt ukoll nirringrazzja l-membri kollha tal-kumitat tax-xogħol siewi li jagħmlu u tal-opportunitajiet li qegħdin joffru lil dawk li jixtiequ jitgħallmu strument, lis-surmastrijiet u lill-bandisti tal-ferħ li jnisslu meta jgħaddu mit-toroq tagħna jdoqqu l-marċi b'tant fervur u entużjażmu. Xi ħadd li qatt ma kellu l-opportunità jimpenja ruħu fil-preparamenti tal-festa ma jistax jimmaġina kemm din tinvolvi ħsieb u xogħol, u dan kollu l-membri tal-kumitat jagħmluh minn ħinhom u mingħajr ma jippretendu xejn. Għalhekk grazzi lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor jimpenjaw ruħhom sabiex il-festa ssir kull sena, filwaqt li nixtieq il-festa t-tajba lil kulhadd.


SHAMBA
FRUIT & VEG
27524055
Variety of Fresh Fruit & Vegetables, Groceries, Bread,
Dairy Products, Deli Counter, Frozen Food and Beverages.
Il-Festa tajba lil kulhadd



GREEN ENERGY
saver
(PROP MARK VELLA)
INSPIRED FOR ENERGY SAVINGS
BILLS
HATE YOUR
ELECTRICAL BILLS ?
WE CAN HELP WITH:
• LESS ENERGY & POWER
• LESS ELECTRICAL BILLS
• 100% LIFESPAN ON EQUIPMENT
SUITABLE FOR:
• RESIDENTIAL
• COMMERCIAL
• & INDUSTRIAL PREMISES
INFO @ 9942 9644
Money Back Guaranteed



# Mara ta' karattru... il-karattru li jsawwar il-parroċċa



Mons. Kalċidon Vassallo
*Kappillan u Direttur Spiritwali*

Hemm proverbju Ċiniż li jgħid xi ħaġa hekk: "*Meta xi ħadd jipponta subgħajh biex jurik il-qamar, trid tkun iblah biex tħares lejn subgħajh u mhux lejn il-qamar.*"

U veru, għax jekk jiena nurik il-kampnar u ngħidlek li l-arloġġ waqaf, inti se tħares lejn l-arloġġ u mhux lejn subgħajja.

Dan il-proverbju jġagħalni nirrifletti ftit dwar Ommna Marija. Ftit tissemma fl-Iskrittura. Aktar u aktar ftit titkellem. Kull meta tkellmet dejjem tkellmet biex turina lil binha Ġesù.

San Luqa, fl-ewwel kapitlu tal-evanġelju tiegħu, jirrakkuntalna d-diskursata li Marija kellha mal-Anġlu Gabrijel. Spiċċat biex qaltlu: "*Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej: ħa jsir minni skont kelmtek*." Fi kliem ieħor Marija spiċċat biex qalet lill-anġlu: "Jiena biss biċċa għodda f'idejn l-Imgħallem; ħa jużani kif jidhirlu l-aħjar, biex isir dak li jrid iwettaq Hu."

Għadda ż-żmien u darba waħda kienet mistiedna għal tieġ. Ir-riċeviment kien se jisfratta għax spiċċa x-xorb. Ġesù wkoll kien għat-tieġ. Marija ndunat bl-inkwiet tal-għarajjes, imma ftakret meta hija wkoll kienet inkwetata u kif kienet ħalliet f'idejn l-Imgħallem. Ftakret li ma kienx iddispjaċieha. Għalhekk qalet lill-waiters: "*Tinkwetawx! Issa agħmlu kif jgħidilkom Hu*."

Semgħu minnha u ma ddispjaċihomx.

Qegħdin nagħmlu FESTA lil Marija, il-mara ta' karattru li dejjem għamlet kif qalilha l-Imgħallem.

Int qed tagħmel kif qallek Hu? X'qallek? Ħalli nfakkrek:

1. Tibdilnix m'allat oħra.
2. Issemmix ismi ta' xejn.
3. Fil-Ħdud u l-festi kmandati taħdimx bla bżonn u ħu sehem fil-quddies.
4. Agħti ġieħ lill-ġenituri tiegħek billi tobdihom.
5. Ħares il-ħajja sa mill-bidu nett tagħha.
6. Skarta dak kollu li jista' jġagħlek tagħmel dnubiet tas-sess.
7. Tiħux affarijiet li mhumiex tiegħek.
8. Qatt tgħid kliem b'ieħor.
9. Nisa tal-oħrajn urihom rispett u qatt tixtieqhom.
10. Affarijiet tal-oħrajn lanqas biss għandek tixtieqhom.
11. Sum u ċċaħħad minn xi ħaġa li tħobb f'Ras ir-Randan u l-Ġimgħa l-Kbira.
12. Irċievi s-sagrament tal-qrar almenu darba f'sena u tqarben fi żmien l-Għid il-Kbir.
13. Għin, anke finanzjarjament, fil-ħidma pastorali tal-Knisja.

Kemm tkun ħaġa sabiħa u li tferrħek jekk tkun kapaċi, fil-jiem tal-festa, tmur quddiem Marija Mtellgħa s-Sema u mhux tħares lejha biss, imma taħseb fuq dak li hi qiegħda turik: Binha Ġesù! Allura tkun tista' tgħidilha: "Marija, Omm tiegħi, qed nagħmel ħilti biex, kif tixtieq inti, jiena nagħmel dak li qalli Hu."

Ngħixu b'dan l-ispirtu u fuq l-eżempju ta' Marija nkunu qed inkomplu nibnu parroċċa b'karattru. Minn qalbi nawgura l-festa t-tajba lill-familji kollha tal-parroċċa.



# Xahar tant mistenni



Angela Muscat
*Asst Kaxxiera*

Għeżież ħuti Mġarrin,

Hu ta' pjaċir tiegħi li għal darba oħra qiegħda nindirizzakom bħala membru tal-kumitat fi ħdan is-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema. Dan ifisser illi għaddiet sena oħra, sena ta' ħidma li tilħaq il-qofol tagħha f'dan ix-xahar tant mistenni minna l-Imġarrin, meta niċċelebraw il-festa tal-għażiża patruna tagħna Santa Marija. Grazzi għall-koperazzjoni u l-attendenza sħiħa tagħkom fl-attivitajiet li ġew organizzati matul is-sena, tkun tista' tiġi ċċelebrata festa sabiħa u kif jixraq lil Ommna Marija. Barra minn hekk nieħu l-okkażjoni li nsemmi l-proġett tal-każin, li miexi b'ritmu ġmielu grazzi għall-għajnuna u l-kontribut illi qegħdin tagħtu lilna!

Finalment inħeġġeġ lilkom u lit-tfal tagħkom biex tingħaqdu mal-banda tagħna sabiex inkomplu nkabbru din is-Soċjetà. Il-kontinwità hi element importanti, għax dak li bdejna nixtiequ nkomplu nwettquh b'mod sħiħ għall-ġid tar-raħal u l-kultura Maltija.

Viva l-banda tagħna! Viva Santa Marija!




THERMASEAL
THERMASEAL LIMITED
ROOF INSULATION
AND WATERPROOFING
SPRAY-ON FOAM
Ġanni Vassallo Street, Luqa Bypass - Luqa LQA 1515 - Malta.
Tel/Fax: 21 237 712 • 21 241 711 • Mob: 9947 0879
E-mail: admin@thermasealmalta.com • Website: www.thermasealmalta.com

# J & L Supermarket

**Variety of Fruit, Vegetables, Groceries and Delicatessen**

Main Street, l-Imġarr, Malta
Tel: 21579397



**Free Gift when you spend over €50**



# Is-sigriet wara dan kollu jkun id-determinazzjoni



Maria Vella
*Asst. Kaxxiera*

Għadha kif għaddiet il-festa u ġa waslet oħra. Il-ħajja tant saret mgħaġġla li ftit li xejn qed nindunaw kemm jgħaddi ż-żmien. Wieħed mill-fatturi li jikkawżaw dan l-istat hu bla ebda dubju l-impenn kontinwu. Minbarra d-doveri tal-familja, dawk kollha bħali li jkunu f'xi għaqda volontarja jkollhom ukoll dawk tal-għaqda. Imbagħad trid tara kif se toħloq bilanċ biex tkun suċċess f'dak kollu li tagħmel. Bosta drabi dan ma jkunx faċli, imma bi ftit tas-sagrifiċċju tikseb is-suċċess mixtieq. Is-sigriet wara dan kollu jkun id-determinazzjoni: kemm int tkun determinat li dak li tidħol għalih twettqu.

Bla ebda dubju din is-sena minbarra l-impenji tal-banda kellna dawk tal-proġett tal-każin, issa li għadha kif tlestiet l-ewwel fażi. Proġett li żgur se jkun ta' fejda għall-Imġarrin kollha. Post ta' rikreazzjoni u edukazzjoni fl-istess waqt. Minbarra l-ħidma manwali hemm bżonn ħidma oħra li twassal għall-finanzjament ta' dan il-proġett. Matul din is-sena organizzajna attivitajiet kemm flaħna biex żidna d-dħul finanzjarju. Sibna koperazzjoni kbira minn bosta Mġarrin li attendew għall-attivitajiet. B'dispjaċir ngħid li xtaqna li kieku sibna iktar parteċipazzjoni mill-ġenituri tal-allievi tagħna. Aħna nagħmlu sagrifiċċji kbar biex noffru tagħlim tal-ogħla livell bla ħlas, u għalhekk nistennew li huma juru l-apprezzament tagħhom billi jattendu għall-attivitajaiet li norganizzaw.

Din is-sena l-banda kompliet tikseb suċċess. Ġejna mistiedna wkoll biex f'Diċembru li ġej immorru ndoqqu l-Italja. Dan kollu kien possibbli bil-għajnuna tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr u frott ta' ġemmellaġġ li għandu l-istess kunsill ma' dak ta' Mathi, villaġġ żgħir li jinsab fil-provinċja ta' Turin. Min jixtieq jiġi magħna fadal l-aħħar ftit postijiet. Żgur se tkun esperjenza unika, din l-ewwel safra tal-banda tagħna. Il-banda tal-Imġarrin se tkun ambaxxatriċi ta' raħalna u ta' Malta. Tassew inħossuna onorati li se nagħmlu din il-mawra biex inkomplu nkabbru isem is-Soċjetà li tant għandna għal qalbna.

Nagħlaq billi nirringrazzja lil kull min jagħti s-sehem tiegħu u b'xi mod ikun ta' għajnuna għall-banda tagħna.

Nawguralkom il-festa t-tajba.

Viva Santa Marija!



# Inħeġġiġkom biex tgħinuna



Christian Vella
*Delegat Briju u Spettaklu*

Imġarrin,

Reġgħet waslet festa oħra. Għalkemm l-għaqda tagħna jkollha diversi impenji u funzjonijiet, l-iktar attività impenjattiva tibqa' l-festa ta' Santa Marija, u hekk għandu jkun.

Minkejja li matul din is-sena konna konċentrati fuq il-proġett tal-każin, xorta ddedikajna l-ħin meħtieġ biex nippreparaw għall-festa. Anzi din is-sena se nkunu qed inżidu wkoll servizz mużikali ieħor. Dan peress li se nagħmlu l-marċ tal-Ħamis ukoll. Kienet xewqa tal-kappillan li din is-sena s-servizz tat-tieni jum tat-Tridu jsir mill-banda tagħna.

Wara s-suċċess li kellna s-sena l-oħra bl-ispettaklu li tellajna wara l-marċ tal-Ġimgħa, din is-sena nista' naċċertakom li dak ippreparat se jkun suċċess ikbar. Wara l-festa tas-sena l-oħra kien sar *post mortem* dwar kif mar l-ispettaklu, u minnu ħarġu diversi punti li din is-sena se nippruvaw inwettquhom. Ħejjejna spettaklu li għalkemm ftit differenti minn dak tas-sena l-oħra, xorta waħda għandu jintlaqa' tajjeb minnkom.

Għat-tielet sena konsekuttiva waqt dan l-ispettaklu se jerġa' jintwera l-feature. Mhux biss se jkollna spettaklu ta' dawl, nar u mużika. Ninsab ċert li tafu llum kemm trid flus biex ittella' spettaklu ta' livell. Għalhekk irridkom tapprezzaw l-isforz li għamilna biex fl-aħħar jum tat-Tridu nagħmlu xi ħaġa bħall-irħula u l-ibliet l-oħra. Dan minkejja li għaddejjin bil-proġett tal-każin. Għalhekk inħeġġiġkom biex tgħinuna ħalli dak ta' sena oħra jerġa' jkun aħjar minn ta' din is-sena.

Minn qalbi nirringrazzjakom tas-sapport li tagħtuna u nħeġġiġkom biex intom u qrabatkom tingħaqdu magħna fil-jiem kollha tal-festa, speċjalment il-Ġimgħa, għall-marċ tal-aħħar jum tat-Tridu.

Il-festa t-tajba!

Viva Santa Marija u l-banda tagħna l-Imġarrin!

UniJob
THE SHOP WITH
THE SOLUTION
TO ALL JOBS
RAY DEGUARA
*'UniJob' Sir Arthur Barton Street, Mosta*
*Tel: 21 433642 ~ Fax: 21 433642*



# Flimkien ikollna festa mill-isbaħ



Sandro Muscat
*Membru fil-Kumitat Eżekuttiv*

Għeżież Imġarrin

Dħalna fl-istaġun tal-festi u fosthom hemm il-festa tal-Imġarrin, li hi ddedikata lil Marija Assunta. Dak li jkun jgħid li l-banda tal-Imġarr ħa ddoqq. Fil-fatt malli jidħol l-istaġun tal-festi l-banda tal-Imġarr tibda tagħmel diversi servizzi barra r-raħal tal-Imġarr, u b'hekk il-bandisti Mġarrin ikunu iktar preparati bil-lezzjonijiet ta' matul is-sena, li jingħataw b'xejn, u b'hekk noħorġu iktar daqq mirqum, kif jixraq lill-Imġarrin, u ma' għaqdiet oħra li żgur jagħmlu l-aħjar għall-festa tar-raħal tagħna, biex flimkien ikollna festa mill-isbaħ.

Ħbieb, tafu wkoll li matul is-sena, b'sagrifiċċju, il-kumitat jorganizza xi attivitajiet, attivitajiet li barra li nieklu, nixorbu u niltaqgħu flimkien, inkunu qed indaħħlu xi ħaġa tal-flus. L-għan tagħna hu li nsostnu lilna nfusna u b'hekk inħallsu diversi spejjeż ta' kuljum. Għalhekk qed nitlobkom biex meta jkollna xi attività, tiġu bi ħġarkom.

Tafu wkoll bil-proġett tal-każin li għaddejjin bih, li l-kumitat u diversi voluntiera qed jgħinu biex dan iseħħ. Tafu li dan huwa proġett kbir u għandna bżonn l-għajnuna. Dawn is-sagrifiċċji kollha huma biex nifirxu t-triq għal uliedna l-Imġarrin, biex mhux biss ikollhom fejn jitgħallmu l-istrument, li huwa parti mill-kultura Maltija mill-isbaħ, imma li miegħu jġorr dixxiplina u sens ta' volontarjat, li b'dawn il-valuri noħorġu rġiel u nisa bi prinċipji sodi. Nixtieq li min jista' jgħin f'dan il-proġett ikellem lil xi ħadd tal-kumitat ħalli din il-ħolma tkun lesta.

Nixtieq nagħlaq billi nirringrazzja lil dawk l-emigranti li jagħmlu sforz biex jgħinu lil din is-Soċjetà u lil nies oħra li dejjem jagħtu dik id-daqqa t'id. Jalla jkollna festa sabiħa li tagħtina paċi u hena.

Viva Santa Marija!



Thea s

**I.T.E.C Qualified Beauty Therapist**
**Qualified Nail Technician**

**Facebook Page: Thea s Beautique**
**Contact No: 9957 1436**



# Most Exciting Project



Gordon B. Fee
*Member Executive & Comitee*

Dear friends

My name is Gordon Fee and I have now been on the band committee for 2 years. I am originally from Glasgow, one of Scotland's largest cities, and it was purely by chance that I came to live in Mġarr, never mind Malta. I was retiring from my job as a chiropodist and my sister Jan and her husband Trevor asked me if I would like to come and visit them. I think that they got a surprise when I asked if I could come out for a month, and yes, they agreed to it, thankfully.

It was in this period that I came to fall in love with Malta and the Maltese people, and I and my fiancée Rosalind decided that we would come and live here.

As I said earlier, it is now 2 years since I "joined" the band committee, and such a lot has happened. The most exciting project is the creation of the band club. When it is finished it will be a magnificent addition for the people of Mġarr to enjoy, and a place for the students and band members to practice in. The band club has been a dream coming to reality, thanks to everyone that has worked on it or helped to raise funds for it or even brought a coffee and a biscuit for the workers, even people just passing by and giving encouragement; it has all been worthwhile.

I would just like to add that it has been a privilege to help out on the band committee and to meet so many of Mġarr's residents, so if you see me about in the village, stop and say hello and ask how things are coming along. I will do my best to answer you or find out for you.

Viva Santa Marija!





# Esperjenza Ġdida



John Bugeja
*Membru fil-Kumitat Eżekuttiv*

Ħuti Mġarrin,

Insellmilkom

Dawk kollha li jafuni, jafu kemm jien bniedem dilettant tal-mużika, kemm dik antika kif ukoll dik moderna. Madankollu, qatt ma daħalli ebda fellus f'moħħi li se jkunu jogħġbuni anke l-marċi, u li ser ninvolvi ruħi ma' xi banda.

Madwar tliet snin ilu, wara li interessajt ruħi fil-banda l-ġdida tal-Imġarr, ġejt avviċinat biex nibda nattendi waqt servizzi offruti mill-banda sabiex inġorr l-istandard. Dan ovvjament isir b'mod volontarju, u dan nagħmlu bi pjaċir u b'unur kbir. Ix-xitwa li għaddiet, wara żmien li kont sirt midħla tal-banda, il-kumitat staqsieni jekk inkunx interessat li nibda ngħinhom anke fl-attivitajiet li jsiru matul is-sena, fosthom dawk li jsiru bil-għan ta' ġbir ta' fondi b'risq il-bżonnijiet tal-banda.

Minn meta twaqqfet il-banda fl-2011 xi membri tal-kumitat issuġġerewli li nsir membru, iżda jien qatt m'aċċettajt, għax għalija l-kelma 'kumitat' ma kinitx xi ħaġa li tinteressani ħafna. Iżda kemm kont żbaljat! Bħalma jgħidu l-Ingliżi, "never say never"! Il-ħajja kollha sorpriżi, u f'April li għadda attendejt għall-ewwel laqgħa tiegħi f'kumitat u sirt membru sħiħ. Qabel ma ġġarrab ma tkunx taf x'hemm wara l-kwinti, ix-xogħol u d-dedikazzjoni mill-membri u minn kull min jgħin biex kull attività ssir b'suċċess. Jien għamilt esperjenza ġdida fejn indunajt kemm hemm xogħol sabiex jinżamm rendikont finanzjarju, jiġu ffurmati l-allievi, l-operat tal-banda u l-bini tal-każin il-ġdid.

Ħbieb tiegħi, kull qatra tgħodd, u aħna ninsabu bil-għatx biex naraw dan il-proġett, li nbeda b'tant għożża, ikompli jisseddaq u jagħti l-frott mixtieq minn kull min għandu għal qalbu l-Banda Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema, u minn hawnhekk inħeġġiġkom sabiex tattendu l-attivitajiet li jsiru u li tgħinu mill-ftit li tistgħu.

Napprezzaw ħafna kull għajnuna, kemm finanzjarja kif ukoll ta' kull tip ieħor, u ta' dan nirringrazzjawkom bil-quddiem. Nawguraw il-festa t-tajba lil kulħadd.

Viva Santa Marija!

Mario Xerri tal-Pespus

Ġbejniet friski u tal-bżar

Mob. 99408331







# Naraw ir-riżultat tal-preparamenti

Sharon Azzopardi
*Membru fil-Kumitat Eżekuttiv*

Ħbieb Imġarrin,

Din hi l-ewwel darba tiegħi li qed nikteb messaġġ f'dan il-ktieb li l-għaqda tagħna tippubblika għall-festa ta' Santa Marija. Wara li kont ilni bosta xhur ngħin fl-attivitajiet tal-banda, ġejt avviċinata biex nidħol fil-kumitat eżekuttiv. Dan kien ifisser li hemm bżonn iktar impenn u xogħol għall-ġid tal-banda. Jien dan kollu nagħmlu minn qalbi.

Tul dawn ix-xhur jien tajt daqqa t'id fl-attivitajiet soċjali li norganizzaw. Barra minn hekk kont ta' għajnuna wkoll biex jitqassmu l-envelops tad-donazzjonijiet u l-ġbir tagħhom, kif ukoll għall-ewwel darba għent biex jinġabru r-reklami ta' dan il-ktejjeb sabiħ. Dan ix-xogħol kollu jien qatt ma kont għamiltu qabel, però emmnuni, kien ta' sodisfazzjon għalija li għamilt dan kollu volontarjament.

Issa waslet il-festa. Bla dubju x-xogħol jiżdied u jkollna ħafna attivitajiet f'xulxin. Nista' ngħid li nkunu impenjati kuljum tul il-kwindiċina kollha. Issa kollox irid jitlesta fil-ħin, u rridu naraw ir-riżultat tal-preparamenti li għamilna matul is-sena. Nittamaw li ma jdumx ma jkollna l-każin tagħna lest, għax imbagħad inkunu nistgħu niffunzjonaw aħjar u b'inqas hassle.

Filwaqt li nirringrazzjakom ta' kemm tgħinu lill-banda tagħna, minn qalbi nawguralkom il-festa t-tajba.



# Inħarsu ’l quddiem





Tancred Grech
*FLCM, LLCM, BA (Hons) Music, PGCE*
*Surmast Direttur u Għalliem tal-Allievi – Sezzjoni tar-Ram u Perkussjoni*

Nagħtikom merħba.

Reġa’ wasal ix-xahar li fih niċċelebraw il-festa tant għażiża tagħna: il-festa ta’ Marija Santissima Mtellgħa s-Sema.

Din is-sena, bħas-snin ta’ qabel, kienet mill-aktar impenjattiva, kemm għall-kumitat kif ukoll għall-bandisti ta’ din is-soċjetà. Sena li fiha l-banda, għalkemm għadha żagħżugħa, baqgħet dejjem tikber fl-esperjenza tagħha.

**Programmi**

Kull soċjetà biex tkun ħajja għandha bżonn li tkun attiva u ħajja fejn jidħlu attivitajiet soċjali matul is-sena kollha. Jien nemmen li llum il-banda għad għandha rwol importanti fir-raħal, u dan mhux biss fil-ġimgħa tal-festa.

Apparti l-programmi li dejjem ikollna matul is-sena – il-programm sagru li jsir ġewwa l-knisja parrokkjali tal-Imġarr u dak ta’ lejlet il-festa, flimkien ma’ marċi oħrajn li jkollna kemm ġewwa u barra r-raħal – din is-sena għall-ewwel darba s-soċjetà kellha l-opportunità li tieħu sehem fi programm ma’ banda minn barra minn xtutna. Dan il-kunċert kien parti mill-ġemellaġġ li kien sar bejn il-Kunsill tal-Imġarr u dak ta’ Mathi ġewwa Turin fl-Italja. Is-serata saret bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill tal-Imġarr ġewwa l-knisja ta’ Sant’Anna fiż-Żebbiegħ. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lil Fr Jimmy Bonnici, lis-Sindku s-Sur Paul Vella u lill-membri kollha ta’ kemm-il darba nsibu l-għajnuna tagħhom. Għal dan il-kunċert il-banda tagħna għamlet programm b’mużika varjata u wara daqqejna siltiet mal-banda mistiedna, is-Soċjetà Filarmonika Prinċipessa Jolanda. Żgur li min kien preżenti dakinhar ħass sodisfazzjon kbir jara l-banda tagħna qed tieħu sehem f’attività tant importanti għar-raħal tagħna.

Ftit tal-ġimgħat wara l-banda reġgħet tellgħet il-programm funebri bl-isem *Sentimenti*. Dan sar ġewwa l-knisja parrokkjali tal-Imġarr, fejn dawk kollha li huma dilettanti tal-marċi funebri setgħu jitpaxxew bl-għażla varjata ta’ marċi funebri mill-aktar sbieħ. Waqt din is-serata ttella’ d-dramm *Versus* ta’ Giovann Attard, bis-sehem tal-4Teen Productions. Minn hawn nixtieq nirringrazzja minn qalbi lil dawk li ħadu sehem. Għal darba oħra dan il-kunċert kien b’kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali.

**Inħarsu ’l quddiem**

Naħseb li kull min għandu għal qalbu r-raħal tiegħu jieħu gost jara din is-soċjetà miexja ’l quddiem. Din hija soċjetà li għandha pjanijiet kemxejn ambizzjużi, kemm dawk amministrattivi – kulħadd jaf bix-xewqa li xi darba jkollna post tagħna – imma wkoll fejn tidħol il-mużika.

Wieħed mill-proġetti hu li f'Diċembru l-banda tagħna ser tkun qiegħda tagħmel mawra ġewwa Mathi, f'Turin, fejn se teżegwixxi żewġ programmi. Mawra li żgur ser tkun ta' esperjenza tajba għall-banda tagħna.

Proġett ieħor li diġà bdejna naħdmu fuqu hu l-għeluq tal-għaxar snin mit-twaqqif ta' din is-soċjetà, li ser jaħbat proprju tliet snin oħra, fl-2021. Vera għadu ftit iż-żmien, imma kif nafu ż-żmien igerbeb.

**Għeluq**

Nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi billi nifraħ lil Eżekjel Gauci li ser jingħaqad mal-banda bħala bandist din is-sena bl-althorn. Nifirħulu filwaqt li nħeġġeġ lil kull min hu interessat li jibda jiġi għal-lezzjonijiet. Dawn isiru kull nhar ta' Tnejn ġewwa l-Kunsill Lokali tal-Imġarr.

Nieħu wkoll din l-okkażjoni biex nirringrazzja minn qalbi lil dawk kollha li b'xi mod jgħinu sabiex din is-soċjetà tkompli tikber. Grazzi kbira tmur lis-Segretarju s-Sur Joseph Caruana, li għandu għal qalbu ħafna din is-soċjetà u li tant jaħdem biex jaraha tikber u timxi 'l quddiem. Ma nistax ma nsemmix lis-Sinjura Rose Apap Bologna u s-Sinjura Maria Vella, li ta' kull ġimgħa jkunu dejjem preżenti waqt il-lezzjonijiet biex jaraw jekk ikunx jonqosna xi ħaġa. Grazzi kbira oħra tmur ukoll lill-kumitat ċentrali kollu tal-għajnuna u l-kooperazzjoni li dejjem sibt mingħandhom. Nirringrazzja wkoll lill-Assistent Surmast Mro Mauro Spiteri, kif ukoll lill-għalliema s-Sur Henry Fenech u s-Sur Christopher Tanti, li ngħaqad magħna proprju ftit tax-xhur ilu. Fl-aħħar imma mhux l-inqas nirringrazzja lill-istudenti u l-bandisti li qed jistudjaw mas-soċjetà. Dawn għad iridu jkunu huma li jkomplu fejn inħallu aħna!

Nixtieq nawgura lill-poplu Mġarri kollu l-festa t-tajba u jalla jkollna festa sabiħa kif jixraq li jkollha Ommna Marija Mtellgħa s-Sema.

Viva Santa Marija Mtellgħa s-Sema!

sounds good
Mob: 9947 3237
sound | light | vision
EQUIPMENT HIRE



# Gioachino Antonio Rossini



Mauro Spiteri
*(A Mus.) LCM, ALCM*
*Assistent Surmast*

Għeżież qarrejja ta' dan il-ktieb, f'dan l-ispazju tiegħi nħossni fid-dmir illi darba f'sena, sewwasew permezz ta' dan il-ktejjeb, inwasslilkom għarfien relatat mal-mużika.

Qed nagħżel li nagħtikom ftit għarfien dwar Gioachino Rossini, għaliex din is-sena jaħbat il-150 sena mill-mewt ta' dan il-kompożitur ċelebri Taljan, kompożitur magħruf ħafna għall-opri komiċi tiegħu, bħal *Il Barbiere di Siviglia*, *Cindirella* u *Semiramide*, u iżjed tard opra drammatika iżda popolari ferm li kulħadd xi darba jew oħra semagħha, *William Tell*.

Rossini twieled fid-29 ta' Frar 1792 minn ġenituri mużiċisti, u għalhekk qatta' t-tfulija tiegħu fit-teatri. Ta' 14-il sena daħal f'konservatorju ġewwa Bologna u kkompona l-ewwel opra tiegħu, filwaqt li fl-età ta' 15-il sena kien diġà jaf idoqq il-vjolin, il-kornu u l-harpsichord. Kien ukoll ikanta fil-pubbliku sabiex idaħħal ftit flus. Aktar ma għadda żmien, Rossini induna li l-vuċi ma kinitx il-linja tiegħu, u għalhekk iffoka fuq id-direzzjoni u li jakkumpanja l-mużiċisti jew kantanti. Fil-kompożizzjonijiet tiegħu kien influwenzat ħafna minn kompożituri kbar bħal Haydn u Mozart; infatti l-mużika tiegħu tal-bidu kienet tixbah ħafna lil dik ta' dawn il-kompożituri taż-żmien Klassiku. Rossini huwa kompożitur li beda l-karriera tiegħu jikteb mużika meqjusa bħala Klassika (il-perjodu bejn l-1750 u l-1825), iżda lejn l-aħħar tal-karriera tiegħu beda jersaq lejn dik Romantika (il-perjodu l-1825 u l-1900).

Rossini kien famuż ħafna għall-opri komiċi li kien jikkomponi, u fl-1812 kien magħżul biex jikteb il-mużika għat-teatru tant popolari f'Milan, La Scala. Minn hawn 'il quddiem kienu biss kompożizzjonijiet ta' suċċess kbar ġewwa bliet ewlenin fl-Italja, fosthom Venezja, Napli, Milan u Ruma. Insemmu *L'Italiana in Algeri*, *Tancredi*, *Il Barbiere di Siviglia*, *La Cenerentola*, *La Gazza Ladra* u *Semiramide*. Bħal kull persuna umana Rossini wkoll kellu d-delużjonijiet, li iżda qatt ma qatgħu qalb dan il-kompożitur milli jkompli jagħti kompożizzjonijiet ġodda.

Fl-1823, ta' 31 sena, kien diġà sinjur finanzjarjament, u miżżewweġ, u ddeċieda li jitlaq mill-Italja, u fost il-postijiet li żar kienu Pariġi u Londra, fejn ikkompona mużika popolari bħal *William Tell*. Iktar ma għadda ż-żmien Rossini naqqas ħafna mill-pass tal-kompożizzjoni. Xi wħud jgħidu li l-għażż kien raġuni ewlenija għal dan. Rossini esperjenza l-mewt tal-mara tiegħu fl-età ta' 53 sena, u reġa' żżewweġ sentejn wara. F'dan iż-żmien hekk imsejjaħ ta' rtirar, Rossini kkompona siltiet reliġjużi, fosthom il-famuża *Stabat Mater* u *Petite Messe Solennelle* (Quddiesa Solenni Qasira). Wara perjodu żgħir fl-Italja huwa rritorna Pariġi għax kien iħoss li mhuwiex milqugħ u apprezzat ġewwa pajjiżu.

Huwa miet fl-et*à* ta' 76 sena b'marda pulmonarja, ġewwa Passy, Franza, nhar it-13 ta' Novembru 1868, 150 sena ilu. Kien midfun f'ċimiterju fi Franza iżda fl-1887, fuq talba tal-gvern Taljan, ġie trasferit għall-Bażilika tas-Salib Imqaddes *ġewwa Firenze*.

Filwaqt li nispera li dan it-tagħrif sibtuh interessanti, nixtieq minn qalbi nibgħat it-tislijiet sinċieri lill-kumitat tal-Banda, lis-Surmast, l-għalliema, l-istudenti u l-ġenituri, u nawgura lill-membri u lil dawk kollha ta' rieda tajba l-isbaħ xewqat fl-okkażjoni tal-festa ta' Marija Mtellgħa s-Sema tal-2018.





# Il-proġetti jistgħu jsiru biss bil-parteċipazzjoni tagħna

Henry Fenech
*ALCM Dip. (Music), LCM*
*Għalliem tas-Sezzjoni tal-Qasba*

Ħbieb,

Reġa' wasal dak iż-żmien li tant inkunu ħerqana nistennewh, ix-xahar t'Awwissu, li jfisser il-festa ta' Marija Mtellgħa s-Sema. Kemm preparamenti u sagrifiċċji jsiru matul is-sena biex dik il-ġimgħa tkun suċċess minn kull lat! Dan ix-xogħol ma jsirx waħdu, imma jsir b'ħafna dedikazzjoni u mħabba u xi kultant b'ħafna qtigħ ta' qalb. Kemm hu sabiħ il-volontarjat! Allaħares m'għadx baqa' dawn in-nies!

Is-Soċjetà mużikali tagħna issa ilha diġà 7 snin. Għalkemm għadha żgħira fl-età, għamlet passi ta' ġgant meta tħares lejn x'għamlet. Issa wkoll hemm il-proġett tal-bini tal-każin, li mhux proġett żgħir, imma bir-rieda tajba naslu. Jekk verament inħobbu l-festa u r-raħal tal-Imġarr, għandna nissapportjaw b'ħafna modi lill-għaqdiet u s-soċjetajiet Imġarrin. Is-Soċjetà tagħna tagħmel diversi attivitajiet matul is-sena biex tkun tista' ttaffi ftit mill-ispejjeż kbar li dejjem ikun hemm x'taffaċċja.

Ċerti proġetti jistgħu jsiru biss bil-parteċipazzjoni tagħna. Anke fejn jidħol it-tagħlim tal-mużika. Bħalma tafu, fis-Soċjetà tagħna tistgħu ġġibu lit-tfal tagħkom jitgħallmu l-mużika. Għandna nieħdu din l-opportunità. Illum il-każini tal-baned għamlu avvanzi kbar fit-tagħlim tal-mużika, u napprezzaw li dan it-tagħlim isir b'xejn fejn postijiet oħra trid tħallas.

Is-Soċjetà tagħna qiegħda tiġi mistiedna f'diversi bliet u rħula madwar Malta biex iddoqq fil-festi. Dan għandu jimliena b'aktar determinazzjoni u rieda sabiex inkomplu nibnu fuq it-tajjeb li diġà sar. Il-banda tagħna wkoll ittella' diversi programmi mużikali ta' kwalità fil-festa tal-parroċċa u anke fil-ġimgħa mqaddsa. It-tagħlim fi ħdan is-Soċjetà jkun kull ġimgħa s-sena kollha. Din is-sena wkoll il-banda ħierġa ddoqq barra minn xtutna f'Diċembru.

Bħala numru ta' studenti hemm ammont sabiħ, għalkemm illum l-istudenti jaffaċċjaw sfidi kontinwi kuljum, ta' skola, u b'hekk ma jifdlilhomx ħin għal xi passatemp jew studju ieħor, bħall-mużika. Din hija sfida li ħafna soċjetajiet jiltaqgħu magħha s-sena kollha, u tirrikjedi l-involviment ta' ħafna nies u strateġija kbira. Però jekk l-istudent ikollu r-rieda li jkun irid jasal, din m'għandhiex tfixklu milli jasal fejn jixtieq.

Din is-sena se tingħaqad mal-banda tagħna l-allieva li ngħallem jien bil-flawt: Danica Abela, studenta li tipprometti u tistudja. Nixtieq nawguralha ħafna affarijiet sbieħ u dak kollu li tixtieq qalbha, u li ma taqta' qalbha qatt.

Minn hawn nixtieq nirringrazzja lis-Surmast Mro Tancred Grech u l-Assistent Mro Mauro Spiteri, u lill-għalliem tat-teorija Mro Christopher Tanti, li miegħu tant qegħdin jiksbu riżultati tajbin l-istudenti li jattendu għal-lezzjonijiet tat-teorija. Nixtieq minn hawn nawgura lil Beatrix Calleja fl-istudju tagħha fl-Iskozja. Grazzi tmur ukoll lill-kumitat ċentrali tal-ħidma siewja li jagħmlu matul is-sena.

Ħbieb, ejjew nersqu lejn din is-Soċjetà ħalli ngħinuna tkompli tikber u tikseb aktar suċċessi. Viva l-banda Mġarrija! Viva Santa Marija!



# It-tagħlim mużikali



Beatrix Calleja
*Dip.LCM, ALCM, B.Mus.LSM*
*Għalliema tal-istrumenti tal-qasba*

Wasal ix-xahar t'Awwissu, u għalhekk erġajna wasalna biex terġa' tiġi ċċelebrata bis-sħiħ festa oħra f'ġieħ Marija Mtellgħa s-Sema fir-raħal tal-Imġarr. Għal darba oħra rġajt ilqajt l-istedina tal-kumitat tas-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema biex inwassal il-messaġġ tiegħi fuq dan il-ktieb. Nixtieq nitkellem daqsxejn fuq il-benefiċċji tat-taħriġ mużikali sabiex inħeġġeġ lill-ġenituri Mġarrin biex jibagħtu lit-tfal tagħhom għal-lezzjonijiet tal-banda.

Bħala ġenitur forsi tħossok bejn ħaltejn jekk għandekx tkompli żżid l-impenji tat-tfal tiegħek. Bejn futbol u Scouts, tibda ttella' u tniżżel jekk għandekx tibgħathom banda wkoll. Jekk tinsab f'din id-dilemma, ikkunsidra l-benefiċċji tat-taħriġ fil-mużika.

It-tagħlim mużikali jikkumplimenta t-tagħlim akkademiku fl-iskejjel. Il-mużika għandha korrelazzjoni b'saħħitha mal-matematika. Meta t-tfal jifhmu t-taħbit, ir-ritmi u l-iskali, ikunu qegħdin jifhmu kif iqassmu, jiddividu u joħolqu frazzjonijiet, kif ukoll jirrikonoxxu patterns. Il-mużika tgħinhom ukoll fil-memorja. Meta jitgħallmu repertorju ġdid, it-tfal ikunu qed jirrinfurzaw il-proċess li jużaw, dak li jgħidulu 'short-term memory', li eventwalment jiġi trasferit għal long-term memory. Li jdoqqu strument mużikali jintroduċi lit-tfal għall-prinċipji tax-xjenza wkoll. Permezz ta' fiżika bażika, jitgħallmu kif jinħoloq ħoss billi tivvibra qasba tal-klarinett jew id-drumhead tat-tanbur.

It-taħriġ mużikali jgħin lit-tfal jiżviluppaw fiżikament. It-tfal itejbu l-koordinazzjoni tagħhom u jiżviluppaw il-motor skills. Movimenti differenti flimkien fis-swaba' u l-idejn jgħinuhom fid-destrazza taż-żewġ naħat. Titjib fil-koordinazzjoni u timing perfett jgħin lit-tfal f'passatempi oħrajn bħaż-żfin u l-isport.

Il-mużika tgħin ukoll lit-tfal jikkultivaw ħiliet soċjali. Li ddoqq fi grupp jirrikjedi interazzjoni, komunikazzjoni u sens ta' teamwork. It-tfal jitgħallmu jifhmu l-parti tagħhom fi grupp ta' strumenti bħall-banda u jaġġustaw skont il-bżonnijiet ta' dak il-mument. Pereżempju jekk ser jinbidel it-temp ta' biċċa mużika, iridu jkunu pronti li jiġu mat-temp il-ġdid mill-ewwel b'riflessi ħfief.

It-tfal jirfinaw ukoll fid-dixxiplina u l-paċenzja. Meta jitgħallmu strument isiru jafu fuq gratifikazzjoni mdewma. Pereżempju l-klarinett għandu learning curve wieqfa. Qabel ma t-tfal jagħmlu l-ewwel ħoss, l-ewwel iridu jitgħallmu t-taħbit, kif iżżomm u tarma l-istrument, kif twaħħal il-qasba u kif għandek tippożizzjona ruħek. Id-daqq ta' strument jgħallem lit-tfal jipperseveraw għal sigħat, xhur u xi kultant snin ta' prattika qabel ma jilħqu skop partikolari, pereżempju li toħroġ bħala bandist jew li titgħallem biċċa solo. Meta jdoqqu fil-lezzjonijiet jew waqt li jkunu qegħdin jipprattikaw, it-tfal jirrikjedu attenzjoni ffukata. Meta jdoqqu fi grupp jitgħallmu jistennew sa meta jkun imiss il-biċċa tagħhom, filwaqt li jisimgħu u jsegwu b'attenzjoni lil sħabhom mużiċisti.

Il-mużika ssaħħaħ l-istima personali. Il-lezzjonijiet huma pjattaforma sikura fejn it-tfal jitgħallmu jaċċettaw u jagħtu kritika kostruttiva. Meta jibdlu rispons negattiv f'wieħed pożittiv ikunu qed jibnu l-kunfidenza ġewwa fihom. Meta mgħallma fi gruppi, it-tfal jifhmu li ħadd mhu perfett u kulħadd għandu fejn jirranġa u jtejjeb lilu nnifsu. Mill-banda l-oħra, huma jitgħallmu wkoll kif jippreżentaw ruħhom fil-pubbliku. Din hija ħila importanti li tista' tiġi trasferita f'taħdit u preżentazzjonijiet pubbliċi.

Meta t-tfal jitgħallmu fuq strumenti differenti, huma jkunu qed jiskopru numru ta' kulturi diversi. Pereżempju l-klarinett għandu post fir-repertorju klassiku Franċiż u dak Ewropew, kif ukoll fil-jazz, li oriġina fl-Amerika t'Isfel. Huwa importanti li t-tfal isiru familjari ma' kulturi oħrajn ta' età żgħira, biex jitrawwem moħħ miftuħ fuq postijiet u tradizzjonijiet lil hinn minn dawk li diġà jafu.

Meta wieħed jgħarbel il-benefiċċji li jakkwistaw it-tfal mit-taħriġ mużikali, il-ġenituri jkunu konvinti li s-sagrifiċċji li jkunu qed jagħmlu huma kif ukoll uliedhom żgur li ser iħallu l-frott meħtieġ. Għalhekk bis-sħiħ inħeġġeġ lill-ġenituri Mġarrin biex ikomplu jissoktaw bis-sapport tagħhom lejn it-taħriġ mużikali ta' wliedhom. Viva Marija Mtellgħa s-Sema!





Is-Sindku tar-Rabat

is-Sur Charles Azzopardi
u l-familja tiegħu
jawguraw
il-festa t-tajba
lill-Imġarrin kollha.

M: 9943 0066
Email: charlesazzo@hotmail.com

JJ IRONMONGERY
& HOUSEHOLD
Triq F.M. Ferretti, Qajjenza – Birżebbuġa
• Tel: 21652602



***Hiring of Chairs***
***and Tables***



for all occasions
Engagements, Birthdays, Holy Communion, Hotels,
Beach Clubs, Restaurants, Clubs, etc

**We deliver and collect back**
**Tel: 2165 2602, 2165 5034**
**Mobile: 9987 9468 Fax: 2165 2602**



# Banda hekk ġdida iżda b'qalb kbira



Christopher Tanti
*B.A. (Hons) Music*
*Għalliem tat-teorija*

Kien propju bħal dan iż-żmien sena li s-Segretarju tal-banda Joseph Caruana flimkien mas-surmast Mro Tancred Grech avviċinawni biex nibda ngħallem it-teorija tal-mużika fis-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema. Għalkemm għall-ewwel bdejt naqta' xi ftit qalbi peress li jien minn Ħaż-Żabbar, wara ftit tal-ħsieb ħadt id-deċiżjoni t-tajba li nieħu din il-kariga. Min dakinhar 'l hawn jien ma jiddispjaċini xejn li ħadt din id-deċiżjoni. Ir-raġuni hija waħda sempliċi. F'din il-banda hekk ġdida iżda b'qalb kbira jien sibt kumitat ħabrieki u ta' spalla. L-istudenti li jien ġejt fdat bihom kellhom bażi tajba ħafna, grazzi għall-Assistent Surmast Mro Mauro Spiteri. Fuq il-passi tiegħu, tul din is-sena jien ħdimt u tajt dak kollu li naf biex l-istudenti ta' din il-banda jieħdu l-aqwa tagħlim possibbli. Tul din is-sena jien, flimkien mas-Surmast u l-banda, tellajna ħames studenti għall-eżamijiet tat-teorija tal-London College of Music. Minn dawn il-ħames studenti, erbgħa ġabu grad ta' distinction filwaqt li waħda ġabet grad ta' merit. Jekk Alla jrid fix-xahar ta' Novembru li ġej aktar studenti se jagħmlu l-eżami tat-teorija. Dan kollu huwa sinjal ta' inkoraġġiment biex il-banda tkompli tissaħħaħ bl-allievi u l-bandisti tal-post tagħha, filwaqt li aħna l-għalliema nkomplu naħdmu b'mod professjonali għal din il-banda Mġarrija. Inħeġġeġ lil dawk kollha li huma interessati li jibdew jitgħallmu xi strument tal-banda kif ukoll it-teorija biex ma jiddejqux jikkuntattjaw lil xi membru f'din il-banda.

Nixtieq ngħid grazzi kbira lil din il-banda li tatni l-opportunità biex noħroġ l-ewwel marċ funebri tiegħi bl-isem ta' *Sentimenti*, marċ li ntlaqa' tajjeb mill-udjenza preżenti fil-programm annwali ta' marċi funebri. Nixtieq nieħu din l-opportunità biex nirringrazzja lis-Surmast Mro Tancred Grech tal-għajnuna u s-sapport li tani tul din is-sena. Nixtieq ukoll nirringrazzja lis-Segretarju Ġenerali tal-banda s-Sur Joseph Caruana kif ukoll lis-Sinjura Rose Apap Bologna, li dejjem kienu ta' spalla fejn jidħlu l-affarijiet tal-banda. Filwaqt li nieħu din l-opportunità biex nirringrazzja lil kulħadd tas-sapport kontinwu li dejjem sibt, nixtieq nawgura lill-poplu Mġarri kollu l-festa t-tajba u jalla jkollna festa sabiħa kif tixraq li tkun lil Ommna Marija Assunta. Viva Marija Assunta!

**Micallef Joe Travel**
**93, Triq San Tumas, Ħamrun**
2122 8586 / 2722 8586 • 9947 1167 - 79236754
info@micallefjoetravel.com
www.micallefjoetravel.com
Micallef Joe Travel



# Messaġġ mill-Għaqda Patrimonju u Festa tal-Imġarr

Sharon Vella
*P.R.O.*

Għeżież Imġarrin,

Erġajna wasalna għal festa oħra ta' Santa Marija Assunta. Iż-żmien gerbeb u lanqas indunajna li waslet din il-festa tant għażiża magħna l-Imġarrin.

Nieħdu din l-opportunità biex nifirħu lis-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema li waslu fis-seba' sena tagħhom mit-twaqqif u matul is-snin irnexxielhom jidħlu f'festi ta' rħula oħra bis-servizzi tagħhom. Ninsabu kuntenti li l-proġett tal-każin tal-banda miexi b'ritmu tajjeb, u dan jawgura li fil-futur qrib tinfetaħ din id-dar tal-banda Mġarrija. Nixtiequ nifirħulhom ukoll tal-kunċerti li tawna matul din is-sena, speċjalment dak tal-Ġimgħa l-Kbira u ta' Ġieħ l-Imġarr flimkien mal-banda ta' Mathi. Minn hawn nawgurawlhom għall-mawra tagħhom ġo Mathi u suċċess għal din l-okkażjoni speċjali.

Nagħlqu dawn il-kelmtejn billi nuru l-impenn taż-żewġ għaqdiet tagħna għal ħidma kollettiva għall-ġid tar-raħal u l-festa tagħna.

Nawguraw il-festa t-tajba lill-Imġarrin kollha u lil kull min jiġi jżurna f'dawn il-jiem tal-festa.

**MARINA GARAGE**
**MECHANICAL WORKS & SPARES**
***JOE ABELA***
**Barbara Street, Mġarr MGR 1330, Malta**
**Tel/Fax: 21574662**



Mġarr United Bar & Restaurant Since 1995
**MĠARR UNITED BAR & RESTAURANT**
Triq il-Magħkuba, Mġarr
(close to Football Ground)
**T: 2157 4630 M: 7905 0283**

# Messaġġ mis-Soċjetà Spettaklu Marija Assunta



Alison Muscat

Għeżież Imġarrin,

Ġejt avviċinata mis-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema biex nikteb kelmtejn fuq is-Soċjetà Spettaklu Marija Assunta Mġarr. Nixtieq nibda billi ngħid li dejjem ħdimna bi ħġarna sabiex kull sena nagħmlu spettaklu ta' nar aqwa u isbaħ, kif jixraq lill-patruna tagħna Santa Marija u lil dan ir-raħal tant għażiż. Nixtieq nieħu l-opportunità biex naġġornakom dwar ir-rendikont finanzjarju ta' dawn l-aħħar ħames snin minn kemm ilni involuta, mill-elfejn u erbatax (2014) sa April, elfejn u tmintax (2018). Dħul kellna total ta' €50,290.07 u ħruġ kellna total ta' €44,859.21, u l-bilanċ preżenti huwa ta' €10,466.77. Dan jinkludi l-bilanċ ta' €5,035.91 li bdejna bih fl-elfejn u erbatax (2014). Il-parti l-kbira ta' dan id-dħul ġie mill-għotjiet ġenerużi tagħkom fl-envelops u mill-parteċipazzjoni numeruża fl-ikliet li norganizzaw, li ta' kull sena jiżdiedu, speċjalment fl-ikla tas-Santi u fil-majjalata ħdejn is-salib tal-knisja. Dan huwa ta' kuraġġ kbir għalina, għax turuna kemm tapprezzaw ix-xogħol li nagħmlu. Grazzi kbira tmur ukoll lill-isponsors, li dejjem urew fiduċja fina, kif ukoll lis-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema u lill-kumitati l-oħrajn talli dejjem tawna l-appoġġ tagħhom meta tlabniehom. Nixtiequ nitolbukom biex tibqgħu turu s-sapport tagħkom lis-Soċjetà; b'hekk tagħmlulna kuraġġ inkomplu bil-ħidma tagħna ħalli jgawdi r-raħal kollu. Kull min jixtieq iktar dettalji dwar is-Soċjetà tagħna, jista' jikkuntattja lil xi membru tas-Soċjetà.

Fl-aħħar u mhux l-inqas nixtieq nitlob lill-għażiża Marija Assunta sabiex dejjem iżżommna taħt il-ħarsien tagħha ħalli nibqgħu dejjem soċjetà magħquda bħala familja, biex b'hekk negħlbu kull sfida li tiġi u nibqgħu nirrappreżentaw lil dan ir-raħal għażiż tagħna.





# Bejn festa u oħra

Kitba ta' Joseph Caruana

Dan l-artiklu tiegħi issa żamm postu sew f'din il-pubblikazzjoni annwali, li s-Soċjetà tagħna tippubblika b'tant dedikazzjoni f'dawn il-jiem sbieħ tal-festa. Ninsab ċert li din il-kitba tkun tant mistennija minnkom, u kull sena nibqa' sorpriż bl-ammont ta' nies li jaqraw din kitbiti. Naċċertakom li kieku mhux għal dawn il-fatturi, żgur li ma kontx nibqa' ninseġ dawn il-kelmtejn maħsuba li jeħduna lura fiż-żmien biex flimkien nerġgħu ngħixu dawk il-mumenti li minnhom għaddiet il-Banda tagħna.



Il-ktieb tal-festa 2017 fl-aħħar fażi tiegħu qabel jitlesta

Mill-festa tas-sena l-oħra 'l hawn sar ħafna xogħol u kellna diversi impenji, uħud minnhom anke uniċi. Bl-impenn tagħna nfetħulna opportunitajiet ġodda, u flimkein se nkomplu niktbu din l-istorja ta' suċċess li bdejna fl-2011. Storja li saret popolari magħkom, ma' ħutna l-Maltin u l-Għawdxin u anke mal-barranin li jiġu jżuru dawn il-gżejjer. Il-mawra li se tagħmel il-Banda tagħna fl-Italja bejn it-13 u s-17 ta' Diċembru ta' din is-sena żgur li se tibqa' mfakkra u żgur li mhux se tkun unika, però hi l-ewlenija. B'sodisfazzjon kbir u b'umiltà lqajna l-istedina li saritilna mill-Comune ta' Mathi biex il-Banda tagħna tagħmel servizzi mużikali hemmhekk. Il-Banda Mġarrija se tkun ambaxxatriċi ta' raħalna u ta' gżiritna. Unur kbir li se jagħmlilna ġieħ.



Is-Surmast Direttur Tancred Grech jgħaddi solo bl-ewfonju waqt il-programm sagru tal-2017



Il-President flimkien mas-Segretarju u s-Surmast Direttur waqt intervista diretta fuq One Radio, waqt il-programm *Mill-Briju tal-Festa* nhar is-Sibt, 12 ta' Awwissu 2017



Antoine ċ-Ċavett jipprepara l-ikel għal waħda mill-attivitajiet ta' matul is-sena



L-Onor. Dr Godfrey Farrugia MP jagħti pariri għas-saħħa lil dawk li attendew pasta lunch organizzat għand iċ-Cavett Place



Delegazzjoni tal-kumitat wara waħda mill-ikliet li organizzajna ċ-Cavett Place, jippreżentaw inkwatru bix-xbieha tal-vara titulari ta' Santa Marija tal-Imġarr lis-Sur Antoine Azzopardi, iċ-Ċavett, biex iwaħħlu fl-istabbiliment tiegħu



Waqt wieħed mill-coffee mornings li organizzajna matul is-sena għand iċ-Cavett Place




Rigal li ngħata lil dawk li attendew il-coffee morning tal-Milied

Tul dan il-perjodu li se nkopri f'dan l-artiklu organizzajna diversi attivitajiet soċjali. Il-medja għal din is-sena kienet ta' 2 fix-xahar. Għamilna bosta ikliet, festini għat-tfal u coffee mornings. Fil-fatt pruvajna nagħmlu ikla u coffee morning kull xahar, anke fil-jiem tas-sajf. Lit-tfal organizzajnielhom festin fi żmien il-Milied u l-Karnival. Dawn saru fil-maħżen tal-Assunta, u fiż-żewġ okkażjonijiet kellna divertiment provdut mill-4teenth Productions. Ta' min isemmi li din is-sena l-coffee mornings kollha saru l-Cavett Place. Dan għaliex l-istess propjetarju sponsorja kull darba dawn il-coffee mornings. Tajjeb li kulħadd ikun jaf li ta' dawn inħallsu biss l-ispejjeż. L-istess sar kull meta organizzajna ikla f'dan l-istabbiliment. Nieħu din l-opportunità biex nirringrazzja lil dawk kollha li attendew għall-ikliet u l-attivitajiet li organizzajna. Nirringrazzja lil kull min

ta xi forma ta’ għajnuna. Inħeġġiġkom biex jekk intom li qed taqraw din il-kitba qatt ma attendejtu xi attività li norganizzaw għalikom, tiddejqu xejn, ejjew u filwaqt li tieklu tajjeb tkunu qed tgħinuna nkomplu mexjin ’il quddiem.

Il-banda. Din kull sena tibqa’ l-ikbar impenn li jkollha l-Għaqda tagħna. Bir-raġun, hux hekk! Matul din is-sena l-banda kellha diversi impenji. L-ewwel servizz li kellna kien propju fl-14 ta’ Ottubru. Dakinhar tellajna s-serata *Flimkien għall-Banda*. Kif tafu, normalment din



Uħud minn dawk li attendew għas-serata *Il-Milied mal-Banda*



Il-banda tferraħ lill-udjenza bid-daqq ta’ carols tal-Milied fil-kappella tal-kunvent tas-sorijiet Franġiskani bħala parti mis-serata *Il-Milied mal-Banda fl-2017*



Ġorġ Vella waqt li qed ifaħħar ‘l Alla bil-prietka tal-Milied



Ritratt tal-okkażjoni waqt is-serata *Il-Milied mal-Banda* fl-2017



Uħud preżenti għall-ikla organizzata fil-maħżen dakinhar tas-serata *Il-Milied mal-Banda*




Il-poster tal-attività *Il-Milied mal-Banda*, li saret fit-2 ta’ Diċembru 2017

tkun f'Ġunju, però peress li s-sena l-oħra kien hemm l-elezzjoni ġenerali, din kellha tiġi posposta. F'din l-attività l-bandisti u l-allievi tagħna jipparteċipaw billi jdoqqu silta mużikali li jkunu ppreparaw. Wara li kull parteċipant idoqq is-silta tal-għażla tiegħu, tingħata tifkira lill-parteċipanti mbagħad nieklu xi ħaġa flimkien. L-iskop li jixhed l-istess isem tas-serata hu li kulħadd jagħti s-sehem tiegħu għall-banda.



Il-poster tal-coffee morning li sar fil-maħżen fil-5 ta' Ottubru 2017


Uħud minn dawk li attendew il-coffee morning fil-maħżen

Ftit jiem wara mbagħad il-bandisti tagħna flimkien ma' dawk tal-banda ta' Birżebbuġa kellhom żewġ impenji, wieħed fl-Imġarr u l-ieħor Birżebbuġa. Bħala parti mill-proġett li flimkien iż-żewġ baned għamilna bl-għajnuna tal-Aġenzija Żgħażagħ, tellajna żewġ programmi mużikali bit-talenti li nħaddnu ż-żewġ għaqdiet.

Nhar is-sibt 2 ta' Diċembru kien imiss is-serata *Il-Milied mal-Banda*. Din id-darba l-parti mużikali saret fil-kappella tal-kunvent tas-sorijiet tal-Imġarr. Tassew kienet idea tajba li mmorru ndoqqu hemm. F'kappella ppakkjata daqqejna carols tal-Milied u ferraħna lill-anzjani tagħna. Wara mbagħad kellna l-ikla tal-Milied fil-maħżen tal-Assunta.

Fl-ewwel weekend ta' Frar il-banda kompliet tikteb l-istorja. Dan għaliex ħadet sehem għall-ewwel darba fl-attivitajiet organizzati mill-Kunsill Lokali għal Ġieħ l-Imġarr. Fil-fatt is-Sibt, 3 ta' Frar 2018 il-Banda tagħna kienet l-ewwel banda li daqqet fil-knisja ta' Sant'Anna taż-Żebbiegħ. Dakinhar tellajna programm mużikali f'din il-knisja, fejn ħadet sehem ukoll il-banda Principessa Jolanda ta' Mathi, l-Italja. Imbagħad l-għada l-Ħadd il-Banda daqqet waqt il-quddiesa ta' Ġieħ l-Imġarr li saret fil-knisja parrokkjali tagħna. Wara dan il-Kunsill Lokali ddeċieda li l-Banda tagħna mis-sena 2019 tibda tkun hi li ddoqq fis-serata finali ta' Ġieħ l-Imġarr.


Il-Banda Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr flimkien mal-Banda Principessa Yolanda ta' Mathi waqt il-programm mużikali mtella' fl-okkażjoni tal-festi ta' Ġieħ l-Imġarr nhar is-Sibt, 3 ta' Frar 2018 fil-knisja ta' Sant Anna, iż-Żebbiegħ, limiti tal-Imġarr

Dan ma kienx l-uniku programm li tellajna flimkien mal-Kunsill Lokali għal dan il-perjodu. Fis-26 ta' Marzu 2018 tellajna l-programm ta' marċi funebri *Sentimenti* fil-knisja parrokkjali tal-Imġarr. Waqt dan il-programm ħadu sehem ukoll atturi mill-4 teenth Productions, li tellgħu siltiet ta' riflessjoni mid-dramm tal-passjoni ta' Giovann




Il-poster li ħriġna għall-programm ta' marċi funebri *Sentimenti*



Il-Banda Marija Mtellgħa s-Sema waqt il-programm ta' marċi funebri *Sentimenti*

Attard – *Versus*. Waqt dan il-programm ġie mżanżan il-marċ funebri *Sentimenti*, li għandu kompożizzjoni tal-għalliem tat-teorija tagħna, is-Sur Christopher Tanti. Preżenta s-serata s-Sur Mario Sant.

Imbagħad nhar il-Ħadd 6 ta' Mejju daqqejna waqt it-tifkira tal-vittmi tal-gwerra. Din tiġi organizzata kull sena mill-Kunsill Lokali tal-Imġarr.

Fl-1 ta' Ġunju kien reġa' jmiss l-attività *Flimkien għall-Banda*. Wara s-suċċess li kellna f'Diċembru, b'dik imsejħa *Il-Milied mal-Banda*, erġajna tellajna din l-attività fil-kunvent tas-sorijiet. Fil-fatt il-parti mużikali saret fil-kappella, imbagħad wara kilna xi ħaġa flimkien fl-istess kunvent. Issa fil-jiem tal-festa, waqt il-marċ ta' filgħodu, se mmorru nferrħu lill-anzjani tagħna bid-daqq tal-marċi fil-ġnien tal-kunvent.



Il-bandisti tagħna waqt sessjoni ta' taħriġ li saret fil-Kunsill Lokali tal-Imġarr

Imbagħad kien imiss li nagħmlu 4 servizzi barra r-raħal. Dawn bdew il-Ħadd, 15 ta' Lulju 2018, meta daqqejna l-Kalkara, fejn ħadna sehem waqt il-purċissjoni bil-vara titulari ta' San Ġużepp. Il-Ġimgħa, 27 ta' Lulju 2018 erġajna konna mistiedna



Il-kumitat eżekuttiv flimkien mal-kumitat tal-festa tas-Salvatur ta' Ħal Lija waqt is-servizz li l-banda għamlet nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Lulju 2018



Il-banda waqt il-ħruġ tal-purċissjoni ta' Sant Anna, Wied il-Għajn, nhar il-Ħadd, 29 ta' Lulju, 2018

biex nagħmlu marċ brijuż Ħal Lija, fil-jum tal-ħruġ tal-vara tas-Salvatur. Jumejn biss wara, il-Banda tagħna reġgħet kienet impenjata b'servizz ieħor, din id-darba f'Wied il-Għajn. Hawn il-Banda tagħna tkun mistiedna biex takkumpanja l-vara

titulari ta' Sant'Anna mill-ħruġ sad-dħul. Dan is-servizz għamilnieh għat-tielet darba konsekuttiva. Imbagħad għalaqna s-servizzi tagħna ta' barra r-raħal fil-Belt kapitali Valletta, nhar il-Ħamis 2 ta' Awwissu. Għat-tielet darba, l-Għaqda Festi Esterni San Duminku għoġobha tistedinna biex nagħmlu marċ brijuż fit-toroq tal-Belt Valletta.



Il-Banda Marija Mtellgħa s-sema waqt is-servizz li għamlet fil-festa tas-Salvatur fis-27 ta' Lulju 2018

L-għada ta' dan is-servizz nibdew is-sehem tagħna fil-festa tal-patruna tagħna Santa Marija. Il-Banda tagħna fil-festa tal-2018 għandha 8 impenji, wieħed iktar mis-sena l-oħra. Dan għaliex din is-sena se nagħmlu wkoll il-marċ tal-Ħamis, it-tieni jum tat-tridu.

Il-Ġimgħa 3 ta' Awwissu nieħdu sehem waqt il-ħruġ tal-vara min-niċċa, imbagħad ikun imiss li l-Banda tieħu sehem waqt il-quddiesa tat-tfal, li din is-sena se tkun il-Ġimgħa



















Attivitajiet organizzati matul is-sena


















Aktar attivitajiet organizzati matul is-sena

10 ta' Awwissu. Il-Ħadd 12 ta' Awwissu jkollna żewġ impenji. Dakinhar nagħmlu l-marċ ta' filgħodu, filwaqt li filgħaxija l-Banda se terġa' ttella' l-programm ta' mużika sagra fil-knisja parrokkjali. Din is-sena minbarra numru ta' kantanti u solista se jakkumpanja l-banda l-arpista Jacob Portelli. Il-Ħamis 16 ta' Awwissu, kif ġa semmejt, se nagħmlu marċ brijuż







Posters oħra ta' aktar attivitajiet organizzati matul is-sena

mat-toroq tal-Imġarr u wara programm ta' mużika leġġera fil-pjazza. Fil-jum tal-Ġimgħa 17 ta' Awwissu l-Banda tagħmel il-marċ tal-aħħar jum tat-tridu. Wara dan il-marċ se ntellgħu spettaklu ta' nar, dawl u kant fil-pjazza. Lejlet il-festa nagħmlu marċ qasir u wara l-Banda tesegwixxi programm vokali u strumentali fuq il-planċier, li jkun armat fuq iz-zuntier. F'jum il-festa l-Banda tibda b'marċ mat-toroq prinċipali tal-Imġarr, li jwassalna sal-ħruġ tal-vara. Waqt il-ħruġ il-Banda ddoqq l-innu l-kbir *Lil Santa Marija*. Hawn tkun akkumpanjata mill-kor tal-parroċċa Regina Coeli. Wara takkumpanja l-purċissjoni sakemm tasal fil-pjazza. Naħseb ilkoll naqblu li kalendarju tassew mimli u impenjattiv. Ta' min jgħid ukoll li għal din il-festa qed inżanżnu diska ġdida, id-diska Ġmiel ta' Awwissu, li għandha mużika tas-Surmast Joe Brown u versi ta' Joe Julian Farrugia. Din is-song qed titkanta minn Rachel Lowell.



Il-banda waqt il-programm sagru fil-knisja tal-Imġarr - 13 ta' Awwissu 2017



Parti mix-xogħol bi preparazzjoni għax-xow tal-karti li sar nhar il-Ġimgħa, 18 ta' Awwissu 2017, wara l-marċ tal-aħħar jum tat-tridu

Minbarra dawn l-impenji, matul is-sena t-tagħlim tal-mużika ma waqaf xejn. Fil-fatt minbarra l-prattika u t-teorija ġew organizzati diversi master classes. Għat-tieni sena konsekuttiva kellna magħna lill-flawtista ta' fama mondjali Andrea Kuypers, li tellgħet master classes lill-flawtisti tagħna u lil dawk tas-sezzjoni tal-injam. Dan seħħ bil-għajnuna tal-fondi li ħadna mill-Aġenzija Żgħażagħ. Issa wara l-festa għandha master classes oħra, lil dawk tas-sezzjoni tar-ram u s-saksafonisti. Dawn ukoll mill-fondi tal-Aġenzija Żgħażagħ. Frott ta' din il-ħidma u ta' dik li saret fis-snin imgħoddija. Din is-sena fil-jiem tal-festa l-Banda tagħna kompliet titkattar. Fil-fatt din is-sena qed jiddebuttaw mal-banda żewġ bandisti




Il-poster li ħriġna għall-masterclasses



Rosemarie Abela waqt sessjoni ta' masterclass ma' Andrea Kuypers



L-għalliema tal-mużika fi ħdan l-Għaqda tagħna. Mix-xellug: Christopher Tanti (Għalliem tat-teorija), Tancred Grech (Surmast Direttur u għalliem tar-ram u l-perkussjoni), Beatrix Calleja (Għalliema tal-istrumenti tal-qasba) u Henry Fenech (Għalliem tal-istrumenti tal-qasba)



L-Awditur tas-Soċjetà s-Sur Antoine Borg waqt waħda mis-sessjonijiet ta' awditjar. Fir-ritratt jidhru wkoll il-Kaxxiera s-Sinjura Rose Abela u r-raġel tagħha s-Sur Roberto Apap Bologna, li jgħin ħafna lill-Kaxxiera fiż-żamma tal-kotba



Mro Joe Brown flimkien mal-kantanta Rachell Lowell wara r-recording tad-diska *Ġmiel ta' Awwissu* nhar is-Sibt, 14 ta' Lulju 2018

ġodda. Dawn huma Danica Abela bil-flawt u Eżekjel Gauci bl-althorn. Ressaqna wkoll diversi studenti għall-eżamijiet tat-teorija, u b'sodisfazzjon ngħidilkom li lkoll kisbu distinction.

Il-proġett tal-każin. Ilkoll tafu li issa x-xogħol beda, u nittamaw li ma ndumux ma nibdew ingawdu l-frott. Sar ħafna xogħol però fadal ħafna iktar xi jsir. Hemm bżonn li iktar voluntiera jiġu jgħinuna. Nafu li kulħadd għandu l-impenji tiegħu, imma li tiġu tagħtu daqqa t'id f'dan il-proġett tkunu qed tinvestu għall-futur ta' wliedkom u wlied uliedkom. Ma nistax insemmi l-proġett tal-każin u ma nirringrazzjax lill-ammont kbir ta' voluntiera li taw sehemhom. Minn qalbi nirringrazzjakom.





L-Onor. Ministru Dr Ian Borg waqt żjara li għamel il-każin tal-banda



Nirringrazzja wkoll lil Santa Marija, li meta konna magħfusin daħlet għalina hi u sibna l-għajnuna. Ringrazzjament speċjali jmur lill-Onor. Ministru Dr Ian Borg MP tal-għajnuna kbira li qed jagħtina biex din il-ħolma ssir realtà. Grazzi wkoll lill-Perit David Vassallo u l-Inġinier Mario Sammut, li huma reasponsabbli mill-proġett tal-każin.

Issa li qegħdin qrib biex illestu l-ewwel fażi, qed nistennew biex fi ftit ġimgħat oħra ningħataw l-approvazzjoni tal-MEPA biex inkunu nistgħu nibdew it-tieni fażi, dik l-iktar kruċjali li se tkun tinkorpora l-binja tal-każin. Naf kemm intom anzjużi li jitlesta l-każin, però tridu tapprezzaw li kollox jieħu l-ħin u llum mhux faċli ssib dejjem il-voluntiera. Nappellalkom, lilkom kuntratturi, biex tgħinuna nibnu l-każin ħalli llesti mill-iktar fis.




Il-poster tal-party tal-Milied tat-tfal fl-2017



Il-banda waqt waħda mill-provi matul is-sena




Il-poster tal-*Country Night*



Uħud minn dawk li ġew il-*Country Night*



Allegrija waqt attività li organizzajna fil-maħżen



Uħud mit-tfal li attendew il-party tal-Karnival

Nixtieq nirringrazzja wkoll lil dawk imsieħba fl-iskema *Sehmi għall-Każin Tiegħi*, skema maħsuba biex niġbru fondi għall-każin. Inħeġġeġ lil dawk li s'issa qagħdu lura biex huma wkoll jagħtu donazzjoni ta' €5 fix-xahar jew iktar għal dan il-proġett. Imġarrin, l-Imġarr għandu bżonnkom biex illestu l-każin. Iżżommux lura!

Kif stajtu taraw, kienet sena mimlija impenji. Jien semmejt l-iktar importanti. Ma xtaqtx intawwal wisq, u fejn stajt qgħadt lura biex ma nsemmix individwi, għax nibża' li ninsa lil xi ħadd. Jekk inqast lil xi ħadd nitolbu skuża u naċċertah li dan ma kienx intenzjonat. Nixtieq nirringrazzja lil dawk



Tarcisio u Stella Sant minn Toronto, il-Kanada, jippreżentaw klarinett lill-banda tal-Imġarr



Il-President ,is-Sur Giovanni Gatt jippreżenta inkwatru bix-xbieha ta' Santa Marija lis-Sur Greg Caruana. Is-Sinjuri Greg u Agnes Caruana minn naħa tagħhom rregalaw sett platti biex jintużaw mill-banda. Huma taw ukoll donazzjoni ta' 3000 dollaru lill-banda. Dawn il-flus inġabru waqt attivita organizzata fl-Awstralja mill-Grupp tal-festa ta' Santa Marija f'Sydney.Ta' min jgħid li iktar qabel is-soċjetà tagħna tat id-dritt li jindaqq l-Innu Popolari "Infaħħruk Dejjem" lil din l-għaqda.



Veronica Walker tippreżenta flawt lis-Sur Gordon Fee għall-banda



Arloġġi li ħriġna bix-xbieha tal-vara titulari

kollha li b'xi mod jew ieħor għamlu l-almu tagħhom biex aħna komplejna niktbu l-istorja tal-Għaqda tagħna. Naċċertakom li kien ta' sodisfazzjon kbir għalina li għexniehom, u llum baqgħu memorji sbieħ minquxa f'qalbna.

Din il-pubblikazzjoni li għandkom f'idejkom hi frott ta' ħafna xogħol. Ħafna minn dan ix-xogħol nagħmlu kollu jien u nagħmlu mill-qalb, għax naf kemm tapprezzawha. Dan l-apprezzament jimliena b'kuraġġ biex ta' kull sena nippubblikaw dan il-ktieb ta' livell, li kif tafu jitqassam f'kull residenza. Inħeġġiġkom biex kull min ikun jixtieq jikteb xi artiklu f'dan il-ktieb annwali jikkuntattjana ħalli sena oħra l-artiklu tiegħu jew tagħha jkun wieħed minn dawk ippubblikati f'din l-pubblikazzjoni popolari.

Jien ninsab ċert li dan kollu li semmejt f'din il-kitba kontu tafuh, però tajjeb li jkun miktub anke għal dawk ta' warajna. Tajjeb li kulħadd japprezza lil kull min jagħti s-sehem tiegħu biex tinkiteb l-istorja ta' suċċess ta' din is-Soċjetà żagħżugħa f'raħal żgħir b'qalb kbira. Imġarrin, issa wasal l-ikbar u l-isbaħ impenn tagħna, dak tal-festa ta' Santa Marija. Inħeġġiġkom biex tingħaqdu magħna ħalli flimkien niċċelebraw festa sabiħa li tassew tagħmel unur lill-patruna Santa Marija Mtellgħa s-Sema.



Il-Purċissjoni - Jum il-Festa



# Il-Banda tal-Imġarr għandha bżonn l-għajnuna tagħkom

## 'Sehmi Għall-Każin Tiegħi'

## *My Support for the Mġarr Band Club Premises Project*

Rose Apap Bologna
*Kaxxiera*

Zep, qed inċempillek għax għadni kif qed naqra l-ktieb tal-festa tal-banda.

Bonġu, Ton. U allura, b'daqshekk? Kellek għalfejn toqgħod iċċempilli?

Int ħallini ħa nispiċċa! Għax tal-banda qed jirranġaw post biex ikollhom każin tagħhom u skoprejt li għandhom skema biex jiġbru l-fondi mingħand l-Imġarrin.

U x'inhi din l-iskema?

L-iskema jisimha "Sehmi għall-Każin Tiegħi". Nistgħu nidħlu membri ta' din l-iskema u nħallsu €5 fix-xahar jew €60 fis-sena.

Kieku idea tajba! Nitħajru, Ton? Kif nidħlu membri?

Jien tħajjart. Ħa nċempel issa stess lill-kaxxiera tagħhom fuq in-numru tal-mobile 79521519.



Kif tafu, issa x-xogħol fuq il-każin beda b'ritmu mgħaġġel sew, tant li fuq barra tal-każin se jiġi inawgurat dalwaqt. Issa jmiss sfida ikbar, dik li llestu ġewwa, biex it-tfal tagħna jkollhom post fejn jitgħallmu xi strument mużikali, kif ukoll ikollhom post għar-rikreazzjoni. Iktar dettalji fuq ix-xogħol li għad irid isir jagħtih is-Segretarju f'artiklu ieħor. Kif tistgħu timmaġinaw, dan jirrikjedi flejjes kbar.



Fit-28 ta' Mejju 2017, waqt open day li organizzajna, waqqafna skema bl-isem "***Sehmi għall-Każin Tiegħi***". Dakinhar attendew numru sabiħ ta' Mġarrin u politikanti. L-Imġarrin kellhom opportunità jaraw il-post kif ukoll ingħatat spjegazzjoni dwar ix-xogħol li jrid isir.

***Sehmi għall-Każin Tiegħi*** hija skema sempliċi fejn qed jinġabru donazzjonijiet għal dan il-proġett. Membri ta' din l-iskema wiegħdu li jagħtu donazzjoni kull xahar jew kull sena b'risq dan il-proġett. L-ammont minimu li wieħed jista' jagħti hu €5 fix-xahar jew €60 fis-sena, imma jista' jkun iktar. Jiddeċiedi l-membru.




Din l-iskema għadha miftuħa u nħeġġiġkom biex issiru membri u tifformaw parti mill-istorja tal-Banda

Kull darba li jsir pagament tinħareġ irċevuta apposta għal din l-iskema. Min irid jista' jagħżel li jitniżżel ismu fil-ktieb tal-festa.

Il-Banda tal-Imġarr twiegħed li l-fondi miġbura minn din l-iskema se jintużaw **biss** biex jitlesta l-proġett tal-każin, u fil-laqgħa ġenerali jingħata rendikont separat ta' dawn il-fondi u kif intefqu.

Matul is-sena kellna diversi lotteriji għall-membri ta' din l-iskema, fejn intrebħu rigali sbieħ. Dawn il-lotteriji ttellgħu waqt xi attivitajiet li organizzajna. Barra minn hekk organizzajna ikla fejn stedinna lill-membri u l-voluntiera li qed jgħinuna fix-xogħol tal-każin. **Hawn irrid ngħid li ħafna mill-membri tal-kumitat eżekuttiv xorta ħallsu biex jgħinu iktar lill-banda tagħna**.

F'dawn l-aħħar 5 snin tajna tagħlim b'xejn lill-allievi tagħna u minnhom hemm min wasal fi stat avvanzat fit-teorija u anki l-prattika. Inħossni kburija li nifforma parti minn din l-iskema, meta nikkonsidra li sa 6 snin ilu t-tfal tal-Imġarr ma kellhomx opportunità bħal din.

Imġarrin, inħeġġiġkom biex tgħinuna u tidħlu f'din l-iskema. Tkunu qed tagħmlulna ħafna kuraġġ biex inkomplu f'din il-ħidma tagħna għall-Banda. Aħna kollha voluntiera, u barra x-xogħol li nagħmlu, noħorġu ħafna finanzi minn butna biex nimxu dejjem 'il quddiem. Grazzi tas-sapport li dejjem tajtuna.

*Our dream for the Mġarr Band Club to have its own premises is now getting closer. The exterior and surrounding grounds are quite advanced, and focus will now shift towards the interior. This requires quite a bit of funding. In 2017 we launched a scheme whereby an individual can enrol to join up as a member. Contributions can range between €5 per month to as much as the individual would like. Funds collected from this scheme will go exclusively for this project. Anyone who needs more information or who would like to enrol is kindly asked to phone on mobile number 79521519 and talk to Rose – the Band's treasurer.*
***We thank you for all your support***



This scheme is still open, and we would like to ask you to kindly sign up and help realise our dream for the Band headquarters.

## Membri fl-iskema
## *Sehmi għall-Każin Tiegħi*

Onor. Ministru Dr Ian Borg MP
Rose Mary u Roberto Apap Bologna
John Bugeja
Maria Bugeja
Angelo Camilleri
Piju u Mary Camilleri
Paul u Emanuela Camilleri
Joseph Caruana
Karl Caruana
Michael u Celita Caruana
Vanessa Caruana
Jean Pierre Debono
Onor. Dr Godfrey Farrugia MP
Raymond Galea
Mro Tancred Grech
Roberta Keasley
Kumitat Azzjoni Kattolika Nisa
Maria Micallef
Joseph Mintoff
Emanuel Muscat
Nazzareno Muscat
Marthese Quattromani Galea
Frank Schembri
Ian Mario (Il-Ħaġi) Vassallo
George u Juan Vella
Jimmy Vella
Maria u Jimmy Vella
Toni Vella
Joanne u Saviour Zammit

# Rendikont tas-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr

## Ottubru 2016 – Settembru 2017



| | € |
|---|---:|
| Bilanċ mis-sena l-oħra | 77,978.78 |
| | |
| **DĦUL** | |
| Donazzjonijiet | 12,330.00 |
| Menswalità | 370.00 |
| Attivitajiet | 11,469.40 |
| Servizzi mużikali | 1,732.00 |
| Lezzjonijiet tat-teorija | 2,010.00 |
| Ktieb tal-festa | 7,685.00 |
| Sehmi għall-Każin Tiegħi | 3,542.00 |
| Dħul ieħor | 837.97 |
| **TOTAL TAD-DĦUL** | **39,976.37** |
| | |
| **ĦRUĠ** | |
| Kiri | 330.00 |
| Strumenti | 8,480.50 |
| Ktieb tal-festa | 3,382.80 |
| Ħlas lill-bandisti | 8,465.70 |
| Tagħlim tal-banda | 3,760.00 |
| Assikurazzjoni | 647.70 |
| Spejjeż fil-każin | 1,106.00 |
| Amministrazzjoni | 375.00 |
| Spejjeż oħra | 4,159.88 |
| **TOTAL TAL-ĦRUĠ** | **30,707.58** |
| | |
| **BILANĊ/ŻBILANĊ SA SETTEMBRU 2017** | **17,067.57** |
| | |
| Reklami li għadhom ma tħallsux (2017) | 1,650.00 |
| Ħlas li għadu ma sarx ta' servizzi tal-banda | 2,682.00 |
| **Jibqa' bilanċ ta'** | **19,749.57** |
| Dejn fuq il-ktieb tal-festa | 2,400.00 |
| Dejn ma' Music Link | 580.00 |
| Ħlas lill-bandisti (2017) | 14,709.00 |
| Dejn fuq id-DVD | 550.00 |
| | |
| **BILANĊ TAL-2017** | **2,060.57** |

# Servizzi mużikali
## mis-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema, l-Imġarr AD 2011



| Data | Attività | Lokal |
|---|---|---|
| 3 ta' Frar 2018 | Programm 'Ġieħ l-Imġarr' | iż-Żebbiegħ, l-Imġarr |
| 4 ta' Frar 2018 | Quddiesa 'Ġieħ l-Imġarr' | L-Imġarr |
| 26 ta' Marzu 2018 | Programm ta' marċi funebri | L-Imġarr |
| 6 ta' Mejju 2018 | Tifkira tal-Vittmi tal-Gwerra | L-Imġarr |
| 1 ta' Ġunju 2018 | Flimkien għall-banda | L-Imġarr |
| 15 ta' Lulju 2018 | Festa ta' San Ġużepp | Il-Kalkara |
| 27 ta' Lulju 2018 | Festa ta' Ġesù Salvatur | Ħal Lija |
| 29 ta' Lulju 2018 | Festa ta' Sant'Anna | Wied il-Għajn |
| 2 ta' Awwissu 2018 | Festa ta' San Duminku | Il-Belt Valletta |
| 3 ta' Awwissu 2018 | Ħruġ tal-vara tal-festa ta' Santa Marija | L-Imġarr |
| 10 ta' Awwissu 2018 | Jum it-tfal – Festa ta' Santa Marija | L-Imġarr |
| 12 ta' Awwissu 2018 | Marċ ta' filgħodu – Festa ta' Santa Marija | L-Imġarr |
| 12 ta' Awwissu 2018 | Programm ta' mużika sagra – Festa ta' Santa Marija | L-Imġarr |
| 16 ta' Awwissu 2018 | Marċ brijuż – Festa ta' Santa Marija | L-Imġarr |
| 17 ta' Awwissu 2018 | Marċ brijuż tal-aħħar jum tat-tridu – Festa ta' Santa Marija | L-Imġarr |
| 18 ta' Awwissu 2018 | Marċ u programm vokali u strumentali – Festa ta' Santa Marija | L-Imġarr |
| 19 ta' Awwissu 2018 | Purċissjoni u programm mużikali – Festa ta' Santa Marija | L-Imġarr |
| Ottubru 2018 | Programm tal-Aġenzija Żgħażagħ | Birżebbuġa |
| Ottubru 2018 | Programm tal-Aġenzija Żgħażagħ | L-Imġarr |
| 1 ta' Diċembru 2018 | Il-Milied mal-banda | L-Imġarr |
| 13-17 ta' Diċembru 2018 | L-ewwel safra tal-banda Mġarrija | Turin, l-Italja |

# Innijiet
# u marċi proċessjonali
## li se jindaqqu mill-Banda Marija Mtellgħa s-Sema fil-festa ta' Santa Marija 2018



| | |
|---|---|
| **Innu tal-Banda Marija Mtellgħa s-Sema** | Mużika: Mario Testa<br>Lirika: Kav. Ġorġ Bianchi |
| **Innu popolari Infaħħruk Dejjem** | Mużika: Tancred Grech<br>Lirika: Joseph Caruana |
| **Innu popolari L-Imġarr Iben Marija** | Mużika: Vincenzo Ciappara<br>Lirika: Ġanni Cilia |
| **Innu marċ Sultana tal-Imġarr** | Mużika: Tancred Grech<br>Lirika: Joe Julian Farrugia |
| **Innu marċ F'Jum il-Festa** | Mużika: Mary Cauchi<br>Arr. Victor Zammit<br>Lirika: Joe Sammut |
| **Auxilium Christianorum** | Neville Pace |
| **Marcia Processionale No 1** | Ray Sciberras |
| **Marcia Processionale No 2** | Ray Sciberras |
| **Marcia Processionale No 3** | Ray Sciberras |
| **Marcia Processionale No 4** | Ray Sciberras |
| **Marċ proċessjonali** | Andrew Calleja |
| **Warda tal-Imġarr** | Daniel Vella |
| **L-Assunta** | Alex Caruana<br>Arr. Simon Farrugia |
| **F'Dik Ħarstek Ħanina** | Arr. Ray Sciberras |
| **Fil-Ħlewwa ta' Mejju** | Arr. Ray Sciberras |
| **Fis-Santwarju tal-Madonna** | Arr. Ronnie Debattista |
| **Innu ta' Fatima** | Arr. Ray Sciberras |
| **Ismagħha l-Għanja** | Arr. Ronnie Debattista |
| **Lil Marija Reġina** | Arr. Ray Sciberras |
| **Madonna Sbejħa Tagħna** | Arr. Ray Sciberras |
| **O, Kemm Nixtieq Naraha!** | Arr. Ronnie Debattista |
| **Angelus** | Arr. Ray Sciberras |
| **Ave Maria** | Arr. Ronnie Debattista |

# *Programm ta' Mużika Sagra*

**mtella' mis-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr**
**fil-knisja parrokkjali tal-Imġarr**
**nhar il-Ħadd, 12 ta' Awwissu 2018 fis-7.30 p.m.**

| | | |
|---|---|---|
| **Innu popolari** | ***L-Imġarr Iben Marija***<br>**Kor Reġina Coeli** | **Mużika: Vincenzo Ciappara**<br>**Versi: Ġanni A. Cilia** |
| **Innu popolari** | ***Infaħħruk Dejjem***<br>**Solista: Michela Galea** | **Mużika: Tancred Grech**<br>**Versi: Joseph Caruana** |
| **Talba** | ***Ave Maria***<br>**Sopran: Marita Bezzina**<br>**Arpista: Jacob Portelli** | **Arr. C. Sciberras** |
| **Talba** | ***Gloria***<br>**Arpista: Jacob Portelli** | **Alan Bass** |
| **Talba** | ***Who I was born to be***<br>**Solista: Pauline Vella** | **Arr. Chris Sciberras** |
| **Talba** | ***Ave Verum Corpus***<br>**Kor Regina Coeli** | **Wolfgang Amadeus Mozart** |
| **Silta** | ***La Califfa***<br>**Sopran: Marita Bezzina** | **Arr. John Glenesk Mortimer** |
| **L-Innu l-Kbir** | ***Lil Santa Marija Mġarr***<br>**Kor Regina Coeli** | **Mużika: Joseph Abela Scolaro**<br>**Versi: Dun Orazio Vella** |
| **Innu marċ** | ***Sultana tal-Imġarr***<br>**Sopran: Marita Bezzina** | **Mużika: Tancred Grech**<br>**Versi: Joe Julian Farrugia** |

Surmast Direttur: Mro Tancred Grech FLCM, LLCM, BA (Hons) Music, PGCE
Il-kor tal-parrocca Regina Coeli se jkun taħt it-tmexxija ta' Mro Mary Cauchi BA (Hons) L.Mus., LCM, ALCM
Kulħadd huwa mitlub ikun f'postu fis-7.15pm.
Compere: Is-Sinjorina Claudine Muscat
Jieħdu sehem Kor tat-tfal mill-Imġarr







# Programm Vokali u Strumentali

## mis-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr

taħt id-direzzjoni
tas-Surmast Direttur Mro Tancred Grech
fuq il-planċier f'Wesgħet il-Ġublew, l-Imġarr,
nhar is-Sibt, 18 ta' Awwissu 2018

| | | |
|---|---|---|
| **Innu Popolari** | ***L-Imġarr Iben Marija*** | **Mużika: Vincenzo Ciappara**<br>**Lirika: Ġanni Cilia** |
| **Innu Popolari** | ***Infaħħruk Dejjem***<br>**(Kantanta: Michela Galea)** | **Mużika: Tancred Grech**<br>**Lirika: Joseph Caruana** |
| **Silta** | ***La Storia*** | **Jacob de Haan** |
| **Medley** | ***Wiener Walzer Medley***<br>**Jidderieġi l-Asst Surmast**<br>**Mro Mauro Spiteri** | **Arr. H. Schneiders** |
| **Song** | ***Perfect*** | **Ed Sheeran – Arr. W. Aarts** |
| **Marċ** | ***Entry of the Gladiators*** | **J. Fucik** |
| **Selection** | ***Whisper from Beyond*** | **R. Galante** |
| **Song** | ***Vivo Per Lei***<br>**(Ikantaw: Georg Zammit**<br>**u Lucianne Schembri)** | **V. Zelli/M. Mangali** |
| **Silta** | ***Dances With Wolves*** | **Arr. J. Bocook** |
| **Song** | ***Simply the Best***<br>**(Kantanta: Michela Galea)** | **Arr. A. Calleja** |
| **Silta** | ***Two Steps from Hell – Heart of Courage*** | **Arr. A. Calleja** |
| **Innu Marċ** | ***Sultana tal-Imġarr*** | **Mużika: Tancred Grech**<br>**Lirika: Joe Julian Farrugia** |
| **Innu tal-Banda** | ***Marija Mtellgħa s-Sema*** | **Mużika: Mario Testa**<br>**Lirika: Kav. Ġorġ Bianchi** |

**Tippreżenta l-programm is-Sinjorina Claudine Muscat.**
**Jiħdu sehem Kor tat-tfal mill-Mġarr**
**Se jkun hemm is-siġġijiet biex wieħed ikun jista' jsegwi l-programm.**
**Kulħadd hu mitlub biex ikun f'postu fid-8.45 p.m.**




JAMES DEBONO
(Binu Iz-Zanu)
FLOOR POLISHER &
FLOOR MAINTENANCE
REPOLISHING
OF STAIRCASES
TEL: 2157 4824 - MOB: 9949 2819
FOR SALE
Spare Parts for Vintage & Classic Cars
NEW & SECOND HAND
(Binu Iz-Zanu)
ROSSO NERO GARAGE, Triq l-Iskorba, Mgarr
Garage: 2152 5109
Residence: 2157 4824
Mob: 9949 2819



# Marċi brijużi li se jindaqqu
## mill-Banda Marija Mtellgħa s-Sema
## fil-festa ta' Santa Marija 2018

| | |
|---|---|
| **Matthias** | Tancred Grech |
| **Kumitat 2011-2012** | Mario Testa |
| **Echo of the Emeralds** | Luigi Bongailas |
| **Pablito** | Archibald Mizzi |
| **Il-Famuża Koppla** | Willie Attard |
| **Tal-Qalba** | Joseph Busuttil |
| **Munchengladbach** | David Caruana |
| **Leona** | David Caruana |
| **Nigel** | Mario Testa |
| **Sorrento** | Orazio Cachia |
| **The King** | Archibald Mizzi |
| **Nicole** | Neville Pace |
| **Allegro con Fuoco** | Victor Vella |
| **Santiego de Cuba** | Joseph Abela Scolaro |
| **Il-Ħbieb** | Hector Dalli |
| **Come on the Stripes** | Maġ. Anthony Aquilina |
| **Chinese Rose** | Joseph Azzopardi |
| **Appassionata** | Joseph Abela Scolaro |
| **Blue Banner** | Luigi Bongailas |
| **Nathan il-King** | Tancred Grech |
| **Kummissjoni Banda** | Ray Sciberras |
| **Il-Bożen** | Maġ. Anthony Aquilina |
| **It-Two** | Michael Bugelli |
| **Agrigento** | Andrew Coleiro |
| **Cardenia** | Hector Dalli |
| **Coronation** | Joseph Azzopardi |
| **L.I.F.E.** | Julius Tanti |
| **Santos** | David Agius |
| **Bernardette** | Ronnie Pisani |
| **St Petersburgh** | David Caruana |
| **Victory** | Vincenzo Ciappara |
| **Fiesta** | Maġ. Anthony Aquilina |
| **Queen of Queens** | Andrew Coleiro |
| **Golden Jubilee** | Emanuel Bugeja |
| **Charlotte** | Alex Caruana<br>Arr. Simon Farrugia |
| **Martina** | Mauro Spiteri |
| **Katya** | Tancred Grech |
| **Millennium** | Andrew Coleiro |
| **Antoine ċ-Ċavett** | Elton Lee Abela |
| **Blue Forever** | Christopher Tanti |
| **Giovanni Gatt il-President** | John Zammit |
| **Sky High** | Luigi Bongailas |

*Surmast Direttur*

Mro Tancred Grech FLCM, LLCM, BA (Hons) Music, PGCE



RFL
24HR TOWING & RECOVERY SERVICE
RFL
24HR TOWING & RECOVERY SERVICE
RFL Towing was established in 2005 and currently operates in association with Mapfre Middlesea p.l.c.
RFL Towing understands that having problems on the road is frustrating and inconvenient, which is why the company operates everyday and at all hours, with timeliness and efficiency in mind. Organisation and responsibility are also key factors in the way RFL Towing is managed.
Roadside assistance is given to those who require it, and services include tyre changing, battery replacements and battery boosts, amongst others.
RFL Towing offers its services in both Malta and Gozo, and prices vary depending on the type of vehicle and the severity of the situation. A special rate is available for companies that make use of the service.
RFL Towing Services, Ta Saliba, Wardija Crossroads, Malta
Find us on Facebook: RFL Towing Service Website: www.rfltowing.com Email: rflt@go.net.mt
(+356) 9945 1593 / 9957 9240


MAWRA SAL-ITALJA
organizzata mill-kunsill Lokali tal-Imġarr bil-kollaborazjoni
tas-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr
BEJN IT-13 U S-17 TA' DIĊEMBRU 2018
Programm ta' ħamest ijiem interessanti ħafna fejn noqogħdu
ġo lukanda ta' 4 stilel abbażi half-board, inżuru postijiet
popolari f'Turin, u madwar il- , inżuru l-Christmas Market,
immorru fuq l-Alpi, ġurnata ġewwa Milan, u insegwu lis-
Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr
Tippartecipa f'żewġ kunċerti tal-Milied.
Kulhadd huwa mistieden jingħaqad magħna. Min hu interessat għandu
jinkiteb fil-Kunsill Lokali tal-Imgarr sat-30 ta' Awwissu 2018.
POSTIJIET LIMITATI

Treecake
Confectionery

**Caterers for all Occasions**
Jesmond Cauchi – Managing Director

Independence Avenue,
Mosta - Malta
Tel: 2143 2859
Mob: 9946 4060





# Żewġ Bandisti ġodda mal-banda tagħna

**Danica Abela – Flawt**

Danica għandha erbatax-il sena u tattendi l-iskola sekondarja ta' Ħad-Dingli fi ħdan il-Kulleġġ San Nikola. Fost il-passatempi li Danica għandha hemm il-mużika u l-qari. Hi bdiet titħajjar biex tibda ddoqq xi strument ta' età żgħira, u f'Settembru tal-2015 bdiet titħarreġ fi ħdan l-għaqda tagħna. Hekk kif tgħallmet is-solveġġ hi bdiet titgħallem il-flawt – strument li minn dejjem kien jogħġobha. Danica tipprattika l-flawt taħt Mro Henry Fenech, u grazzi għall-għajnuna tiegħu din is-sena ħa tingħaqad mal-Banda Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr bħala bandista.



Danica Abela

**Eżekjel Gauci – Althorn**

Eżekjel Gauci għandu sbatax-il sena u ilu ħames snin membru mal-banda tal-Imġarr. Hu jitħarreġ taħt is-Surmast Direttur Mro Tancred Grech. L-istrument tiegħu huwa l-althorn. Eżekjel jgħidilna li l-esperjenza tiegħi bħala membru tal-banda hi sabiħa, minħabba li wieħed jaqta' ftit mill-ħajja ta' kuljum. Ezekjel ser jiddebutta mal-banda Mġarrija fil-festa ta' din is-sena. Din is-sena hi l-ewwel sena li ser joħroġ idoqq, fil-festi ta' Sant'Anna f'Wied il-Għajn u f'Santa Marija tal-Imġarr.

F'Ottubru li ġej hu ser ikompli l-istudji tiegħu fl-Università ta' Malta.



Eżekjel Gauci




**tel:** 21338667 **mob:** 79338667
**email:** info@koptaco.com
**web:** www.koptaco.com

**Address:**
Koptaco Coaches Cooperative Ltd., Triq tas-Sliema, Gzira. GZR 1635

**maltatransfer.com**
Get on board



Hotel Transfers directly to the
doortep of your accommodation



Price starting from €5 **per person / each way**

Tel: +356 21332016 - Mob: +356 79646481 sales@maltatransfer.com - www.maltatransfer.com

TRY OUR

# BBQ RANGE

**We have a wide and extensive range of delicious hand pre-prepared BBQ products for every size of BBQ.**

Our selection includes sausages, burgers, kebabs, ribs and much more.
All are homemade and of course great tasting.









## KEBABS

Chicken, Beef, Lamb Kofta, Chicken Satay

## STEAKS

Rib-eye, Cuberoll, Pork collar

## POULTRY

Buffalo Wings & Drumsticks, Chicken Breast in various flavours

## RIBS

Pork & Beef

## SAUSAGES

Fantastic homemade range including Rabbit, Veal, Chicken, Pork and Beef

## BURGERS

Extensive homemade range including Beef, Pork, Lamb, Chicken

MEAT & POULTRY MARKET
Snow White

Zebbiegh Road, Mgarr, MGR 9036, MALTA
t: +356 21575346 e: info@snowwhite.com.mt
www.snowwhite.com.mt


Ġbejniet Tradizzjonali magħmulin
minn ħalib tan-nagħaġ.
FRISKI, NIXFIN JEW TAL-BŻAR
Jason Vella
(mobile) 77576132
(tel) 27576132
62, Triq il-Kbira, Mgarr, Malta. MGR 1112


tomabnina@gmail.com
(+356) 99855261 / 99479721
Tomabnina
WINE
Room
NO. 2, TRIQ DUN EDGAR C/W SQAQ NRU. 1,
MĠARR, MALTA

# Hemm tama jew qtajna qalbna?



Fr Jimmy Bonnici

Għandna tama jew qtajna qalbna? Qed inqajjem din id-domanda għaliex il-festa ta' Santa Marija tfakkarna li Marija telgħet is-sema bir-ruħ u l-ġisem. Ma nafx xi tfisser għalik din il-festa, iżda jista' jkun li meta niġu għal ħajjitna, għandna dubju jekk hemmx xi ħaġa wara l-mewt, u jekk hemm, tagħmilx xi differenza. Insaqsi d-domanda wkoll għax ma ngħixux fi żmien faċli. Iżda rridu nsaqsu wkoll: "Għaliex il-festa ġġib in-nies flimkien? Tinkludi mużika, kuluri, ħin ta' ikel u mistrieħ… Jista' jkun li Alla jixtieq jagħtina ħafna iżjed milli naħsbu aħna?" Anke fil-limitazzjonijiet tal-festi tagħna, Alla qed ifittex li jagħtina xi ħaġa sabiħa u essenzjali għal ħajjitna.

**Tama f'Alla**

Marija kienet mara fqajra. Kienet tissejjaħ waħda mill-*anawim*, il-fqar ta' Iżrael, li kienu jpoġġu l-fiduċja sħiħa tagħhom f'Alla u mhux fis-saħħa tal-flus, tal-poter, f'dak li jista' jagħmel il-bniedem waħdu. Titkellem fuq Alla li "jniżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom u jgħolli ċ-ċkejknin". Tibqa' tistenna lil Alla anke meta kollox kien ġej kontra. Baqgħet wieqfa ħdejn is-salib. Mhux għax tħobb is-slaleb, iżda għax tħobb li Ġesù, għax temmen f'Alla, għax tħobb lil kull min hu msallab. Temmen fil-kliem ta' Ġesù: "Tibżgħux, jien irbaħt id-dinja!" Allura t-tentazzjoni li tagħmel kompromessi mal-ħażen tiżloq minn fuqha. Rabbiet qoxra b'saħħitha. Anke meta tisma' l-insulti fuq binha, tibqa' temmen li Hu t-triq, il-verità u l-ħajja.

**It-tama u aħna**

Mur għidilha lil Marija fejn kienet se twassalha l-fiduċja f'Alla! Imma ż-żmien taha raġun. U jagħti raġun lil kull min ipoġġi l-fiduċja f'Alla u l-Vanġelu ta' Kristu. Jagħti raġun lil kull min ma jagħmilx kompromessi mal-ħażin u jimxi b'impenn wara Ġesù msallab u rxuxtat. Ma' min ma jaqtax qalbu quddiem l-insulti u l-istmerrija tat-tajjeb, tal-ġustizzja, tad-dinjità ta' kull bniedem. Iż-żmien jagħti raġun lil kull min ifittex li jgħix b'integrità. Ma tistax tieħu vantaġġ mid-dgħajjef, tistmerr lil min hu batut, taqla' l-flus b'mod inġust u tikkonsla billi tagħti karità. Iż-żmien jagħti raġun li kull min jiżra' t-tajjeb, iħobb b'mod sempliċi u konkret. Ma jintilef xejn! "Għandu ċ-ċertezza li xejn mill-ħidmiet li jwettaq bi mħabba mhu se jintilef; xejn mhu se jintilef mit-tħassib ġenwin tiegħu għall-oħrajn; xejn mhu ħa jintilef mill-għemejjel ta' mħabba tiegħu lejn Alla; xejn mhu ħa jintilef mill-ħidma ġeneruża; xejn mhu ħa jintilef mis-sabar li mhux nieqes mill-uġigħ." (*Evangelii Gaudium*, 279).

Santa Marija, fakkarna li min jgħix bit-tama ma jmutx bil-piena! Urina kif ngħixu bħala bnedmin tat-tama!


VELLA
supermarket
Tel: 2157 4800
CRAI


Agius Agricultural Trading LTD
Ghall bzonnijiet agrikoli tieghek
Impurtaturi u distribituri ta makkinarju agrikolu, fertillizanti, xitel, frawli, bexx
tel: +35621573402
e-mail: info@agiusagricultural.eu
web: www.agiusagricultural.eu


ChimiClean professional
FRANKA L-FLUS F'PRODOTTI
TA' KWALITA - MADE IN ITALY
Issa nista' NIFRANKA IL-FLUS U NGHIN L'AMBJENT billi nerga' nimla kull tip ta' ditergent ...u tinsewx iggibu l-kontenitur maghkom!
EŻEMPJU
SGRASSATORE
€1.10/KG
With every 40Kg purchased
GET 1KG FREE OF PRODUCTS
from your choice
For all your domestic and professional detergents:
• Laundry • Personal Care • Kitchens
• Industrial Degreasers and much more!
Available at:
USASFUSO
Usasfuso, St. Rita Street, Rabat, Malta | T: 2145 0910
E: chimiclean@gmail.com | www.chimiclean.it
Pure, 62, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, Malta
T: 2157 3180


Pure
ChimiClean professional
Detergents and more....
62, Sir Harry Luke Str., Mġarr, Malta
Tel: 2157 3180 • Mob: 9944 9926
mjsammut@maltanet.net
• Laundry Liquid and Powder
• Strain Remover Powder
• Fabric Softeners
• Floor Detergents
• Sgrassatore
• Dishwashing Liquid Soap
• Hand Soap
• Bubble Bath
We also do delivery
Weekly offers (save money promotions)
Also available at Pure
Carpets
Plastics
Essential oils, Candles, Tarts
Gift Packs
Gift Vouchers
Storage Boxes
Nappies and more

**martin grima ltd.**

Għajn Astas
St Paul's Bay

21 574 474
9947 1982
21 583 087
grimar@maltanet.net

**Importers & Distributors of Agriculture & Horticulture Products**





Kubota • syngenta • CMF CULTURES • MASCHIO GASPARDO • KOPPERT BIOLOGICAL SYSTEMS • AGRIPOLYANE

*'Together we are the growing power'*

Seeds & Crop Protection • Tractors & Agriculture machinery • Compost • Fertiliser • Plant Raisers • Irrigation Systems • Packing Products • Greenhouses • Plastic Film • Bumble Bees • Biological Control Beneficial



# Julia
## Farrugia Portelli

u l-familja tawgura
l-festa t-tajba lir-residenti
kollha tal-Imġarr

M | 7999 9936
E | info@juliafarrugia.com

**Indirizz tal-Uffiċċju**
2, Triq il-Qrendi, Żurrieq (ħdejn l-Armerija)



# 30 seconds of pain that will live with me forever



Anthony Micallef

It's a day and a half later, my back is truly aching and my right shoulder feels like it's been knocked out of place.

Such is the burn, it's 5am and no word of a lie, I've woken up four or five times in my sleep tonight.

*"I felt this last year, and I felt this way the year before that. God willing, I will feel this way many more times in the years to come."*

Two nights ago I participated in the carrying of the Santa Marija statue in the rural village of Mġarr in the northern part of the island of Malta.

My father, who hails from the same town, has flown in from his home of 35 years, Australia, for only the second time since 1993.

It's no secret that he times his visit to coincide with the town's annual celebration of its patron saint, St Mary.

After living here for nine years myself, the Mġarr feast of St Mary is one that I've never missed.

After almost a week of celebrations, this evening (Sunday evening) is the culmination of the festivities. I myself have spent the last three nights here, meeting with family, friends, loved ones, as you do.

*"It's when the whole village comes to town. There's a buzz in the air, and visitors from Australia, which saw an influx of Mġarr residents in the 70's and 80's, are in abundance. Even the church is dolled up in lights."*

The statue exits the church at 7pm. Its journey around the village will take approximately three and a half hours.

To give you an idea of the weight of this statue, it takes no less than 12 men to carry it, four at the front, four at the back and two on each side, assisted by a director and other helpers that will oversee the carrying.

A live-stream projects the excitement to those who can only be present online.

I want the best view. I join the masses in a third floor balcony to get some nice shots of everything: the band playing to my right, exploring fireworks to my left, and thousands beneath me watching St Mary right in front of me.

The group of gentlemen carrying St Mary out of the church have earlier in the day won an auction for the right to carry. This year's auction is thought to be a record €14,000, €1,000 more than last year.

The auction is a tradition that dates back to 1923.



The procession with the statue of St Mary in Mġarr, Malta

Funds raised from the auction will go both to a designated charity and also towards maintenance of the church and the feast itself.

The auction may raise some eyebrows in other parts of the island and to foreigners alike, but in my eyes, it's a proud tradition of the Mġarr people.

Like at least the last three years, the winning group is led by Wistin Vella, owner of the bar Ta' Wistin, on the corner in front of the Mġarr church.

Like many of the older folk in town, my father knows Wistin from back in the day.

My father was a sagristan in Mġarr during the late 1960's. His role was probably best described as a church helper, tidying the church, cleaning, any duties requested by his uncle, a priest, to keep the church in order between services.

50 years on he is still recognised by many in the village. I, if not 'the Australian' or 'the rugby guy', am 'the son of is-sagristan'.

The statue takes at least 40 minutes to exit the church and makes a sharp left turn down Triq il-Kbira.

It's not just me feeling this, but humidity descends on Mġarr. Any movements requiring physical strength will draw sweat from the glands. But whatever…



*Me carrying the statue in 2016*



*Me (blue shirt) and dad (chequered shirt) nervously wait our turn*

My father and I make our way, stopping at my auntie's house, collecting an uncle, and make chase for the statue, which is well on its way down the street.

A right turn takes her up the hill before entering the street where my grandmother once lived, Triq San Pawl.

Here, my father, my uncle and I, and many others, get ready.

Dad is nervous, an excited nervous. He's so excited, he will eventually have three carries. My uncle is smiling, he's always smiling. But this time it's a special smile.

For me, an honour ready to be bestowed. I've never carried with a family member before, and the next minute will stay with me forever.

I honestly don't know if it lasts a minute, the feeling during it is something that captivates you like no other. The distance could be 20 metres. It feels like about 50, but could be 10. In all, it could be a minute long, or it could be 15 seconds. I really don't know.



For that minute *(pictured above (l-r), me, my father Manuel and my uncle Salvu)*, nobody can take it away from me, my uncle, nor my father



People watching the musical programme performed by the local band of Mġarr on the eve of the feast of St Mary

Right shoulders in place, we lift. Camera flashes, videos recording, people watching on out of balconies and all around us. One woman comes out and does ‘the sign of the cross’ as we pass her house.

Two gentlemen stand by my right shoulder for the latter part of the carrying. I don’t know them from a bar of soap. But they give encouragement.

“Shuffle your feet,” they remark, as my legs tremble. I respond, “(I’ve got a bad knee) I can’t shuffle.” They find other words of encouragement.

To my left, my father and uncle are fit as a fiddle. They’re four to five inches shorter than me, and this apparently leaves the taller folk to absorb more of the weight of the statue. Later, a group of ‘only tall guys’ will carry the statue together. But I only wanted to carry with my father.

Friends later ask me what do you think about while you’re carrying the statue.

*“I’m not going to lie, my main focus is to hold this thing up. There is no way on earth, bad knees or not, that I will drop this statue. I’ve seen it happen before in other villages. But no way will I let this statue drop!”*

Sweat pours, I’m immediately ringing wet. Our course of the procession is complete, our duty is done.

What an honour! It will live with me forever!

*Article written on 22 August 2017*



Last minutes of the procession

# Il-Proġett tal-Każin

































492839






















# *Ħolma li qed issir realtà!*




















# Grazzi lil kull min qed jgħin





# Il-Konsagrazzjoni lill-Qalb bla Tebgħa ta' Marija matul iż-żmien

Fr David Muscat

Kif bdiet u żviluppat maż-żmien il-konsagrazzjoni lill-Qalb ta' Marija? Fuq fuq se nispjega t-tappi ewlenin matul l-istorja li wasslu għal din d-devozzjoni importanti kif nafuha llum.

Sa mir-raba' seklu San Efrem tas-Sirja kien ipprietka dwar il-filjolanza ta' Marija, jew aħjar kif aħna tagħha f'kollox daqslikieku wliedha. Fil-fatt ftit żmien wara bdew jissemmew "il-qaddejja ta' Marija", u ġieli wkoll "l-ilsiera" jew "l-iskjavi tagħha". Ma ninsewx li dak iż-żmien l-iskjavitù kien parti mill-ordni ekonomiku, u allura kien jagħmel sens li jinqdew b'din l-espressjoni biex ifissru xi ħaġa fl-ordni spiritwali.



Il-qalb bla tebgħa ta' Marija

Fit-tmien seklu San Ġwann Damaxxenu kompla jżid billi jispjega kif in-Nisrani jikkonsagra lilu nnifsu b'qalbu kollha, b'ruħu kollha u b'moħħu kollu lill-Madonna. Ftit żmien wara bdew jikkonsagraw lill-Madonna bliet u monasteri sħaħ bħala radd ta' ħajr għall-ħelsien minn xi flaġell jew mill-pesta, inkella mill-ħbit mill-għadu f'xi assedju jew gwerra.



San Efrem tas-Sirja

Fis-seklu sbatax daħlet l-użanza li Mejju jkun ix-xahar ikkonsagrat lill-Madonna. Il-monaċi Ċisterċensi kellhom parti mir-regola tagħhom tesiġi li kull monaku jkun ikkonsagrat lil Marija.



San Ġwann Damaxxenu

Il-qaddis il-kbir tad-devozzjoni tal-konsagrazzjoni lill-Madonna, imma, hu San Alwiġi de Montfort (1673-1716), qaddis Franċis li kiteb il-famużi kotba *Is-Sigriet ta' Marija* u *Il-Vera Devozzjoni lil Marija*. Dal-qaddis bata wisq minħabba l-għira u l-ħdura kontrih mill-Ġansenisti, u għex



San Alwiġi de Montfort

biss 43 sena. *Il-Vera Devozzjoni* fil-fatt instab moħbi wara mewtu f'senduq, iżda għax fuq Alla m'hemm ħadd, kellu jkun l-għodda magħżula biex tinxtered din l-għamla ta' għotja sħiħa lil Alla permezz ta' servitù lill-Madonna.

Il-Ġansenisti kienu jobogħdu kull tip ta' devozzjoni – anke dik tal-Qalb ta' Ġesù – u kienu jagħmlu minn kollox biex jeqirdu l-purċissjonijiet, in-niċeċ u d-devozzjonijiet popolari, speċjalment dawk Marjani u tar-Randan. Ma fehmu xejn mill-vanġelu, imma kollox kienu jagħmluh f'isem ir-reliġjon.



Il-Papa Piju XII

San Alwiġi kien kanonizzat mill-Papa Piju XII, li tant rah importanti li qiegħdu mad-dutturi tal-knisja. Dal-qaddis hu privileġġjat li tnaqqxet statwa tiegħu li tqiegħdet f'niċċa fil-Bażilika ta' San Pietru fil-Vatikan, preċiżament fin-navata tan-Nofsinhar.

San Alwiġi qiegħed is-sisien tat-teoloġija moderna dwar il-konsagrazzjoni lill-Qalb ta' Marija. Spjega kif fl-aħħar mill-aħħar hi għotja lil Alla l-imbierek. Wera kif tagħti l-frott u kif in-Nisrani jrid iħejji ruħu qabel. Kien prattiku għax kiteb dwar kif id-devozzjonijiet jistgħu jkunu faċċata biss u wissa dwar il-konsagrazzjonijiet foloz. Kiteb talb u ssuġġerixxa kif u meta u fejn il-konsagrazzjonijiet għandhom isiru.

Dak li spjega tant sew San Alwiġi de Montfort bena fuqu San Massimiljanu Marija Kolbe, il-Franġiskan martri fil-kamp ta' konċentrament. Ma' Franġiskani oħra waqqaf il-Milizzja tal-Immakulata biex tkompli tinxtered fid-dinja l-konsagrazzjoni totali lill-Qalb bla Tebgħa tagħha.

Kien imbagħad il-qaddis San Ġwanni Pawlu II li bil-motto *Totus Tuus* (Kollni Tiegħek) u l-istemma bin-Nome di Maria għamel tiegħu l-ispiritwalità Montfortjana. Ma ninsewx il-messaġġ ta' Fatima u s-sejħa tal-Madonna għall-konsagrazzjoni tar-Russja. Ġwanni Pawlu II kiteb li kienet il-Madonna ta' Fatima li salvatu mill-mewt fl-attentat ta' qtil. Dal-Papa wassal fuq livell dinji l-messaġġ ta' San Alwiġi darba għal dejjem.



San Ġwanni Pawlu II

Infittxu aktar li nkunu nafu xi tkun din il-konsagrazzjoni lill-Madonna. Il-kotba ta' San Alwiġi ġew maqlubin għall-Malti u jinsabu fil-libreriji ewlenin Kattoliċi Maltin. Naqrawhom, nitgħallmu minnhom u fuq kollox nagħmlu aħna wkoll dan l-att ta' konsagrazzjoni.

Stitch by Stitch

*Fr. Edgar Street, Mġarr*
*Mob: 9989 1105*

**Outerwear, Underwear, Footwear, Accessories,**
**Household Goods & Home Furnishings.**



# Kbira u Ħelwa Ommna Marija



Kitba ta' Dun Mario Said

Reġa' wasal iż-żmien li niċċelebraw festa oħra ad unur Ommna Marija Santissima mtellgħa fis-sema bir-ruħ u bil-ġisem. In-numru sabiħ ta' parroċċi f'Malta u Għawdex li jiċċelebraw din il-festa fil-jum tagħha jixhed id-devozzjoni u l-imħabba li l-poplu Malti u Għawdxi għandu lejn Santa Marija. Aħna l-Imġarrin ukoll għandna devozzjoni kbira lejn il-Madonna, waqt li niċċelebraw din il-festa sabiħa Ħadd wara l-15 ta' Awwissu. Għall-grazzja t'Alla, il-festa għalina l-Imġarrin tfisser mument ta' ferħ, għaqda u ġabra, mhux biss mal-familji tagħna imma fuq kollox anke bħala komunità. Jalla dan is-sens ta' ċelebrazzjoni flimkien, u awtentiku, ikompli jirrenja bejnietna biex il-festa tkun tassew waħda ġenwina li tħalli l-frott spiritwali fil-ħajja ta' kull wieħed u waħda minna. Fuq kollox, irridu li tkun festa ta' fidi li tagħti ġieħ tassew u kif jixraq lil Ommna Marija.

Din is-sena qed nikteb it-tieni artiklu tiegħi f'dan il-ktieb, maħruġ mill-għaqda tal-banda tal-Imġarr propju għall-okkażjoni tal-festa. Is-sena l-oħra ktibt l-artiklu tiegħi filwaqt li kont kappillan tal-parroċċa ta' Ħal Għaxaq, fejn hemmhekk ukoll jiċċelebraw il-festa tal-Assunta fil-15 ta' Awwissu, apparti dik ta' San Ġużepp fl-ewwel Ħadd ta' Ġunju. Din id-darba qed nikteb mhux iktar bħala kappillan ta' parroċċa, imma bħala saċerdot fir-Residenza San Vinċenz de Paul, fejn bħalissa qed inservi l-ministeru tiegħi.

Iż-żmien li għamilt bħala kappillan fil-parroċċa ta' Ħal Għaxaq, kważi tlettax-il sena, kien żmien sabiħ imżewwaq b'ħafna esperjenzi. Min-naħa l-oħra, l-esperjenza tiegħi ġewwa r-residenza tal-anzjani qed turini fil-profond realtà partikolari tal-ħajja tal-bniedem. Filwaqt li qabel, bħala kappillan, kont niddedika parti mill-ħin tiegħi mal-anzjani, issa f'San Vinċenz il-ħidma tiegħi hija kollha mal-anzjani, u allura nista' nosserva iktar mill-qrib dak li l-anzjani jgħaddu minnu.

Esperjenza sabiħa li wettaqt matul dan is-sajf kienet dik fil-Kenja. Grupp sabiħ ta' voluntiera, l-iktar mill-Imġarr, avviċinawni sabiex nakkumpanjahom f'din l-avventura ta' kważi tliet ġimgħat. Grazzi għal ħafna minnkom li tajtu d-donazzjonijiet tagħkom sabiex jinġabru fondi biex dan il-grupp ikun jista' jgħin lis-sorijiet ta' Tereża Nuzzo fil-bini tal-iskola sekondarja li qed jibnu bħalissa. Tajjeb ngħid li l-madre provinċjali ta' dawn is-sorijiet hija Maltija, għalkemm għexet ukoll numru mhux ħażin ta' snin fil-Kenja. Fil-fatt aħna konna noqogħdu fi kmamar li s-sorijiet għandhom maġenb il-kunvent tagħhom f'raħal kbir jismu Ruiru, qrib il-belt kapitali Nairobi. Dawn is-sorijiet, li wħud minnhom anke jiġu hawn Malta biex jistudjaw, qed jagħmlu ħidma importanti u prezzjuża mat-tfal permezz tal-iskola primarja li għandhom f'dan il-post.

Ix-xewqa tal-ġenituri ta' dawn l-istudenti hija li mill-primarja t-tfal ikunu jistgħu jgħaddu għas-sekondarja. S'issa dan ma kienx possibbli, però jekk Alla jrid, fi żmien sentejn oħra, l-iskola sekondarja tkun lesta, u hekk dawn it-tfal ikunu jistgħu jkomplu l-istudji tagħhom

taħt il-kura u t-tagħlim ta' dawn is-sorijiet. Il-proġett primarju tagħna, fil-fatt, kien li nibnu l-ħajt ta' mad-dawra ta' din l-iskola li qed tinbena, ħajt li huwa twil iktar minn 120 metru.

Il-Kenja huwa pajjiż sabiħ ħafna, b'ħafna kilometri ta' kampanja u b'diversi annimali li jgħixu f'din il-kampanja. Madankollu, sfortunatament, ħafna nies għadhom jgħixu f'ħafna faqar, x'aktarx minħabba t-tmexxija ħażina li kien hemm fil-passat mhux imbiegħed. Dan stajna nosservawh tajjeb meta konna mmorru nżuru xi familji fqar li kienu jindikawlna s-sorijiet, u konna neħdulhom ikel u ħwejjeġ. Għad hemm nies li qed jgħixu ġo kmamar żgħar ħafna mingħajr ebda servizzi. Madankollu jidher li l-President attwali, Uhuru Kenyatta, qed iwettaq diversi riformi biex ineħħi l-korruzzjoni u sabiex l-ekonomija tal-pajjiż tqum fuq saqajha. Tkellimt ma' diversi Kenjani li wrew ħafna fiduċja f'dan il-president. Jiena nittama li fiż-żmien li ġej dan il-poplu jgawdi iktar prosperità sabiex il-poplu Kenjan ikun jista' jgħix almenu ħajja diċenti.

Il-Knisja Kattolika wkoll qed twettaq il-ħidma tagħha f'dan il-pajjiż. Diversi saċerdoti, fosthom anke patrijiet Maltin, qed iwettqu missjoni importanti sabiex jgħinu mill-aħjar lil dan il-poplu. Esperjenza sabiħa kienet il-laqgħa tagħna ma' tliet membri tal-Mużew li qegħdin jgħixu u jgħallmu ġewwa r-raħal ta' Ruiru. Kemm hu ta' sodisfazzjon li l-Knisja Maltija, permezz ta' dawn il-persuni, qed twettaq ħidma kbira speċjalment mat-tfal, u fuq kollox mal-familji l-iktar fqar ta' dan il-pajjiż.

Il-poplu Malti, u anke dak Imġarri, għandu għax ikun sodisfatt ħafna. Dan għaliex filwaqt li nifirħu u niċċelebraw il-festi għeżież tagħna, mhux qed ninsew lil min hu fil-bżonn u qiegħed ibati. Wara kollox, is-sens tal-festi Nsara huwa sabiex ifakkruna fil-valuri Nsara li għexu l-qaddisin qabilna.

Bla dubju l-Madonna, li tagħha ser niċċelebraw il-festa, għexet dawn il-valuri fil-milja tagħhom, u l-iktar l-ubbidjenza u l-umiltà, il-ħniena u l-imħabba. Jalla nkomplu nissawru f'dawn il-valuri sbieħ li jkomplu jagħmluna poplu ta' qalb kbira, li filwaqt li nbaxxu rasna għar-rieda ta' Alla, nifitħu qalbna sabiex ngħinu mill-aħjar li nistgħu lill-proxxmu tagħna. Jiena nieħu din l-okkażjoni sabiex nawgura l-festa tajba lil ħuti Mġarrin kollha. Jalla Marija tkompli ssaħħarna warajha sabiex nimitawha u hekk ikollna l-ferħ u l-hena tassew f'qalbna.




Mario Calleja
Crane Services
for Hire
Mob: 99265419




Antoine Borg
FCCA FIA CPA

Accountant u Awditur,
jawgura
l-festa t-tajba
lill-Imġarrin kollha

79030583
antoine@antoineborg.com



# Il-Figura ta' Marija matul is-Sena Liturġika



Kitba ta' Christopher Bonnici
*B.A. (Hons), M.A.*

Wara li sentejn ilu tajna ħarsa lejn xi wħud mit-titli u l-attribwiti pożittivi kif inħarsu lejn il-figura ta' Ommna Marija, u s-sena l-oħra lejn xi titli li nsibu fil-*Litanija tal-Imqaddsa Verġni Marija*, din is-sena ħsibt sabiex bħala kontinwazzjoni ta' dawk l-artikli, bħala kullana minn sena għal oħra, naqbdu s-sena liturġika u nsemmu xi jiem illi fihom tiġi ċċelebrata taħt xi titlu jew ieħor il-figura ta' Ommna Marija.

Kif nafu, matul is-sena liturġika, Ommna l-Knisja Mqaddsa, kif inhu xieraq, tfakkar bosta "festi" ta' Kristu, Ommna Marija, San Ġużepp, l-appostli, il-martri, l-anġli u bosta qaddisin oħra, bit-tama li aħna, l-Insara li bħalissa nterrqu l-vjaġġ tagħna fuq din l-art, ikollna lil min nimitaw.

Nibdew billi niftiehmu dwar il-kelma "festa". Aħna l-Maltin drajna nużaw din il-kelma f'sens wiesa', għax hemm diversi gradi, fosthom is-solennità u t-tifkira, bis-solennità tkun l-akbar mod kif il-Knisja tiċċelebra dik il-festa partikolari. Apparti mill-Imġarr, il-villaġġ illi fih hija ċċelebrata bħala solennità, il-15 ta' Awwissu huwa ċċelebrat bħala solennità fid-dinja kollha Nisranija. Din hija xi ħaġa notevoli ħafna, minħabba li l-Għid ta' Ommna Marija huwa fatt importanti ħafna fil-Knisja Nisranija. Imma 'l hinn mil-liturġija, hemm bosta "festi" li huma tal-istess grad u f'pajjiżna kisbu popolarità ikbar minn oħrajn. M'iniex se nsemmi l-festi tal-Milied u l-Għid, għax tiġi ovvja, imma kemm hawn min, 'l hinn miż-Żurrieq u ż-Żejtun, illi ma jafx li d-data tal-25 ta' Novembru hija t-tifkira ta' Santa Katarina? Kemm hawn min, 'l hinn minn Ħal Qormi u r-Rabat, Għawdex, illi ma jafx li d-data tat-23 t'April hija jum San Ġorġ? Differenza minn xi postijiet partikolari, illi mingħajr ma nsemmihom ħalli ma nweġġa' lil ħadd, issib min lanqas jaf meta hija l-festa tiegħu, aħseb u ara kemm jiċċelebraha jew hija popolari fi mkejjen imbiegħda!

Din il-popolarità madwar Santa Marija wasslet sabiex jinbnew tradizzjonijiet u għajduti mill-antenati tagħna, tradizzjonijiet u għajduti li saru idjomi u qwiel, uħud minnhom b'tifsira li tista' titwemmen għax ġeneralment jiġri hekk. Imma dwar dan, jekk Alla jrid u jislifna l-għomor u s-saħħa, nitkellmu s-sena d-dieħla. Barra minn dan, it-twemmin tal-Maltin fil-15 ta' Awwissu mhux biss għax hija btala mix-xogħol jew għax f'dak iż-żmien ikollna s-shutdown, imma wkoll Santa Marija, bħall-festa ta' Marija Bambina, intrabtet, biex ngħidu hekk mat-twemmin ta' salvazzjoni ta' pajjiż: it-8 ta' Settembru għax bl-interċessjoni ta' Ommna Marija Bambina ġejna salvati mill-Assedju l-Kbir u mit-Tieni Gwerra Dinjija, u l-15 ta' Awwissu minħabba li kif jgħid il-Professur Oliver Friggieri f'*Il-Għanja tal-Konvoj ta' Santa Marija*, miktuba madwar ħmistax-il sena ilu għas-Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard tal-Mosta:

> Kien jum il-festa tagħha, meta konvoj
> mimli bl-ikel, daħal fil-Port tagħna…

Ftit wara l-bidu tas-sena liturġika, illi tibda lejn tmiem Novembru jew il-bidu ta' Diċembru bl-Ewwel Ħadd tal-Avvent, naslu għat-8 ta' Diċembru, jum is-solennità tal-**Immakulata Kunċizzjoni**, jum illi fih infakkru t-Tnissil Bla Tebgħa ta' Ommna Marija. Imbagħad disa' xhur wara, nhar it-8 ta' Settembru, niċċelebraw il-festa ta' **Marija Bambina**… mit-tnissil għat-twelid. Niftakru wkoll fil-**Madonna ta' Loreto** nhar l-10 ta' Diċembru, filwaqt illi jumejn wara, nhar it-12 ta' Diċembru, niċċelebraw it-tifkira ta' **Ommna Marija ta' Guadalupe**, illi kif isejħilha l-Martiroloġju Ruman, hija omm il-poplu Messikan li jersaq fuq l-għolja Tepeyac, qrib il-belt tal-Messiku, fejn dehret, sabiex jitlobha l-għajnuna. Hija l-istilla tal-evanġelizzazzjoni u l-għajnuna għall-fqar u għall-poplu indiġenu. Fil-15 ta' Diċembru nibdew in-novena ta' Ġesù Bambin, u f'dawn il-jiem inħarsu lejn Ommna Marija bit-titlu tal-**Istennija**. Diversi nisa jirrikorru lejn Ommna Marija taħt dan it-titlu sabiex ikollhom ħlas tajjeb jew sabiex jitolbuha tieqaf magħhom sabiex ikollhom l-ulied. Fl-ottava tal-Milied, u għalhekk f'jum l-Ewwel tas-Sena, niċċelebraw lil Ommna Marija bħala **Omm Alla**, il-maternità tal-Verġni Marija li *bla ma ttiefset il-glorja ta' xbubitha, tat lid-dinja l-Feddej* (mill-Ewwel Talba Ewkaristika).

Minkejja li għal diversi drabi dehret f'**Lourdes** u **Fatima**, il-ġurnata marbuta mat-tifkira tad-dehriet ta' Ommna Marija f'dawn iż-żewġ postijiet niċċelebrawha nhar il-11 ta' Frar u fit-13 ta' Mejju rispettivament. Barra minn hekk, meta ma jkunx hemm xi festa obbligatorja, f'jum is-Sibt tista' ssir tifkira devozzjonali ta' **Sidtna Marija f'jum is-Sibt**. Disa' xhur qabel is-solennità tat-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu, popolarment magħruf bħala "l-Milied", niċċelebraw **l-Annunzjazzjoni**, il-Lunzjata, is-solennità tat-tħabbira mill-Anġlu Gabrijel. Tant kemm hija kbira din il-festa, illi meta taħbat fil-Ġimgħa Mqaddsa ma tintilifx, imma tiġi trasferita għall-ewwel Tnejn ta' ġimgħa wara l-Għid il-Kbir; biex niftiehmu aħjar, l-għada tal-festa tal-Ħniena Divina.

Fil-ġranet tar-Randan inħarsu lejn Ommna Marija minn lenti umana, u għalhekk inħarsu lejha tbati taħt is-salib tal-Mulej. Minkejja li d-data propja tal-festa ta' **Marija Addolorata** tiġi nhar il-15 ta' Settembru, hawn Malta niċċelebraw il-festa devozzjonali tagħha ġimgħa qabel il-Ġimgħa l-Kbira, jum meta ta' qabilna kienu jagħmlu s-sawma tas-seba' bukkuni, u jum illi sal-lum għadu jiġbed diversi persuni lejn il-knejjes u l-purċissjonijiet illi jsiru manifestazzjoni mill-isbaħ ta' mħabba lejn Ommna Marija. Mejju huwa x-xahar tal-fjuri u n-natura, xahar illi fih niċċelebraw Jum l-Omm ukoll. U x'hemm isbaħ milli niċċelebraw għal xahar sħiħ lil Ommna Marija, bħalma norbtu lil Ottubru mat-talba sabiħa tar-rużarju, minħabba li niċċelebraw il-festa tal-**Madonna tar-Rużarju** nhar is-7 ta' Ottubru? Ladarba semmejna Mejju, nhar it-**8 ta' Mejju** wkoll niċċelebraw lil Ommna Marija tar-Rużarju, din id-darba **l-Madonna tar-Rużarju ta' Pompei**. B'devozzjoni, f'diversi knejjes, għall-ħabta ta' nofsinhar, dakinhar jingħad ir-rużarju, titqaddes quddiesa u tingħad is-*Supplika tal-Madonna ta' Pompei*, u tagħlaq kollox il-barka sagramentali. F'dan il-jum ukoll inqimu lil Ommna Marija bħala l-**Kewkba tal-Baħar (Stella Maris)** u f'dan il-jum ukoll, l-Ordni Dumnikan jiċċelebra l-**Patroċinju ta' Ommna Marija**. Nhar is-26 ta' April l-Ordni Agostinjan isellem lil **Ommna Marija tal-Parir it-Tajjeb**, illi huwa wkoll wieħed mit-titli tal-litanija. Xi ordnijiet oħra, bħas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl, jiċċelebraw lil **Marija Għajnuna tal-Insara** nhar l-24 ta' Mejju, filwaqt illi l-Ġiżwiti fl-istess jum jiċċelebraw lill-patruna tal-provinċja, **l-Imqaddsa Verġni Marija tat-Triq**. Propju fl-aħħar ta' Mejju, nhar il-31 tax-xahar, hija l-festa tal-**Viżitazzjoni**, iż-żjara tal-Madonna lil Eliżabetta.

L-għada ta' Pentekoste, Għid il-Ħamsin, inkella l-inżul tal-Ispirtu s-Santu fuq l-appostli

u għalhekk it-twelid tal-Knisja. Fuq xewqa tal-Papa Franġisku, dakinhar bdejna niċċelebraw lill-Madonna bħala **Omm il-Knisja**. Hekk sewwa u xieraq, minħabba li minn fuq is-salib Kristu tahielna bħala ommna l-għażiża, u wara l-qawmien mill-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu, mill-aktar mara li kellha bżonn titfarraġ, saret l-aktar waħda li tfarrġet. L-Għawdxin, nhar it-22 ta' Ġunju, jiċċelebraw is-sejħa mill-Madonna lil Karmni Grima, magħrufa bħala "l-**Madonna ta' Pinu**". Nhar it-8 ta' Lulju, għalkemm mhix tifkira, hawn min ifakkar **il-Madonna tas-Sokkors Perpetwu**, jiġifieri l-Madonna tal-Ħlewwa Dejjiema, il-Madonna tal-Għajnuna ta' Dejjem. Titlu devot u popolari ferm fostna huwa dak ta' nhar is-16 ta' Lulju, meta nfakkru lil **Ommna Marija tal-Karmnu**. F'dawk il-postijiet illi għandhom devozzjoni lejn **il-Madonna tas-Silġ**, din tiġi mfakkra nhar il-5 ta' Awwissu, filwaqt illi nhar il-15 ta' Awwissu, kif semmejna diġà, hija s-solennità tat-**Tlugħ fis-Sema ta' Ommna Marija bir-Ruħ u l-Ġisem**. Dakinhar hija wkoll festa kmandata, u għalhekk minbarra jum ta' btala huwa obbligat il-parteċipazzjoni fil-quddiesa. L-Għawdxin isejħulha wkoll *Patruna speċjali tal-Belt Vittorja u tad-Djoċesi ta' Għawdex*. Fl-ottava ta' Santa Marija niċċelebraw lil **Marija Reġina tas-Sema u tal-Art**. Bit-tlugħ tagħha fis-sema, Ommna Marija ġiet inkurunata bħala s-sultana ta' kulħadd, sultana li tħobb u tindokra lil uliedha bi mħabba; sultana li batiet u kisbet il-glorja mistħoqqa. Din il-festa ġġib fi tmiemhom iċ-ċelebrazzjonijiet tal-Għid tal-Assunta.

Nhar l-4 ta' Settembru hija l-festa tal-**Madonna taċ-Ċintura**, festa popolari ferm minħabba l-għadd ta' fratellanzi li hawn imwaqqfa f'ġieħha; il-Madonna tal-Konsolazzjoni, il-Madonna li tfarraġ. Fil-fatt, għal diversi fratellanzi mwaqqfin taħt dan it-titlu, dak kien l-għan tagħhom, illi jfarrġu u jgħinu lil dawk illi jkollhom bżonn. Fl-istess xahar diġà semmejna l-festi tat-twelid ta' Marija u ta' Marija Addolorata, iżda wkoll hemm il-festa tal-**Madonna tal-Grazzja**, il-Madonna li nirrikorru lejha għall-post privileġġjat illi għandha ħdejn it-tron ta' Alla l-imbierek fil-bżonnijiet illi jkollna bżonn matul ħajjitna. Din niċċelebrawha nhar it-12 ta' Settembru, u ma' dan il-jum hemm marbuta wkoll il-pellegrinaġġi tar-roti u l-muturi. L-Ordni tal-Franġiskani Konventwali, nhar l-14 ta' Ottubru, isellem lil **Ommna Marija tas-Saħħa** nhar l-14 ta' Ottubru. Inħarsu lejn din l-omm u nitolbuha tieqaf magħna fil-bżonnijiet differenti li jkollna fir-ruħ u fil-ġisem. *Maria Mater Admirabilis*, jew **il-Madonna Omm tal-Għaġeb**, jiċċelebrawha bħala t-titular tal-kappella tas-Seminarju f'Tal-Virtù, għall-ħabta ta' nofs Ottubru.

Nhar it-2 ta' Frar niċċelebraw il-preżentazzjoni tal-Mulej fit-ttempju. Il-festa tal-**Preżentazzjoni ta' Marija** hija nhar il-21 ta' Novembru, meta hemmhekk nistgħu ngħidu li jkun qorob ukoll it-tmiem tas-sena liturġika bis-solennità ta' Kristu Re u tibda sena liturġika ġdida li twassalna sabiex mill-ġdid niċċelebraw u nfakkru lil Ommna Marija, fit-totalità tagħha, taħt diversi titli u devozzjonijiet differenti. B'hekk intemm dan l-artiklu tiegħi f'din il-kullana, u nixtieq nirringrazzja lill-bord editorjali talli jibqa' juri fiduċja f'kitbieti, u nawgura lill-Imġarrin kollha l-isbaħ awguri għal festa sabiħa, festa mimlija b'kull glorja lil Alla l-Imbierek u ġieħ lil Ommna Marija Santissima.


SOGNO BAGNO
Offers on Bathrooms and Floor Tiles
157, College Street, Rabat, Malta.
Tel. No. 2145 1032
Mobile No. 9947 2750
jg375@maltanet.net


Ray's Garage
TAÇ-ÇATT
Repairs & Servicing on Petrol and Diesel Cars.
Diagnostics and Airconditioning Charging.
Bingemma Road, Imgarr.
Contact: Raymond Muscat 99477571



# Il-vara tad-Duluri meqjuma fil-knisja Ta' Ġieżu, il-Belt Valletta

Kitba ta' Alex Azzopardi

Waħda mill-aktar vari li tiġbed devozzjoni lejha fil-gżejjer Maltin hija mingħajr dubju ta' xejn il-vara tad-Duluri, meqjuma fil-knisja Ta' Ġieżu fil-Belt Valletta.

Il-knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù, jew kif inhi magħrufa mill-poplu bħala 'Ta' Ġieżu', kienet lesta fl-1575. Dan wara li l-Franġiskani tar-Rabat kienu talbu lill-Gran Mastru Del Monte (li kien ħabib sew tal-Franġiskani 'tat-Terra Santa') ħalli tingħatalhom biċċa art fil-Belt li kienet qed tinbena, sabiex jibnu knisja u kunvent ieħor. Dak iż-żmien il-belt il-ġdida, fuq l-Għolja Sceberras, kienet għadha fiż-żminijiet bikrin tagħha u kien għad fadal ħafna art vojta. Il-Gran Mastru Del Monte, li kellu ħeġġa kbira sabiex jara l-Belt Valletta tieħu l-ħajja u timtela bil-bini, qatgħalhom xewqithom u tahom biċċa art imdaqqsa, libera u franka, kantuniera ma' Triq San Ġwann u Triq Sant'Ursola. Il-knisja u l-kunvent inbnew fuq pjanti ta' Ġlormu Cassar.

Fost it-tlettax-il artal li għandha din il-knisja nsibu dak tal-kurċifiss mirakoluż, u ħdejh, fl-istess kappella, hemm ukoll l-artal tad-Duluri. Il-kurċifiss mirakoluż huwa xogħol ta' qdusija kbira minn Frate Umile Pintorno filwaqt li l-kwadru fl-artal tad-Duluri huwa mpitter minn Stefano Erardi. Dawn iż-żewġ artali għamlu lil din il-knisja popolari ħafna għaż-żminijiet tal-Ġimgħa l-Kbira, sa mill-ewwel żminijiet tagħha. Dan wassal biex fost l-ewwel purċissjonijiet tal-Passjoni ġewwa gżiritna ħarġet minn ġewwa din il-knisja. Din il-purċissjoni żammet il-karatteristiċi tagħha u għadha sal-lum tikkonsisti fi tmien vari tradizzjonali. Il-vari huma tal-Ort, il-Marbut, l-Ecce Homo, il-Veronika, ir-Redentur, il-Vara l-Kbira, il-Monument u fl-aħħar tagħlaq il-purċissjoni l-vara tad-Duluri.


Il-knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù fil-Belt Valletta

L-istatwa tad-Duluri nħadmet bil-kartapesta minn Saverio Laferla fl-1740. Mastru Saverio Laferla għex bejn l-1710 u l-1761 u jitqies bħala l-ewwel statwarju Malti li uża l-kartapesta, wara li tgħallem din is-sengħa mingħand xi mgħallem Sqalli. Qabel daħlet din it-teknika tal-kartapesta, il-vari f'Malta kienu iktar jinħadmu fuq stil Spanjol, bħala manikini mlibbsin bi lbies rikk tas-satin u l-bellus. Għaldaqstant Mastru Laferla għamel rivoluzzjoni sħiħa, għax ix-xogħol tal-kartapesta beda jintgħoġob u sar iktar popolari, tant li beda jieħu post il-manikini. Mastru Laferla kien fratell fil-Fratellanza tal-Kurċifiss tal-Belt, u għalhekk ma setax jonqos li jiġi kkummissjonat biex jaħdem il-biċċa l-kbira tal-vari tal-Ġimgħa l-Kbira fil-purċissjoni li kienet tieħu ħsieb din l-istess fratellanza. Fil-fatt huwa ħadem l-istatwa ta' Kristu fl-Ort (1730), ir-Redentur (1730 – jidher li

din inbidlet ma' statwa oħra tar-Redentur li hija attribwita lil Karlu Darmanin), il-Veronika (1737), il-Vara l-Kbira (1741 – li iżda nbidlet ma' oħra maħduma minn Salvatore Dimech fl-1854), u kif diġà għedna, il-vara tad-Duluri fl-1740.


L-istatwa tad-Duluri, xogħol ta' Saverio Laferla

Il-vara tad-Duluri, kompluta bil-bradella, ġiet tiswa mija u dsatax-il skud u disa' rbajja'. Dawn tħallsu mill-benefattur Girolamo Grugno, u bħala sinjal ta' rikonoxximent il-fratellanza tatu biex iżomm għandu ċ-ċavetta tan-niċċa tagħha. Fi żmien il-pesta tal-1813 kienu jsiru ħafna offerti u wegħdi mill-poplu. Permezz ta' dawn l-offerti kienu saru s-sejf tal-fidda kif ukoll il-kuruna tax-xewk u l-imsiemer li jinsabu f'idejn anġlu żgħir li jakkumpanja l-Madonna f'din il-vara. Matul is-snin saru diversi restawri biex din il-vara għadha titgawda sal-lum. Fl-1868 ċertu Antonio Fenech tħallas tnax-il skud u nofs għal xogħol ta' restawr li kien għamel. Iżda l-ikbar intervent sar fl-1952 meta Giuseppe Caruana ta' Bormla biddel il-wiċċ ta' Marija kompletament. Dan ix-xogħol, minkejja l-biża' li ma jirnexxix, kien intgħoġob ħafna, tant li l-fratellanza kitbet ittra ta' ringrazzjament lil Giuseppe Caruana u ferħitlu għax 'ġiet sabiħa ferm'. Fl-istess restawr li sar fl-1952 ingħata banju tad-deheb liċ-ċinturin, li anki ġie mżejjen permezz ta' xi fosos. L-istess sar fuq is-sandli u l-istellarju. Il-bradella tal-ġewż li tinġarr fuqha l-vara tad-Duluri nħadmet fl-1850 minn Angelo Buttigieg. Id-Duluri tinsab imnikkta taħt is-salib vojt, li miegħu hemm iserraħ sellum li nħadem mill-ġdid mill-aħwa Bruno fl-1939. L-aħħar intervent fuq din il-vara sar minn Dun Charles Vella fl-2006.

Kemm fil-festa tagħha kif ukoll f'Ħamis ix-Xirka u fil-Ġimgħa l-Kbira, il-vara tiġi mżejna bi fjuri friski li jiġu mqiegħda fuq il-bradella madwar l-istatwa b'mod mill-iktar artistiku. Fil-kantunieri tal-bradella jintramaw erba' brazzi li jiġu mixgħula permezz ta' xemgħa. Il-vara tintrefa' minn tmien reffiegħa li jimxu b'dak il-pass li tant huma rinomati għalih il-Beltin. F'dak is-skiet jiddomina ż-żaqżiq tal-lasti, li mal-pass meqjus tar-reffiegħa jiġi jinstema' bħal melodija li takkumpanja l-mixja ta' Marija Addolorata madwar it-toroq tal-kapitali.

Il-vara tad-Duluri toħroġ mill-knisja darbtejn fis-sena: fil-Ġimgħa l-Kbira u ġimgħa qabel – f'jum id-Duluri. Dakinhar isir numru ta' quddies, u l-ġurnata tilħaq il-qofol bil-pellegrinaġġ bix-xbieha għażiża tad-Duluri organizzat mill-Arċikonfraternità tal-Kurċifiss Imqaddes, bis-sehem tal-patrijiet Franġiskani. Dan il-pellegrinaġġ penitenzjali madwar it-toroq li jdawru l-knisja Ta' Ġieżu jista' jitqies bħala wieħed nazzjonali għaliex jiġi mmexxi mill-Arċisqof ta' Malta. Eluf ta' persuni jattendu għal din il-purċissjoni. Għadd numeruż ta' fratelli, mgħammdin, bix-xemgħa f'idejhom u wħud minnhom ħafjin, jieħdu sehem fil-purċissjoni u jagħtu bixra tassew devota u penitenzjali. Nistgħu ninnutaw ukoll li wħud minn dawk li jattendu jimxu ħafjin


Il-vara tad-Duluri hekk kif toħroġ mill-knisja

minħabba xi wegħda li jkunu għamlu. Lejn tmiem il-purċissjoni tingħata l-barka sagramentali mill-knisja kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu, qabel ma l-vara tirritorna lura ġewwa l-knisja. Kif tidħol il-purċissjoni ssir quddiesa oħra.

Naturalment il-vara tad-Duluri toħroġ ukoll nhar il-Ġimgħa l-Kbira, u hija parti mis-sett tradizzjonali li nsibu fil-knisja Ta' Ġieżu tal-Belt. Hija d-Duluri li tagħlaq il-purċissjoni, u fl-opinjoni tiegħi d-dħul tagħha huwa wieħed imressjonanti. Wara li titla' minn Triq il-Merkanti, il-purċissjoni ddur għal Triq Melita u titfaċċa fil-bidu tan-niżla ta' Strada San Paolo. Hemmhekk il-vari jinagħataw forċina sabiex ir-reffiegħa jippreparaw biex jinżlu n-niżla ta' Strada San Paolo mingħajr ma jieqfu. Fil-fatt fil-purċissjoni tal-Belt insibu l-użanza li l-vari jingħataw forċina fil-kantunieri biss.



Il-purċissjoni tad-Duluri tiġbed eluf warajha



Pellegrinaġġ nazzjonali bis-sehem tal-Arċisqof ta' Malta

Hekk kif il-vara tad-Duluri tkun nieżla minn Strada San Paolo, faċċata tagħha, kantuniera ma' Triq San Ġwann, ikun hemm skjerata l-Filarmonica Nazionale La Valette, li takkumpanja dawn l-aħħar mumenti tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ġeneralment bid-daqq tal-marċ funebri *Mater Dolorosa* jew *A Memoria di Giorgio Borg Olivier*. Dan huwa mument emozzjonali li kull dilettant tal-Ġimgħa l-Kbira għandu xi darba jew oħra jassisti għalih. Ir-reffiegħa, minkejja t-tbatija kollha, jieħdu din in-niżla bil-mod ħafna, tant li l-banda La Valette terġa' tirrepeti l-marċ darbtejn, mingħajr pawsa bejn marċ u ieħor.

Kif jaslu quddiem Triq San Ġwann il-vari jiddawru sabiex jiġu jħarsu għal Triq San Ġwann lejn in-naħa tal-knisja Ta' Ġieżu. Hemmhekk il-vari jkunu lesti biex jinżlu t-taraġ kollu ta' Triq San Ġwann. Interessanti huwa l-fatt li l-vari ma jerġgħux jidħlu fil-knisja, iżda jibqgħu sejrin quddiem il-kunvent fi Triq Sant'Ursola, fejn jiżżarmaw minn fuq il-bradelli u jiddaħħlu mill-ewwel fin-niċeċ tagħhom.

Id-devozzjoni lejn Marija Addolorata hija mxerrda madwar il-bliet u l-irħula kollha ta' Malta u Għawdex. Il-folol kbar ta' nies li jaraw it-toroq tal-Belt Valletta sabiex jakkumpanjaw il-purċissjoni tad-Duluri huma xhieda ħajja tal-imħabba kbira li l-poplu Malti għandu lejn Marija, Omm tagħna l-Maltin.



Dettall tal-wiċċ hekk kif mibdul minn Giuseppe Caruana fl-1952

**Referenzi:**

*Il-Ġimgħa l-Kbira tal-Belt* ta' Ġorġ Aquilina O.F.M.



# Id-Domma tal-Assunta



Kitba ta' Chev. Mario Coleiro O.S.J.

Nhar l-1 ta' Novembru 1950 xterdet l-aħbar li l-Papa Piju XII ipproklama t-tlugħ ta' Marija Santissima fis-sema bir-ruħ u l-ġisem bħala domma ta' fidi. Din kienet aħbar mill-isbaħ għall-Knisja universali, li kienet ilha tħaddan dan it-twemmin għal sekli sħaħ. Il-proċess għal din il-proklama kien beda erba' snin qabel, meta nhar l-1 ta' Mejju 1946 il-Papa kien ħareġ enċiklika lill-isqfijiet kollha tad-dinja bl-isem *Deipare Virginis Mariae*. F'din l-enċiklika l-Papa kien wera dan il-ħsieb u fl-istess ħin staqsa l-opinjoni tal-isqfijiet dwar jekk għandhiex tingħata definizzjoni ċara lit-tlugħ ta' Marija Santissima fis-sema bir-ruħ u l-ġisem.

Biex il-Papa wasal għal din id-deċiżjoni kkonsulta ma' ħafna esperti u ħa l-pariri tagħhom. Huwa għamel riflessjoni spiritwali profonda u wara dan kollu wasal għad-deċiżjoni. Din id-deċiżjoni ma kinitx xi ħaġa li setgħet tittieħed f'qasir żmien, u għalhekk il-ħidma baqgħet għaddejja għal dawn is-snin sakemm waslet is-sena 1950 u f'dik is-sena ħarġet il-proklama tal-Assunta. Bis-saħħa ta' din id-domma ta' fidi dak li l-Insara kienu jemmnu b'fidi qawwija, li Marija Santissima hija Omm Alla u li kienet imtellgħa s-sema bir-ruħ u l-ġisem, issa ġie kkonfermat b'mod solenni. Il-Papa ħareġ id-dokument *Munificentissinus Deus* biex jikkonferma dan kollu. F'dan id-dokument insibu din il-frażi li fi ftit kliem tispjega din id-domma ta' fidi: "Bis-setgħa tal-Mulej Ġesù Kristu, tal-qaddisin appostli Pietru u Pawlu u bl-awtorità tagħna, aħna nxandru, niddikjaraw u niddefinixxu li Omm Alla Marija dejjem verġni, meta temmet il-mixja ta' ħajjitha fuq l-art, ittieħdet bil-ġisem u r-ruħ fil-glorja tas-sema."

Din l-aħbar kienet xterdet mad-dinja kollha u ntlaqgħet b'ferħ kbir mill-Insara kullimkien, speċjalment fejn id-devozzjoni lejn l-Assunta kienet diġà qawwija. F'pajjiżna wkoll kienu saru festeġġjamenti kbar. Il-festa ta' Santa Marija kienet diġà waħda mill-ikbar festi f'pajjiżna, speċjalment f'dawk il-lokalitajiet fejn tiġi ċċelebrata din il-festa. F'dak iż-żmien konna nsibu tmien irħula f'Malta ddedikati lil Santa Marija u raħal ieħor f'Għawdex, kif ukoll il-Katidral ta' din il-gżira. Għalhekk b'kollox konna nsibu għaxar festi li kienu jiġu ċċelebrati f'ġieħ Santa Marija f'pajjiżna. Dik tal-Katidral f'Għawdex ħadet forma ta' festa kif normalment isiru f'pajjiżna propju ma' din l-okkażjoni, meta l-vara sabiħa tal-Assunta kienet regalata lill-knisja katidrali biex b'hekk setgħet tibda ssirilha l-festa wkoll. Illum insibu ħdax-il parroċċa ddedikata lill-Assunta, għax ftit tas-snin ilu l-knisja ta' Santa Marija ta' Birkirkara reġgħet saret parroċċa taħt it-titlu ta' Santa Marija.



Cardeal Eugenio Pacelli

Il-ħmistax t'Awwissu hija festa li għal pajjiżna għandha sinifikat speċjali. L-Assunta hija l-iktar titular numeruż fil-gżejjer tagħna. L-ebda titular ieħor ma għandu ħdax-il parroċċa fil-gżejjer tagħna. Mhux ta' b'xejn li Marija Santissima hija meqjusa bħala protettriċi ta' dawn il-gżejjer. Din il-protezzjoni dehret bis-sħiħ fis-sena 1942, meta għal dejjem ma' din il-festa tal-ħmistax t'Awwissu ntrabtet il-wasla providenzjali ta' dak li baqa' jissejjaħ bħala 'l-Konvoj ta' Santa Marija'. Dak iż-żmien Malta kienet għaddejja mill-agħar żmien tal-gwerra, fejn l-iżolament tal-gżejjer tagħna mill-bqija tad-dinja kien wassal għal ġuħ kbir, mard u nuqqas ta' kollox. Munizzjon għad-difiża tal-gżejjer ma kien fadal kważi xejn, u għalhekk l-attakki tal-għadu kienu saru ħafna iktar frekwenti u qliel. Il-poplu kien qiegħed ibati minn kull xorta ta' nuqqas, l-iktar tal-ikel, u għalhekk kien żmien ta' tbatija kbira. F'Ġunju ta' dik is-sena sar magħruf li kien intbagħat konvoj bil-bżonnijiet kollha biex isalva lil Malta, imma bl-attakki tal-għadu dan ma rnexxilux jasal sa Malta, u għalhekk il-poplu kompla jbati u s-sitwazzjoni kompliet tiggrava.



Kwadru tal-Assunta

Fit-3 ta' Awwissu 1942 reġa' telaq konvoj ieħor minn Ġibiltà, li kien fih 78 bastiment, li 14 minnhom kienu tal-merkanzija u magħhom kien hemm tanker mgħobbi b'kollox, li kien jismu *Ohio*.Dan il-konvoj kien attakkat b'qilla kbira u l-għadu għamel minn kollox biex ma jilħaqx ix-xtut Maltin. Kien propju nhar il-ħmistax t'Awwissu, fil-festa tal-Assunta, li fit-8 ta' filgħodu ntlemaħ it-tanker *Ohio* jżomm ma' żewġ bastimenti oħrajn, għax kien kważi mgħarraq, dieħel fil-Port il-Kbir. Dan kien ifisser is-salvazzjoni ta' Malta, li kienet fix-xifer li ċċedi. Kien ifisser ukoll li kienet se tittaffa xi ftit it-tbatija tal-poplu. Ma' dan il-bastiment daħlu xi bastimenti oħra, u għalhekk kulħadd ħa ftit tan-nifs. Din kienet meqjusa bħala grazzja kbira, li Marija Santissima nhar il-festa tal-Assunzjoni tagħha fis-sema interċediet għal Malta tagħna u salvatha mill-qerda tagħha.



SS Ohio

Din l-istorja tkompli tikkonferma kemm kien kbir il-ferħ tal-poplu Malti, meta tmien snin biss wara din il-ġrajja kbira l-Papa Piju XII iddikjara l-ħmistax t'Awwissu bħala domma ta' fidi. Il-Maltin qatt ma nsew meta Marija Santissima, dakinar tal-festa tat-tlugħ tagħha fis-sema bir-ruħ u l-ġisem, kienet salvat lil Malta u l-poplu tagħha minn dak is-saram kbir li kien fih, u għalhekk dejjem din il-festa baqgħet tiġi ċċelebrata bil-kbir u hija l-iktar festa għażiża għall-poplu Malti kollu.

**Referenzi:**

L-Arkivju tal-Katidral, l-Imdina
Bijografija tal-Papa Piju XII
L-Arkivju tal-Mużew tal-Istorja Miltari ta' Malta, il-Forti Sant'Iermu
*Dizzjunarju ta' Malta fil-Gwerra*, Laurence Mizzi



# Waqt it-tentazzjoni sejjaħ lil Marija!



Kitba ta' Patri Mario Attard OFM Cap

Hemm ħaġa li jiena u int, u int u jiena, ngħaddu lkoll minnha. U ngħaddu minnha tista' tgħid il-ħin kollu! Din il-ħaġa hi t-tentazzjoni, jew aħjar il-ħajra għad-dnub.

Darba smajt patri jgħid li lill-penitenti tiegħu fil-qrar iħobb iħeġġiġhom biex, waqt it-tentazzjonijiet li jgħaddu minnhom, bħalma ngħaddu int, jien, hu u kulħadd, jitolbu s-Salve Regina. Dan l-għaliex il-qawwa tat-talb ta' Marija, waqt it-tentazzjoni, hi kbira ħafna.

Dan il-fatt tassew saħħarni. U jien, ta' bniedem li nħobb ħafna nitgħallem, staqsejt il-magħrufa mistoqsija: 'Għaliex?' Qaddis Franġiskan, San Bonaventura, jgħid hekk: "Nies! Tibżgħux minn armata qawwija u ostili, l-għaliex il-qawwiet tal-infern jibżgħu mill-isem u mill-ħarsien ta' Marija!" Ilkoll nafuha, l-għaliex inġarrbuha, li l-aktar attività komuni tal-qawwiet demoniċi hi li jwaqqgħuna fit-tentazzjoni. Madankollu, bħalma jfakkarna tant tajjeb San Alfons Marija De Liguori, meta aħna ttentati, kulma għandna bżonn nagħmlu hu li nsejħu lil Marija Ommna, u hekk ix-xjaten aqta' kif jaħarbu minnha u allura anki minna, għaliex la nsejħulha tħokk magħna tkun!

Fuq is-sejħa tal-isem ta' Marija, San Bonaventura jgħid hekk: "Tabilħaqq glorjuż u ammirabbli, ismek, o Marija! L-għaliex dawk li jsemmuh fis-siegħa tal-mewt m'għandhomx għalfejn jibżgħu mill-qawwiet tal-infern. Id-demonji, meta jisimgħu dan l-isem, mill-ewwel jaħarbu u jħallu lir-ruħ fil-paċi." Imbagħad San Ġermanu jgħidilna: "Int, o Xebba, bis-sempliċi invokazzjoni tal-isem l-aktar qawwi tiegħek, tagħti sigurtà lill-qaddejja tiegħek kontra l-attakki tal-għadu."



Kos, hux! Jekk int u jien, bħala Nsara, aħna tassew rasna fuq għonqna, kemm għandna l-għaliex insejħu l-isem qawwi ta' Marija fit-tentazzjonijiet tagħna b'ħafna fidi! Fil-fatt, jekk nagħmlu hekk, qatt ma naqgħu fit-tentazzjoni. Kif jgħid tajjeb il-Beatu Alan de la Roche: "Mal-ħsejjes tal-kliem '*Sliem għalik Marija!*' Satana jaħrab u l-infern jitriegħed."

Ommna Marija nnifisha rrivelat lil Santa Briġida li l-għadu jaħrab aktar mill-aktar midinbin kbar u msejkna, anki minn dawk li huma l-aktar imbiegħda mill-Mulej u ppossessati mix-xitan, jekk dawn biss isejħu l-isem qawwi ta' Marija bil-għan li jindmu. San Alfons jgħidilna: "Id-demonji kollha, meta jisimgħu l-isem ta' Marija, jimtlew bil-biża' u jħallu lir-ruħ." Madankollu San Alfons ifakkarna wkoll li biex ninħelsu mill-ħakma tal-għadu rridu nikkonvertu. Hekk jikteb fil-ktieb klassiku tiegħu dwar Marija, li għandu bħala titlu *Il-Glorji ta' Marija*: "Jekk ir-ruħ ma tindimx u ma tneħħix id-dnubiet tagħha bis-sogħba, id-demonji kważi jirritornaw mill-ġdid u jissuktaw jaħkmuha."

Kemm hu importanti li nistiednu lil Marija f'ħajjitna! Dan l-għaliex meta nitolbuha titlob għalina, Marija titlob għalina u anki tressaq talbna f'riġlejn Binha u Ħuna Ġesù. Ma ninsewx li Ġesù kellu mħabba speċjali lejn Ommu u lejn ir-rieda tagħha. Wara kollox, l-ewwel miraklu f'Kana kien sar minħabba fiha. Mhux hi kienet li talbietu jwettqu? Qaltlu: "M'għandhomx inbid" (Ġw. 2, 3). Hekk jagħmel Ġesù! Jobdi lil Ommu f'kull aspett. U dan iwettqu mhux sempliċiment biex ma jidnibx, imma, u bħali u bħalek, Ġesù għandu fih imħabba speċjali għall-mara li wilditu u li rabbietu.

Ma ninsewx li Marija, l-għaliex hi Omm Ġesù, qiegħda f'battalja sħiħa u kontinwa ma' Satana. Meta Satana jipprova jiġġildilna permezz tad-dnub, is-suppervja tiegħu ma ssirilhiex daqshekk ħsara meta jisfa' megħlub minn Ġesù. Ma ninsewx li Ġesù hu Alla u allura Ħallieq, filwaqt li x-xitan hu ħlejqa. Mela jiddependi dejjem mill-Ħallieq tiegħu Ġesù. Ix-xitan jaf li Ġesù huwa bil-wisq aqwa minnu fis-sema u fl-art. Għalhekk Ġesù aqwa mix-xitan b'mod infinit! Imma x-xitan jinħaraq waħda sew, l-għaliex Marija, li hi ħlejqa bħalu, tirbaħlu! U tmiegħku waħda sew! Dan iseħħ l-għaliex Marija dejjem lill-Mulej qatlu: "*Iva!*" Mela meta jiena u int inħallu warajna d-dnub minħabba Marija, ara xi tbaqbiqa kbira jieħu x-xitan!

It-teologu u storiku Franċiż Mons. Leon Cristiani jfisser dan li għedna b'dan il-mod: "Ix-xitan jibża' mill-Verġni Marija ħafna aktar milli jibża' mill-bnedmin u mill-anġli, u f'ċertu sens minn Alla nnifsu. Mhux l-għaliex ir-rabja, il-qawwa u l-mibegħda li għandu x-xitan għall-Mulej mhumiex infinitament akbar minn dawk li għandu għall-Verġni Marija, ġaladarba l-perfezzjonijiet ta' Marija huma limitati. L-ewwel nett l-għaliex Satana, għax hu supperv, isofri b'mod infinit meta jkun megħlub u kkastigat minn ħlejqa ċkejkna, qaddejja umli tal-Mulej. Għax l-umiltà ta' Marija tumiljah ħafna aktar mill-qawwa divina. U t-tieni nett, l-għaliex il-Mulej ta lil Marija qawwa daqstant kbira fuq ix-xjaten li, bħalma kienu obbligati li jammettu, minkejja tagħhom infushom, permezz tal-persuni ipposseduti, huma jibżgħu aktar mit-tnehid tagħha fuq ruħ midinba milli mit-talb tal-qaddisin. Ix-xjaten huma aktar imbeżżgħa b'theddida waħda minnha milli mit-turmenti l-oħra kollha tagħhom."

Il-Kelma t'Alla turina l-qawwa immensa li l-Mulej żejjen biha lil Marija. U dan narawh sa mill-ewlenin paġni tal-Bibbja. Fil-fatt fit-tielet kapitlu tal-Ġenesi Eva tgħid lill-Mulej li s-serp qarraq biha meta kielet il-frotta, u l-Mulej iwieġeb lis-serp billi jgħidlu: "*Talli għamilt dan, misħut int fost il-bhejjem kollha u fost l-annimali selvaġġi. Għal żaqqek titkaxkar, u t-trab tal-art tiekol il-jiem kollha ta' ħajtek.* ***U jien inqajjem mibegħda bejnek u bejn il-mara, bejn nislek u nisilha, u hu jisħaqlek rasek u int tisħaqlu għarqubu***" (Ġen. 13, 13-15). Din il-parti tal-istorja l-istudjużi jirreferu għaliha bħala *protoevangelium*. Dan l-għaliex hija l-ewwel darba li l-vanġelu qiegħed jiġi mħabbar permezz ta' tħabbira minn qabel tal-ġlieda bejn Ġesù, nisel il-mara, u x-xitan. Il-Mulej bażikament jgħid li matul iż-żmien is-serp, il-ħlejjaq bħas-sriep, jew pupazzi tax-xitan, għad iqumu. Iżda huma se jkollhom irjushom misħuqa mir-riġlejn tal-mara.

Għal ħafna drabi, matul it-Testment il-Qadim, naraw ħlejjaq bħas-sriep li jqumu u jippruvaw jisirqu l-qawwa minn Iżrael. Imma dawn x'jiġrilhom? Irjushom jiġu misħuqa min-nisa. Hekk, ngħidu aħna, Ġ*agħel, il-mara ta' Ħeber, ħadet kunjard tat-tined, qabdet martell f'idha u resqet ħdejh inkiss inkiss, u sammret il-kunjard ġo ngħasu [Sisera] u nifdithulu sal-art. U hu kien għajjien u rieqed fil-fond, u baqa' mejjet hemm*. Ma ninsewx li Sisera kien dak il-ġeneral li ried jeqred lil Iżrael u kien ħarab mir-reġjun u mar jorqod f'tinda. Il-Ktieb tal-Imħallfin isemmi wkoll il-ġrajja ta' *waħda mara [li] waddbet ħaġra*

*ta' fuq ta' mitħna għal fuq ras Abimelek, u kissritlu rasu* (Imħ. 9, 53). Dan Abimelek kien pupazz ieħor tax-xitan, l-għaliex ried jeqred lil Iżrael, il-poplu t'Alla. Barra minn hekk, Abimelek, waqt li kien qed imut, *sejjaħ iż-żagħżugħ li kien iġorrlu l-armi u qallu: "Islet ix-xabla u oqtolni, li ma jgħidux li qatlitni mara." U ż-żagħżugħ nifdu u miet* (Imħ. 9, 54). Issa din il-ħaġa Abimelek għamilha l-għaliex ma riedx imut taħt idejn mara.

Kif tgħidilna l-Kelma ta' Alla, l-akbar mara fost in-nisa kollha hi dik li naraw impinġija u li qiegħda fuq ras is-serp u inkurunata bi tnax-il kewkba. Ġaladarba Luċifru kien imkeċċi mis-Sema, f'ċertu sens Marija tista' wkoll titqies bħala dik li ħaditlu postu fis-Saltna tal-Mulej. Għax x'inhuma l-vizzji moqżieża li jiġuk f'moħħok u li jiġuni f'moħħi meta naħsbu dwar Satana? Mhux is-suppervja, l-għira, ir-ribelljoni, l-ittentar u l-għatx għall-poter? U x'jiġi f'moħħok u f'moħħi meta naħsbu fuq il-Verġni Marija? Mhux is-safa, l-umiltà, is-sottomissjoni għar-rieda tal-Mulej? Huma dawn il-kwalitajiet kollha li jien nixtieq nikseb bħala persuna, bħala Nisrani u Nisranija u bħala qaddej u qaddejja tal-Mulej. Hi x'inhi s-sejħa tiegħi fis-soċjetà u fil-Knisja.

Imma issa, wara li rajna ftit l-għaliex ix-xitan jobgħod daqshekk lil Marija u l-għaliex in-nisa, fil-Kelma ta' Alla, saħqu r-ras tas-serp, tajjeb li naraw ukoll l-għaliex għandna nħallu lil Marija tidħol f'ħajjitna.

Iva, Marija hi tal-għaġeb! Imma l-għaliex għandi nitlobha titlob għalija aktar milli sempliċiment nitlob lil Ġesù nnifsu? Satana jobogħdok. U jobgħodni. L-għaliex aħna ġejna maħluqa fuq ix-xbieha tal-Mulej. U Satana dejjem irid jara kif jagħmel ħa jkisser u jġib fix-xejn dak li l-Mulej tant iħobb. Satana jaf li tilef il-gwerra mal-Mulej. Jaf li l-Mulej huwa bil-wisq aqwa u aħjar minnu. Imma l-Mulej mhuwiex, le, interessat li juża lilu nnifsu jew lil xi mexxej qawwi ħafna biex jumilja lil Satana u l-attentati tiegħu. Minflok, il-Mulej, minn żmien għal ieħor, juża nisa biex iwettqu dan id-dover daqshekk importanti. Jekk trid tumilja lil Satana u l-attentati tiegħu biex iressqek lejn id-dnub u l-qerda, itlob, iva, l-għajnuna tal-qaddejja umli tal-Mulej, Marija. L-għaliex Marija hi l-qerda ta' Satana. Bħalma l-Mulej uża lin-nisa biex jisħaq l-irjus tas-sriep fil-Bibbja, anki int tista' titlob għall-għajnuna lil mara biex hi tisħaq is-sriep f'ħajtek.

L-aktar raġuni konvinċenti li tista' tressaq biex tistieden lil Marija tkun aktar preżenti f'ħajtek mhijiex biss dik minħabba l-qawwa li hi għandha kontra Satana. Marija għandha tkun preżenti ħafna f'ħajtek u f'ħajti minħabba r-relazzjoni tagħha ma' Binha u Ħuna, Ġesù Kristu. Filwaqt li tkun taf lill-għadu tiegħek hu, tabilħaqq, importanti, hu bil-wisq aktar importanti li taħrab mid-dnub u tiġri lejn id-dirgħajn miftuħa ta' Kristu. Bħalma ħadd ma jafek daqskemm tafek ommok, daqshekk ieħor ħadd ma jaf lil Kristu daqskemm tafu Ommu u Ommna Marija. Fil-fatt Marija għandha ħarsa speċjali lejn il-ħajja ta' Ġesù. Marija għandha mħabba mingħajr kundizzjoni u li ma titbiddilx quddiem kull ostaklu. Saħansitra quddiem il-mewta ħarxa tas-salib. Din hija l-perspettiva li nixtieq li jkolli ta' Ġesù. Iva, nixtieq inħares lejn Ġesù u nħobbu bħalma tħobbu Ommu!

B'dan kollu m'aħniex ngħidu li għandna naduraw lil Marija minflok lil Ġesù. Xejn minn dan! Madankollu, qegħdin, iva, ngħidu li għandna bżonn, u bżonn kbir, illum qabel għada, li nħallu lil Marija tidħol fil-ħajja tat-talb tagħna. Għalhekk nagħmlu sewwa ħafna li nitolbuha biex titlob għalina lill-Missier. Tibżgħux, Marija tgħinna żgur nirbħu t-tentazzjonijiet li jagħmlilna Satana! Kull omm, f'din id-dinja, tgħidlek li tixtieq lil uliedha li jkunu dak kollu li għalih ġew maħluqa. Bħala Ommna l-aktar qaddisa, Marija tixtieq l-istess għalik, għalija u għalina lkoll. Il-Verġni Marija hi omm li titlob, il-ħin kollu, għalina, uliedha. Marija hi

omm li tixtieq tarana nikbru fl-isem ta' Binha Ġesù. Aktar ma ninġibdu lejn Marija aktar ninġibdu lejn ix-xogħol salvifiku ta' Kristu Ġesù li ġab f'din id-dinja.

Kemm qed nagħraf li Satana huwa l-għajn ta' ħafna mit-tentazzjonijiet li qed jifilġuni bħalissa? Meta qed niġi ttentat jew ittentata qed inżomm f'moħħi li jekk biss insejjaħ lil Marija hi tista' tgħinni nirreżisti u niċħad is-suġġerimenti tal-għadu antik tiegħi?

*Għażiża Ommi Marija, ma nibża' minn xejn, lanqas minn dnubieti, l-għaliex int taqlagħli l-maħfra. Ma nibża' lanqas mix-xjaten, l-għaliex int aktar qawwija mill-infern kollu flimkien.*

*O Xebba l-aktar qaddisa u bla tebgħa, l-għażiża Ommi Marija, int li int Omm il-Mulej tiegħi, is-sultana tal-univers, l-avukata, it-tama, ir-refuġju tal-midinbin, jien, li jien l-aktar midneb u midinba msejken u msejkna mill-midinbin kollha, illum għandek niġi.*

*Inqimek, o Sultana kbira, u niżżik* ħajr tal-ħafna grazzji li int *xerridt fuqi sal-lum. B'mod partikolari li salvajtni mill-infern li tant stħaqqli nikseb minħabba dnubieti.*

*Inħobbok, o Xebba mill-aktar għażiża. U mill-imħabba li għandi għalik inwiegħdek li naqdik minn qalbi għal dejjem u li nwettaq dak kollu li nista' biex nagħmel lilek maħbuba minn oħrajn ukoll. Inpoġġi fik it-tamiet kollha tiegħi* għas-salvazzjoni. Ilqagħni b'qaddej u b'qaddejja tiegħek u kenninni taħt il-mantell tiegħek, *int li int Omm il-ħniena.*

*U ġaladarba int daqshekk qawwija mal-Mulej, eħlisni mit-tentazzjonijiet kollha. Jew, għall-anqas, aqlagħli l-qawwa li negħleb it-tentazzjonijiet li jkolli sakemm immut għal din id-dinja. Minnek jiena nitlob għal imħabba aktar vera lejn Ġesù Kristu. Permezz tiegħek nittama li mmut mewta qaddisa.*

*O Ommi l-aktar għażiża, bl-imħabba li int għandek għal Alla l-Għoli, nitolbok li tgħinni dejjem, imma l-aktar fl-aħħar mumenti ta' ħajti. Tħallini qatt f'dak il-mument sakemm tarani salv u salva fis-sema. Hemm, fis-sema, biex inbierek lilek u biex ngħanni l-ħniena tiegħek għal tul l-eternità. Din hija t-tama tiegħi. Ammen.*

Tinsiex! Waqt li nkun ittentat jew ittenata ħa nieħu l-parir ta' dak il-Patri: ĦA NITLOB IS-SALVE REGINA! Imbagħad… għidli naqra kif tkun mort!

*Fil-Festa*
*għid ir-Rużarju*
*mal-Familja*
*u tkun tajt*
*l-isbaħ rigal*
*lil Santa Marija*





# Tifkiriet tiegħi fl-Oratorju Qalb ta' Ġesù tal-Mosta



Kitba ta' Joe Quattromani

**Il-Bidu**

Nismagħhom jgħidu li sa mill-1914 fil-Mosta diġà kellna oratorju għat-tagħlim tad-duttrina għat-tfal u żgħażagħ subien. Kien fi żmien Dun Karm Gauci li bl-għajnuna ta' Dun Ġorġ Preca bena l-ewwel oratorju. Ingħata l-isem "Qalb ta' Ġesù".

L-ewwel diretturi tiegħu kienu Dun Edgar Salomone u Dun Karm Sciberras. Kien fl-1916 li Dun Edgar Salomone waqqaf l-ewwel truppa tal-Iscouts fil-Mosta u bdew jiltaqgħu f'dan l-istess ċentru ta' tagħlim. Missieri Manuel u z-ziju Indrì Frendo (Andrew), ħu ommi, daħlu membri ta' din l-għaqda mill-bidu. Kien missieri li minn ċkunitna ħajjarna nħobbu u nattendu għat-tagħlim Nisrani fl-Oratorju.

Għadda ż-żmien u meta l-popolazzjoni fil-Mosta bdiet tiżdied b'rata mgħaġġla, dan il-post sar żgħir. L-Arċipriet tal-Mosta dak iż-żmien kien Dun Pawl Mallia. Fuq biċċa art akbar u fuq replika ta' pjanta ta' Don Bosco, fil-11 ta' Novembru 1928 tqiegħdet l-ewwel ġebla tal-oratorju li nafu llum. Il-bini, fuq disinn tal-Perit Nettu Mifsud Ellul u l-imgħallem bennej Mastru Salvu Zahra, beda f'Novembru 1928. Il-binja kienet tinkludi kappella, klassijiet għat-tagħlim tad-duttrina, sala/teatru għar-reċtar u divertiment onest ieħor, flimkien ma' bitħa kbira jew ground għal-logħob barra.

Iċ-ċentru tlesta minn kollox fis-sena 1935, u fit-8 ta' Ġunju 1940 waranofsinhar ġie inawgurat u mbierek mill-Arċisqof Dun Mauro Caruana OSB. Dan ukoll ingħata l-isem "Oratorju Qalb ta' Ġesù". Ftit tas-snin wara li tlesta dan il-post sabiħ beda jagħti kenn lil mijiet ta' refuġjati minn lokalitajiet oħra barra l-Mosta, fosthom dawk mill-Kottonera, li kellhom iħallu djarhom imġarrfa wara xita ta' bombi mill-għadu fil-gwerra tal-1939-1945.

Għalkemm fl-inħawi tal-oratorju ntefgħu wkoll xi bombi, b'xorti tajba bomba li waqgħet f'nofs il-misraħ fl-20 ta' Jannar 1942 għamlet biss ftit ħsara. Il-ħofor fuq iz-zuntier inksew, iżda t-tkissir tax-xrapnels għadu jidher ċar fuq il-faċċata u l-bieb tal-kappella.

Fost id-diretturi li mexxewh matul iż-żmien insibu lil Dun Pawl Calleja, Dun Karm Sciberras, il-Kanonku Dun Anton Muscat, l-Arċipriet Mons. Dun Pawl Galea, Dun Salv. Magro u s-saċerdot ħabrieki li l-aktar niftakar jien – Dun Angelo Camilleri. Dan Dun Anġ dam imexxi l-Oratorju Qalb ta' Ġesù tal-Mosta għal 49 sena sħaħ.

Nistqarr li għalkemm id-delizzju tiegħi tar-reċtar kien diġà fija, fis-snin ta' bejn l-1954 u l-1960, is-snin li studjajt il-Liċeo, l-Oratorju Qalb ta' Ġesù kien il-post li l-aktar bdejt niffrekwenta. Żgur li ħafna mit-tagħlim u l-esperjenza tar-reċtar fuq il-palk ħadthom minn hemm.

Ħaġa ġġib lill-oħra.

**Il-Bidla ġabha Dun Anġ Camilleri**



Dun Anġ Camilleri

Nażżarda ngħid li t-tagħlim fis-suġġetti u l-esperjenzi li bdejna nieħdu mill-Liċeo ħadniehom magħna l-oratorju tal-Mosta, speċjalment waqt il-laqgħat ta' nhar ta' Ħadd filgħodu. B'direzzjoni minn Dun Anġ, dawn il-laqgħat bdew jieħdu forma ta' diskussjonijiet interessanti, kemm mil-lat edukattiv kif ukoll dak soċjali u reliġjuż, tant li l-kapaċitajiet intellettwali u ta' tmexxija (leadership) ta' wħud mill-istudenti fostna bdew joħorġu fil-beraħ.

U l-kelma ġriet, mhux mal-Mosta biss. Bosta żgħażagħ ġuvintur bdew jersqu lejn l-oratorju tagħna u fi ftit ġimgħat l-uħud u l-għaxriet saru mijiet. Bl-introduzzjoni ta' Dun Anġ Camilleri bħala direttur spiritwali ġdid taċ-ċentru, l-Oratorju Qalb ta' Ġesù tal-Mosta nbidel mil-lejl għan-nhar. Saċerdot żagħżugħ b'ideat friski u moderni!

Mhux ta' b'xejn bdew jinġibdu ħafna aktar studenti żgħażagħ lejn dan iċ-ċentru!

U hawn fl-1958 nibtet l-għaqda Studenti Żgħażagħ Mostin (Mosta Young Students League).

Forsi wieħed jistaqsi, "Għaliex f'artiklu għall-Imġarr qed insemmi lil Dun Anġ, qassis Mosti?" Għax Dun Anġ Camilleri għamel żmien ġmielu għalliem fl-iskola tal-Imġarr, u wara direttur spiritwali fl-iskejjel tal-Gvern.

**Ċentri oħrajn bdew jikkupjawna (f'sens tajjeb, sintendi!)**

Lokalitajiet oħrajn bdew jikkupjawna, veru. Bosta żgħażagħ ġuvintur bdew jersqu aktar lejn iċ-ċentri tal-knisja u jaħdmu flimkien – xejra pożittiva. Bejn l-għaqdiet taż-żgħażagħ minn bliet u rħula differenti bdew isiru żjarat, seminars u skambji ta' laqgħat b'temi varji u interessanti. Iċ-ċentri stess bdew jitħajru jorganizzaw attivitajiet simili. Dawn l-okkażjonijiet bdew jiġbdu lejhom aktar żgħażagħ. Mhux ġuvintur biss, issa. Tħajru jattendu wkoll ix-xebbiet. Suġġetti popolari, fosthom drama, mużika u kant, sports ta' ġewwa u ta' barra, kompetizzjonijiet. Iċ-ċentri u s-swali tal-lokal saru bħal xehda naħal; iva, żgħażagħ taż-żewġ sessi jaħdmu flimkien!

Għalkemm f'lokalitajiet oħra sar hekk, Dun Anġ Camilleri, id-direttur spiritwali tagħna, ma għoġbitu xejn din l-idea. Anzi oppona bil-qawwa kollha li ġuvintur u xebbiet jitħalltu u jaħdmu flimkien. Jiena nemmen li dak iż-żmien dal-qassis kellu struzzjonijiet minn fuq.

**Xtaqt nitgħallem strument**

Jien minn dejjem kont inħobb il-mużika. Sa minn tifel bdejt inkanta, mal-kor jew waħdi. Sakemm għamilt l-O levels – dak iż-żmien is-Senior Oxford – kelli ftehim ma' ommi li ma nivvinta xejn żejjed. Nistudja, ngħaddi, imbagħad wara nitkellmu. Wara s-sajf tal-1959, b'riżultat passabbli fl-eżami, ommi tatni l-go ahead. Fis-sajf sibt part-time job u meta bdejt nara l-flus f'idejja ddeċidejt li nitgħallem strument mużikali. Kien jogħġobni l-pjanu, imma qatt ma kont se nasal biex nixtrih. Ridt strument modern, ħafif u li nista' nixtrih b'inqas flus.

Wara ommi, tlabt parir lil Dun Anġ. Iddeċidejt għall-kitarra. Bdejt nistudja t-teorija għand 'Lucia' ta' Strada Rjali, il-Belt. Kitarra ssellift waħda ta' ftit flus. Bl-entużjażmu u

r-rieda li nitgħallem malajr bdejt indoqq xi ħaġa f'inqas minn xahrejn.

Lura l-oratorju, ferħan se ntir, tkellimt ma' żgħażagħ bħali li wrew ix-xewqa li flimkien ngħaqqdu grupp. Dun Anġ għoġbitu l-idea u tani palata. Dawk iż-żminijiet kienu invoga l-gruppi tad-daqq Skiffle groups, Beat groups jew gruppi ta' kitarri u kantanti. Kienet l-era tar-Rock 'n Roll, Lonnie Donegan, Bill Haley u l-Comets, Fats Domino, The Platters, Elvis Presley and the Giordaniers, Cliff Richard u The Shadows, The Drifters…



Il-grupp The Twisters

L-ewwel membri tal-grupp konna Emidio Scicluna, Lino Gatt, Carmelo Saliba, jien u Freddie Muscat – il-kantant. Wara tliet ġimgħat provi kuljum sa tard filgħaxija, il-magħmudija kellha ssir waqt seminar reġjonali għaż-żgħażagħ fis-Sala Dun Edgar, l-Imġarr, il-Ħadd filgħodu. Dan l-imbierek grupp ridna ntuh isem. Cliff Richard kien għadu kemm ħareġ is-song *Dynamite*. Għoġbitna u bdejna nissejħu 'Dynamites'.

Dik il-għodwa kulma daqqejna tliet songs, imma l-udjenza laqgħetna tajjeb, speċjalment sħabna l-Mostin. Għamlulna l-kuraġġ li nkomplu ndoqqu flimkien. Aħna hekk għamilna, għal xi snin. Aktar tard xi membri tal-grupp inbidlu u daħlu oħrajn ġodda. L-isem tal-grupp ukoll inbidel. Sar 'The Twisters'.

**Dun Anġ mexxej ħabrieki**

Meta Dun Anġ ħa t-tmexxija tal-oratorju, ma qagħadx b'idejh fuq żaqqu. Beda biex jirranġa l-post, li kien tħalla mitluq għal xi żmien – il-kappella, il-kmamar tal-logħob, il-klassijiet għat-tagħlim. Ta' bniedem ħabrieki li kien, spiss beda jintroduċi attivitajiet ġodda għall-membri, fosthom laqgħat ta' diskussjoni, quizzes, attivitajiet teatrali, kulturali u ta' natura divertenti. Introduċa films tajbin fis-sala kull nhar ta' Sibt jew Ħadd; festi reliġjużi bil-purċissjoni għal żmien il-Corpus Christi u l-Qalb ta' Ġesù, fejn jinvolvi t-tfal kollha tad-duttrina; presepji artistiċi u purċissjoni bil-Bambin madwar l-inħawi tal-Oratorju fi żmien il-Milied; esibizzjoni bil-vari u mwejjed b'dekorazzjonijiet artistiċi reliġjużi għal żmien il-Ġimgħa Mqaddsa. Ikkummissjona statwa ta' San Domenico Savio biex tintrefa' miż-żgħażagħ stess nhar il-festa tal-qaddis. Statwi oħra tal-ġebel ta' Santa Maria Goretti u San Ġwann Bosco nħadmu mill-iskultur/artist Mosti Ġanni Bonnici għan-niċeċ tal-faċċata tal-kappella.


Joe Quattromani jirċievi premju mingħand l-Arċipriet Dun Bert Bezzina

**L-Akkademja Annwali**

Wara ftit taż-żmien li Dun Anġ welled

l-Għaqda tal-Istudenti ħaseb biex darba fis-sena, sewwasew qrib l-Epifanija, jorganizza Jum l-Akkademja, fejn l-istudenti kollha kienu jiġu ppremjati għall-ħiliet tagħhom. Is-sala tal-oratorju kienet tkun imballata, mhux biss bil-ġenituri iżda wkoll b'bosta dinjitarji mistiedna. Kienet tkun serata vibranti, ferrieħa u mistennija. Bniedem li jħobb il-palk, Dun Anġ kien jirsisti li ntellgħu drama ta' William Shakespeare bl-Ingliż. Naturalment il-partijiet femminili kienu jinħadmu mill-ġuvintur! Kien jagħżel ġuvintur ħelwin b'karnaġġjon bajdani u ċar, ilibbishom kostum ta' mara, bil-parrokka u l-make-up, bil-garanzija li qabel jiftħu ħalqhom ħadd ma kien jinduna min kienu.

Din li fuq il-palk tal-oratorju l-partijiet femminili kienu jinħadmu mill-ġuvintur kienet il-gwerra qaddisa ta' bejnietna. Damet sejra żmien. Kellna nistennew is-snin. Iżda ż-żminijiet jinbidlu. Għalkemm ma kinitx faċli, bil-kelma t-tajba u l-persważjoni, fl-aħħar Dun Anġ aċċetta u l-istorja nbidlet.

**Qassis Dinamiku**

Għal żmien il-Ġimgħa Mqaddsa beda jorganizza eżerċizzi spiritwali speċifikament għaż-żgħażagħ fil-kappella tal-oratorju stess. Għalihom bdew jattendu l-mijiet, mhux biss membri taċ-ċentru. Fil-korsija kien jarma l-mejda tal-appostli b'xeni tassew artistiċi mill-Iskrittura, maħdumin b'għaġin, ross u melħ kulurit. Is-sett tal-vari *in miniatura*, b'xebh għas-sett ta' vari minn Carlo Darmanin fil-Mosta, propjetà tal-familja Fenech, ma naqsu qatt. Tiddomina fil-ġenb l-istatwa artistika l-qadima tad-Duluri.



La Scuola del Solveggio / Kor Santa Ċeċilja

Biex ikompli jkabbar l-attivitajiet u jiġbed aktar żgħażagħ lejn il-post, fl-1958 waqqaf il-kor tal-oratorju taħt it-tmexxija għaqlija ta' Mro Geraldo Magri. Tawh l-isem "Kor Santa Ċeċilja" – il-patruna tal-mużiċisti.

Ferħanin bil-kor il-ġdid, fl-okkażjoni tal-Akkademja Annwali tellajna operetta żgħira: *La Scuola del Solveggio*. Daqqet orkestrina, inklużi mużiċisti barranin. Bidu kuraġġuż iżda denn li ntlaqa' tajjeb ħafna.

**Wellidna Kumpanija tad-Drama**

Fis-sajf tas-sena 1959 żagħżugħ tal-Azzjoni Kattolika, Alessio Fenech, ftit akbar minna fl-età, ħajjarna biex intellgħu dramm bil-Malti, kitba tiegħu stess, bl-isem *Il-Konfoffa tal-Ilsiera*. Dan ridna naħdmu fuqu fis-sajf, bil-ħsieb li niftħu l-istaġun teatrali fis-sala tal-



Grupp żagħżugħ tal-Azzjoni Kattolika fuq il-bejt

oratorju f'Ottubru. Hekk sar. Bix-xieraq, il-kumpanija ssemmiet 'Mosta Youths Dramatic Company'. Fost l-oħrajn kien hemm Carmelo Gatt, Alfred Magri, Emidio Scicluna, Victor Caruana, Leslie Agius, Charles Muscat, Johnny Mizzi, Tony Camilleri, Gregory Caruana, Johnny Falzon u jien. Wara s-suċċess bl-ewwel dramm, bl-entużjażmu tal-membri, Dun Anġ ħajjarna nkomplu. Maż-żmien fuq il-palk tal-oratorju bdejna ntellgħu xogħlijiet teatrali regolari.

**Ir-Relazzjoni tiegħi ma' Dun Anġ**

Kemm bħala membru tal-oratorju u kemm wara, bi pjaċir ngħid li ħdimt qrib ħafna ta' Dun Anġ, speċjalment bi drama fuq il-palk u spettaklu ieħor popolari. Bla tlaqliq ngħid li tgħallimt ħafna mingħandu. Barra li kien saċerdot serju, għalliem tajjeb, predikatur u konfessur kapaċi, Dun Anġ kien bniedem onest, ħabrieki, dixxiplinat, organizzat u fuq kollox ġentlom. Kien mexxej b'ideat moderni li jagħtik iċ-ċans tesprimi ruħek u taħdem mal-oħrajn bla sikkatura żejda. Kellu ċerta kariżma, speċjalment maż-żgħażagħ. L-għaxqa tiegħu meta jkun f'nofshom. "Dun Anġ iż-Żgħir," kien jgħajjatlu kulħadd.

**Ix-xalata l-għada ta' Santa Marija**

Okkażjoni li żgur qatt ma ninsa kienet dik ta' darba fis-sena, sewwasew l-għada ta' Santa Marija. Mhux jien biss, anzi ż-żgħażagħ kollha membri tal-oratorju, konna nkunu nistennewha bil-ħerqa. Ix-xalata sa Kemmuna!

Grupp ta' żgur aktar minn mitt żagħżugħ nitilqu bil-privates ma' Dun Anġ, kmieni filgħodu, armati sa snienna b'basktijiet tal-ikel, xorb u frott sakemm naslu San Pawl il-Baħar fejn il-Gillieru. Il-kbar kienu jġibu magħhom tliet kampijiet kbar tas-servizzi, fejn inżommu l-ikel fid-dell mill-qilla tax-xemx.

Hemm insibu lil Karlu maż-żewġ uliedu, lesti biex bil-luzzu jwassluna sal-Bajja ta' Santa Marija.

Dun Anġ, barra li kien organizzatur kapaċi, kien bniedem b'saħħtu, jgħum tajjeb ħafna u għax sid ta' dgħajsa, kien ipprattikat u jiflaħ għall-baħar. B'dana kollu, qabel ma wieħed minna jaqbeż fil-baħar, arah u isimgħu jwissi u jwiddeb: "Oqogħdu attenti; fil-bahar tiċċajtawx! Ibżgħu għal xulxin."

Ir-ramel dehbi tax-xtajta u l-baħar ċar u nadif tal-Bajja ta' Santa Marija, li qabel naslu aħna jkun leqqieni u liebet, imdawwar bi skiet taqtgħu b'sikkina, f'kemm ilna ngħidu jieħu l-ħajja b'għajjat ta' ferħ, ċajt, kant, logħob u ġiri tal-ġuvintur.

Il-ħarsa u t-tbissima ta' Dun Anġ kienet tixhed is-sodisfazzjon li kien iħoss meta mdawwar b'tant żgħażagħ kuntenti.

**Bqajna Ħbieb**

F'Jannar tas-sena 1966 il-mara tiegħi Doris u jiena ngħaqadna fis-sagrament taż-żwieġ. Dun Anġ kien mistieden u onorana bil-preżenza tiegħu. Sewwasew wara Santa Marija sejjaħli waħdi. Talabni biex barra li nieħu sehem f'parti li dejjem xtaqt ninterpreta, ngħinu ntellgħu d-dramm ċelebri ta' William Shakespeare, *Romeo and Juliet*. Rajt li din kienet il-lixka u ħtaft ix-xoqqa f'moxtha. Tkellimna ta' żewġt irġiel. Għedtlu li kien wasal iż-żmien li fuq il-palk tal-oratorju nintroduċu xebbiet/studenti bniet ħalli jinterpretaw karattri femminili. Dun Anġ talabni nagħtih ftit żmien biex ikun jista' jieħu parir mingħand is-superjuri tiegħu. Ftehemna li naġġornaw għal ħmistax-il ġurnata wara.

Għadda ż-żmien miftiehem u rġajna ltqajna ras imb ras fis-sagristija taħt l-istatwa ta' Santa Marija. Qalli li l-proposta ġiet aċċettata b'xi kundizzjonijiet. Kienu miktubin fuq karta:

(1) Ix-xebbiet li jieħdu sehem iridu jkunu ġejjin mill-istess familja. Aħwa jew kuġini.
(2) Il-provi fejn jidħlu t-tfajliet iridu jieqfu mat-tmienja ta' filgħaxija. Mhux aktar.
(3) Dun Anġ bħala direttur tal-post irid ikun preżenti l-ħin kollu tal-provi.
(4) Ma jkun hemm l-ebda kunfidenza żejda, la bil-kliem u wisq inqas b'xi mossi.

Billi dawn il-kundizzjonijiet għalija dak iż-żmien ma kienu xejn ta' barra minn hawn, speċjalment meta jien kelli tant ħerqa u urġenza li nintroduċi atturi femminili fuq il-palk tagħna, bla ma ħsibtha darbtejn għedtlu, "Iva, kollox sew!"

Lil Dun Anġ wegħedtu li se ngħinu. U hekk għamilt.

**L-Aħħar Kapitlu**



Mary oħt l-awtur tagħmel il-parti ta' Joan fid-dramm Joan of Arc

Dik is-sena stess introduċejt lil ħuti l-bniet, Mary u Lina. Il-kelma mxiet u l-istess għamlu membri oħra. Minn ta' Shakespeare Dun Anġ kien jippreferi t-traġedja. Kien jirraġuna li aktar diffiċli ddaħħak milli tbikki. Veru!

Wara *Romeo and Juliet* ġew *Othello*, *Hamlet*, *Julius Caesar* u *Macbeth*. Fl-1967, fl-aħħar ġimgħa qabel ippreżentajna *Othello*, jien fil-parti prinċipali u oħti Mary fil-parti ta' Desdemona, din mardet u flokha daħlet oħti Lina. Tgħallmitha bl-amment fi ftit jiem u qalgħet applaws mistħoqq.

Inkoraġġit minn dan it-talent ġdid, Dun Anġ, is-sena ta' wara, ażżarda jtella' dramm b'mara fil-parti prinċipali. Oħti Mary ġiet fdata bil-parti ta' Joan fid-dramm *Joan of Arc* ta' George Bernard Shaw. Jien interpretajt lil Couchon, l-Arċisqof. Memorji sbieħ, dawn. Dun Anġ ma ddispjaċiehx. Kulħadd kien tajjeb. Oħti Mary ħadmet bil-qalb u marret tajjeb.

**Tmiem**

Billi issa għadda ftit żmien ġmielu, ma xtaqtx inkun prużuntuż. Jekk mhux sejjer żball, għal oħti Mary din kienet l-aħħar darba li rreċtat fuq palk. F'dik is-sena stess iżżewġet lil Piju Camilleri, mill-Imġarr, u ma ssuktatx tirreċta. X'aktarx li dak iż-żmien ma kienx moda li nisa miżżewġin jirreċtaw fuq il-palk tal-oratorju tal-Mosta.

Għal-lum daqshekk. Jekk Alla jrid, nissokta…

Minn qalbi nixtieq il-festa t-tajba lil kulħadd.



# Devozzjonijiet Marjani fil-Koran



Kitba tal-Kav. Stanley Mangion

Naħseb li xi darba jew oħra fil-liturġija Kattolika tlabtu bil-kantiku tant sabiħ ta' Marija, l-aktar f'xi festa Marjana. Dan l-innu immortali għannietu l-Madonna bħala radd il-ħajr 'l Alla meta seħħet iż-żjara tal-Madonna lil Santa Eliżabetta. Vers minn dan l-innu sabiħ idomm hekk: "Iva, minn issa 'l quddiem kull nisel isejjaħli 'hienja'." Kien kliem tassew profetiku ta' Marija, għax l-aktar żewġ reliġjonijiet kbar fid-dinja, l-Insara u l-Musulmani, li bejniethom jiffurmaw il-biċċa l-kbira tal-popolazzjoni dinjija, jagħtu qima u foħrija lil din il-bniedma li ġabet lil Ġesù fid-dinja. Forsi hemm xi differenzi, imma meta wieħed jixtarr din id-devozzjoni Marjana, wieħed malajr jifhem kemm hemm aktar qrubija milli diverġenza bejn dawn iż-żewġ reliġjonijiet kbar. Kemm hemm aktar għaqda milli firda. Hi devozzjoni li tħallina napprezzaw aktar lil xulxin biex iż-żewġ reliġjonijiet kolonni jaħdmu id f'id, għall-ġid tal-bniedem u għas-saħħa spiritwali u materjali tiegħu, fis-sliem u fl-imħabba. F'dan l-artiklu se nitkellem fuq id-devozzjoni Marjana fir-reliġjon Iżlamika biex, fl-aħħar mill-aħħar, forsi sseddaq il-fidi tagħna u forsi ma nibqgħux innisslu minn ġo ħalqna, permezz ta' lsienna, dak il-misħut dagħa faħxi u maħmuġ li għandna fi lsienna dwar il-Madonna.

**Il-Madonna fil-Koran**

Fil-Koran il-Madonna hi magħrufa bħala Maryam, omm Ġesù. L-isem ta' Maryam għandu post tassew eċċezzjonali fir-reliġjon Musulmana, u hi l-mara waħdanija li fil-Koran insibuha msemmija kważi erbgħa u tletin darba. Fil-fatt il-Madonna tissemma fil-Koran aktar milli tissemma fl-evanġelji! Dan kemm mil-lat tal-ġeneoloġija ta' Maryam, li hi ħafna aktar dettaljata minn dik Kristjana, u kemm dwar it-tfulija tagħha. Il-Koran iqiegħed quddiemna l-figura ta' Maryam bħala l-akbar mara fost in-nisa. Il-Madonna hi l-magħżula t'Alla minn fost in-nisa kollha tal-ħolqien u hi l-ħlejqa safja u bla mittiefsa. Insibu li l-istorja tal-Madonna hi miktuba fi tliet kapitli (19, 21, 23) li nkitbu f'Mekka u f'erba' kapitli oħrajn (3, 4, 5, 66) li nkitbu f'Medina. Barra minn hekk fil-Koran insibu kapitlu sħiħ, *Surat* (Kapitlu) *Maryam*, li hu kapitlu 19, li jitkellem dwar il-missjoni tal-Madonna fl-istorja tas-salvazzjoni.

Il-kitba dwar il-Madonna fil-Koran hi msejsa fuq il-protoevanġelju apokrifu ta' San Ġakbu. Għal xi żmien fl-istorja tal-Knisja dan il-protoevanġelju apokrifu kien popolari ħafna l-aktar fil-Knisja tal-Lvant. Tant dan il-protoevanġelju kien imxerred fost l-Insara u kien tant igawdi devozzjoni kbira li kien hemm tentattiv li dan il-ktieb ikun meqjus bħala wieħed bibliku. Jidher li Muhammed kien jaf sewwa dan il-protoevanġelju apokrifu, u fil-kitbiet tiegħu nistgħu ngħidu li jimxi fuqu pass pass. Insibu li Maryam kienet mgħassa u mħarsa bil-grazzja divina sa mit-twelid tagħha. Il-Madonna kienet bla mittiefsa, verġni

tul ħajjitha kollha, għax il-Madonna kienet ħielsa "mit-tmesmis tal-irġiel", li skont teologi Iżlamiċi jurina biċ-ċar il-verġinità tal-Madonna tul ħajjitha kollha.

Ir-reliġjon Iżlamika tgħallem li "kull tifel/tifla, immedjatament fit-twelid tiegħu, hu mimsus mix-xitan, u dan il-kuntatt iġagħlu jibki". Sentenza li tfisser il-waqgħa fil-ħażen tal-umanità kollha. Imma Maryam u Binha ma jidħlux f'dan. Hekk ikompli l-Koran: "Dan barra Maryam u Binha." Minn dan is-sors ġej it-tagħlim oriġinali tas-safa ta' Maryam. Alla mhux biss ippredestina lil Maryam imma saffieha minn kull ħażen u għamilha l-akbar mara fost in-nisa. Maryam kienet il-mara li emmnet fi kliem il-Mulej, fil-Kotba Mqaddsa u "kienet mara li tobdi mill-qalb". Għalhekk Maryam kienet safja, qaddisa u umli.

**Min hi Maryam**

Fil-Koran insibu li l-Madonna hi "t-tifla ta' Imran", li fit-tradizzjoni Kattolika hu San Ġwakkin. Kienet magħrufa wkoll bħala "oħt Aaron". Omm il-Madonna fil-Koran hi msemmija biss bħala "mart Imran" u mhux b'isimha. Dan għaliex fit-tradizzjoni tal-Koran in-nisa ma jissemmewx b'isimhom. Biss, skont Al-Tabari, omm Maryam kien jisimha Hannah, li hi l-istess Sant'Anna fit-tradizzjoni Kristjana. Il-koppja Imran u Hannah ma kellhomx tfal u għalhekk Hannah kienet titlob bil-ħerqa biex ikollhom iben, u saħansitra għamlet wegħda li dan it-tifel tiddedikah lil Alla fil-qadi tat-tempju. Imma Hannah ma kellhiex sabi, imma kellha tifla li semmietha Maryam. B'paralleliżmu mal-protoevanġelju apokrifu ta' San Ġakbu, il-Koran jgħid li darba minnhom Hannah, li bħal żewġha issa kienu xjuħ u sterili, rat għasfur jitma' għasfura ċkejkna fuq siġra. Hannah tqanqlet minn din id-dehra materna u talbet b'ħerqa l-iżjed kbira 'l Alla biex tiled, u hawnhekk għamlet il-wegħda tad-dedikazzjoni tat-tarbija. Hannah tant tnikktet li ma kelliex ix-xorti li bħan-nisa l-oħra tħaddan tarbija, u qieset ruħha bħala misħuta għax kienet bla wild. Il-Mulej sema' talbha u għanieha bit-twelid tal-Madonna. Dan it-twelid mela b'ferħ l-iżjed kbir kemm lil Imran u kemm lil Hannah.

**Is-Snin Bikrin tal-Madonna**

Minkejja li Hannah kellha tifla u mhux tifel, Hannah xorta waħda wettqet il-wegħda tagħha, u hekk Maryam kienet iddedikata għas-servizz t'Alla fit-tempju ta' Ġerusalemm. Għalhekk, bħal fil-protoevanġelju, il-Koran jagħtina stampa tal-Madonna titlob f'post partikolari fit-tempju maqtugħ għalih. Hi tqiegħdet taħt il-ħarsien ta' zijuha Żakkarija, li ta' kuljum kien imur jittawlilha biex jara li Maryam ma tkunx nieqsa minn ebda ħtiġijiet. L-għajxien tal-Madonna, skont il-Koran, kien mirakoluż u kien direttament ikel provdut lilha b'mod divin. Il-Koran jgħid li kull darba li Żakkarija kien jidħol fl-għorfa tat-talb tal-Madonna kien isib abbundanza ta' ikel. L-ikel kien jinkludi frott sajfi fix-xitwa u frott xitwi fis-sajf. Kien miraklu kbir, u għalhekk Żakkarija kien jistaqsiha minn fejn kien jiġi dak l-ikel. Il-Madonna kienet twiegħbu: "Alla dejjem jipprovdi ikel b'mod ħieles lil min irid hu." Alla fil-providenza kbira tiegħu ma kienx se jinsa lill-magħżulin tiegħu. Is-siwi eċċezzjonali ta' Maryam hu marbut mat-twelid ta' binha Ġesù. L-immakulat konċepiment ta' Maryam hu għelm tal-kobor ta' Marija u tal-ħajja tagħha bla mittiefsa.

**It-Tħabbira**

Fil-Koran it-tħabbira tal-Anġlu Gabrijel lill-Madonna nsibuha rrakkontata f'kapitlu 19, li jismu *Maryam*. Maryam kienet il-mara waħdanija li l-Koran isemmi b'isimha. Hekk il-

Koran iqiegħed lil Maryam fl-istess livell jew keffa tal-profeti, tal-messaġġiera u tal-anġli! Il-Koran jgħid li Maryam marret tgħix waħidha f'post fuq in-naħa tax-Xarq (il-Lvant). It-tislima tal-anġlu li nsibu fil-Koran hi ftit differenti minn dik li nsibu fl-evanġelji. L-Anġlu Gabrijel deher lil Marija bħala bniedem ta' statura sabiħa u proporzjonata. Il-Madonna lissnet dawn il-kelmiet: "Jiena mkennija mill-Aktar Għoli u Ħanin; għalhekk itlaq 'l hemm, jekk int tibża' minn Alla." Dan ir-raġel sabiħ u mibni weġibha: "Jiena l-messaġġier t'Alla tiegħek biex inħabbarlek it-twelid ta' tifel safi." Maryam wieġbet: "Kif jista' jien ikolli tifel jekk l-ebda raġel ma messni u jien dejjem kont bla mittiefsa?" L-anġlu qalilha: "Hekk isir. Il-Mulej tiegħek jgħid: "Din hi ħaġa ħafifa għalija, u lil dan (Ġesù) nagħmluh għelm għall-poplu u ħniena mingħandna. Dan diġà twettaq." F'din in-narrattiva wieħed jinnota n-nuqqas tal-ilqugħ ta' Marija, li nsibu fl-evanġelji: il-*Fiat* (l-iva) tal-Madonna. Dan għaliex fir-reliġjon Iżlamika r-rieda tal-bniedem mhix ħielsa, imma hi sottomissjoni sħiħa għar-rieda t'Alla. Allura ma kienx hemm lok għall-aċċettazzjoni libera ta' Maryam fl-istorja tas-salvazzjoni. F'kapitlu 3 (*Al Imran*) li jitkellem ukoll fuq it-tħabbira, Maryam ingħatat l-aħbar mimlija ferħ li hi kienet "il-magħżula minn fost in-nisa kollha tal-ħolqien". Kummentaturi tal-Koran jaraw f'dan il-vers lil Maryam bħala l-mara kważi perfetta nieqsa kważi minn kull taħsir ta' dnub. "O Maryam, Alla għażlek u naddfek. Hu għażlek minn fost in-nisa kollha. O Maryam, agħti qima 'l Alla. Niżżel rasek sal-art u ilwi lilek innifsek flimkien ma' dawk li jitgħawġu waqt li jaduraw."

**Erba' Nisa Mudelli ta' Ħajjitna**

L-Iżlam jagħraf erba' nisa bħala mudelli tal-perfezzjoni femminili. Dawn huma: Asiya, li kienet il-mara tal-Fargħun, li sofriet il-qilla ta' żewġha. Dawk in-nisa li jsofru dik li llum tissejjaħ 'vjolenza domestika' "minn żwieġhom ikunu ppremjati". Għalhekk Asiya saret il-mudell u t-tama għal dawk in-nisa kkalpestati u maltrattati. Khadija kienet l-ewwel mara li emmnet fil-messaġġ ta' Muhammed. Kienet mara ta' negozju u tat kenn lill-Profeta Muhammed u hekk saret il-mudell ta' dawk in-nisa li jkunu qed ifittxu kenn. It-tielet mara hi Maryam, waqt li r-raba' mara hi Fatima, it-tifla tal-Profeta Mohammed. Fatima hi mudell ta' perfezzjoni, ta' ispirazzjoni materjali, waqt li Maryam hi mudell ta' perfezzjoni u ta' ispirazzjoni spiritwali. Il-Madonna hi l-aktar mara qaddisa, mudell ta' kull virtù u tas-safa. "Maryam għasset il-verġinità tagħha" u għalhekk "infaħna fiha l-Ispirtu Qaddis Tagħna u wettqet il-verità ta' kliem il-Mulej", u "hekk saret waħda minn dawk il-maħbubin għeżież" (Q. 66: 12). Ħadd minn dawn in-nisa ma jilħaq rwol tassew importanti u qaddis daqs Maryam. Hija mudell għall-bnedmin kollha. Hija mudell tal-virtù u s-safa.

Waqt li aħna l-Kattoliċi nħobbu nqabblu lill-Madonna mal-ewwel l-omm tal-umanità, Eva, l-Iżlam iħobb iqabbel lil Maryam ma' Hagar. Hagar kienet it-tieni mara ta' Abram. Hagar ħarbet 'il bogħod meta tqalet b'Ismael minn Abram, għax Sara għeret għaliha meta tqalet u hekk kellha taħrab. Imma Alla sema' t-tnehid tagħha mirakolożament. Hagar saret omm poplu ġdid għax binha Ismael kien missier poplu ġdid, l-Ismaeliti.

**It-Twelid ta' Isa (Ġesù)**

It-twelid verġinali ta' Ġesù għandu tifsira tassew importanti u speċjali fl-Iżlam u hu kkunsidrat bħala "l-akbar miraklu t'Alla". F'kapitlu 66, li jismu *At-Tahrim*, il-Koran jgħid li l-Madonna baqgħet "safja" waqt li Alla ħalla tissawwar ħajja fil-ġuf ta' Maryam. Ir-rakkont tat-twelid ta' Ġesù minn Marija hu wieħed wisq differenti mir-rakkonti evanġeliċi.

Il-Koran jgħid li meta Maryam ħasset l-ewwel uġigħ tal-ħlas, kienet tinsab ħdejn siġra tat-tamal. Maryam semgħet mill-madwar leħen misterjuż li qalilha: "Ifraħ! Il-Mulej għaniek b'nixxiegħa ilma taħtek. Ċaqlaq lejk iz-zokk tal-palma: minnha jinżel tamal misjur fuqek." Għalhekk f'ħin it-twettiq tal-ħlas Maryam kellha madwarha l-ilma bħala xorb u iġene, u t-tamal bħala ikel. Hemmhekk, taħt il-palma, Maryam wildet lil binha Ġesù, il-profeta (skont il-Koran). Taħt dik is-siġra Maryam ħalfet li dakinhar ma tkellem lil ebda raġel. Alla kien se jagħmel miraklu kbir: Ġesù, għalkemm tarbija fin-nieqa, kien se jitkellem. Il-Koran ikompli jirrakkonta li Maryam ħadet lil binha tarbija ġewwa t-tempju ta' Ġerusalemm. Kulħadd, barra Żakkarija, li emmen fit-twelid verġinali, beda jizzika lil Maryam kif qatt setgħet tiled tarbija u fl-istess ħin ma kinitx miżżewġa. Għal dawn l-insulti kollha tan-nies tat-tempju Maryam ħarset lejn il-Bambin. Dak il-ħin, dejjem skont il-Koran, binha, għalkemm tarbija, beda jitkellem mill-benniena u għall-ewwel darba tkellem fuq il-profezija tiegħu. "Hi ġabitu (lil Ġesù) fi ħdanha, quddiem niesha. Huma qalulha, 'Maryam, żgur li għamilt xi ħaġa mhux xierqa. Ja oħt Aaron, missierek ma kienx bniedem ħażin. Ommok ukoll ma kinitx mara taż-żina.'"

Tajjeb hawnhekk nagħmlu daqsxejn ta' parentesi fuq in-nuqqas tal-preżenza ta' San Ġużepp. Fl-evanġelji nsibu li Ġużeppi sieħeb lill-Madonna waqt it-twelid ta' Ġesù. Imma fil-Koran il-preżenza ta' Ġużeppi ma tissemma mkien.

**Il-Musulmani ma jemmnux fil-Maternità Divina tal-Madonna**

Il-punt kruċjali ta' differenza bejn il-Kristjani u l-Musulmani huwa l-ewwel domma ta' fidi fl-istorja tal-Knisja dwar il-Madonna, dikjarata uffiċjalment mill-Knisja bħala 't-Teotokos', il-Madonna bħala Omm Alla. Il-Musulmani jemmnu fit-tliet persuni tat-Trinità Qaddisa, il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu. Id-differenza bejn il-Kristjani u l-Musulmani hi li dawn tal-aħħar ma jemmnux fl-għaqda perfettament essenzjali u sħiħa, li dawn il-persuni distinti jingħaqdu f'Alla wieħed. L-Iżlam jiċħad l-għaqda tat-Trinità Qaddisa. L-Iżlam, waqt li jagħraf il-qdusija perfetta kemm ta' Kristu kif ukoll ta' Maryam, ma jaċċettax li Kristu hu l-Iben t'Alla. Għalhekk jiċħad li Maryam hi Omm Alla. L-Iżlam jiċħad l-inkarnazzjoni. L-Iżlam jiċħad li Kristu kellu żewġ naturi u żewġ ridiet, dik divina u dik umana, u li dawn iż-żewġ naturi huma perfettament magħquda fi Kristu. Għall-Iżlam Kristu hu biss "it-tifel qaddis ta' Maryam" u l-profeta.

**It-Tlugħ fis-Sema ta' Maryam**

Il-Koran ma jitkellimx dwar il-ħajja aħħarija tal-Madonna. Il-Koran ukoll ma jitkellimx dwar it-tlugħ tagħha fis-sema bir-ruħ u bil-ġisem, u għalhekk ġisimha ma kienx suġġett għat-taħsir tal-art. Imma ħafna studjużi Iżlamiċi, fosthom Martin Lings, iżommu li l-Assunzjoni ta' Maryam kienet ġrajja li seħħet tassew fil-ħajja tal-Madonna. Dan skont it-tradizzjoni Iżlamika. Tradizzjoni oħra Iżlamika li nsibu f'letteratura Iżlamika tgħid li Maryam marret għal xi żmien Ruma flimkien ma' żewġ 'dixxipli' ta' Ġesù, Ġwanni u Ġuda Taddew, meta Neruni kien imperatur ta' Ruma. Hawnhekk insibu xebh fejn tidħol id-domma tal-Assunzjoni. L-Assunzjoni tal-Madonna ma tissemma mkien fl-Evanġelji. Id-domma tal-Assunzjoni hi marbuta mat-tmemmin appostoliku mgħoddi lilna permezz tat-tradizzjoni. Fiż-żewġ reliġjonijiet l-Assunzjoni hi konsegwenza teoloġika tal-Immakulata. Maryam kien jixirqilha l-Assunzjoni għax twieldet safja u pura bla ebda tebgħa tad-dnub.

**Titoli Mogħtija lil Maryam**

Aħna l-Kattoliċi għandna devozzjoni ferm sabiħa biex infaħħru lill-Madonna. Din hi l-Litanija Lawritana. F'din il-litanija nagħtu titli tassew sbieħ li jixirqu lill-Madonna. L-Iżlam ukoll jagħti titli sbieħ ħafna lill-Madonna, li huwa xieraq li ndommuhom hawnhekk fl-artiklu tagħna.

L-Iżlam iħares lejn il-Madonna bħala l-mara l-aktar qaddisa, u xi wħud iqisuha saħansitra bħala profetessa.

Maryam hi Qanitah, il-mara li rabtet għalkollox ir-rieda tagħha mar-rieda t'Alla. Hi l-mara tat-talb.

Maryam hi xempju tal-vokazzjoni tal-familja. Maryam turi lin-nisa kemm għandhom ikunu ferħana fil-vokazzjoni domestika u familjari, għax Marija għexet il-ħajja tal-familja.

Maryam hi Siddiqah, il-mara li emmnet b'qalb l-iżjed kbira.

Maryam hi Sajidah, il-mara li tbaxxi wiċċha 'l isfel sal-art quddiem il-Mulej. Il-mod kif il-Musulmani jitolbu hu ġej minn din it-tradizzjoni.

Maryam hi Rakiah, mara li tbaxxi 'l isfel waqt li tadura 'l Alla, mod ieħor kif jitolbu l-Musulmani li hu ġej ukoll minn din it-tradizzjoni Marjana.

Maryam hi Tahirah, il-mara li Alla saffieha u ppurifikaha.

Maryam hi Mustafia, il-mara mażgħula minn fost in-nisa kollha tad-dinja.

Maryam hi Saimah, il-mara tas-sawm. Skont it-tradizzjoni Musulmana l-Madonna kienet issum nofs is-sena kollha.

**Id-Difna ta' Maryam**

Il-Madonna kienet midfuna f'qabar li jinsab fil-Wied ta' Kedron, imwennes mill-Muntanja taż-Żebbuġ f'Ġerusalemm. Il-knisja mibnija fuq il-qabar tal-Madonna tkissret ħafna drabi u min jaf kemm-il darba. Imma l-kripta taħt il-knisja li għal tlett ijiem laqgħet il-ġisem safi tal-Madonna baqgħet bla mittiefsa. Illum il-kustodja ta' dan l-imkien qaddis hi f'idejn il-Griegi Ortodossi ta' Ġerusalemm u l-Knisja Armena. F'dan l-imkien inbena ukoll *mihrab* biex il-pellegrini Iżlamiċi jitolbu fih. Dan l-imkien hu post li jżuruh ħafna u ħafna pellegrini Musulmani.

**Moskea Dedikata lil Maryam**

Hawnhekk tajjeb insemmu xi moskej li huma ddedikati lil Maryam madwar id-dinja. Ġewwa Victoria, l-Awstralja hemm il-moskea ddedikata lil Maryam, omm Ġesù. Ġewwa Chicago insibu l-Moskea Maryam. Ġewwa Berkeley, il-Kanada nsibu moskea ddedikata lill-Qalb ta' Maryam. Fl-Emirati Għarab Magħquda hemm moskea ddedikata lil Maryam, Omm Ġesù waqt li f'Malta l-moskea ta' Raħal Ġdid hi ddedikata lill-Verġni Maryam.

**Valuri Musulmani Tajbin**

Naħseb li wara li qrajtu din il-kitba tistgħu tindunaw kemm l-Iżlam jista' jwassal valuri tassew sbieħ li huma wkoll valuri Nsara. Hi sfortuna li ħafna Musulmani, bil-ħidma vjolenti tagħhom, qed jorbtu r-reliġjon Musulmana mal-vjolenza u l-qerda, li fid-dinja qed tnissel tant weġgħat u tbatija. Hi vjolenza mimlija krib ta' eluf ta' nies innoċenti u li m'għandhom x'jaqsmu xejn max-xena politika. Dan kollu hu ġej mill-fundamentalisti li sfortunatament jinqdew bir-reliġjon biex jaħtfu l-poter. Ħafna Musulmani fundamentalisti jħaddnu t-teorija ta' għajn b'għajn, sinna b'sinna, li hi teorija vendikattiva u ta' tpattija. Biss, fir-reliġjon

Musulmana hemm ukoll movimenti pożittivi li jħaddnu valuri pożittivi. Fost dawn insibu l-imħabba lejn il-Madonna, il-valur tal-penitenza u s-sawm biex ikollna lġiem fuq il-ġisem, l-aġar jew karità lil min hu fil-ħtieġa, il-valuri tal-imħabba fil-familja, l-imħabba għall-ulied u l-fedeltà fiż-żwieġ. Imbagħad il-Musulmani kollha jemmnu fl-imħabba u r-rispett li għandu jkollna f'qalbna u fi lsienna lejn l-isem t'Alla u tal-Madonna. L-imħabba lejn l-isem t'Alla, ta' Ġesù u tal-Madonna hi xi ħaġa fenomenali kif inhi mxettla fil-qlub tal-Musulmani. Il-Musulmani ma jidgħux. Mhux talli ma jidgħux, imma jfaħħru 'l Alla b'ġakulatorji sbieħ fuq Alla li jdommuhom ħafna drabi kuljum. Ma nafx jekk qattx rajtu l-kuruna Musulmana. Bħalna jħobbu jdendluha fil-karozzi. Din il-kuruna tissensel minn 99 żibġa, u ma' kull żibġa li jdommu jgħidu ġakulatorja sabiħa dwar Alla. L-għadd 100 hu għadd qaddis li hu t'Alla biss; għalhekk 99. Nittama li aħna l-Insara nitgħallmu minn din l-imħabba hekk kbira li biha l-Musulmani jħobbu l-valuri sbieħ li diġà semmejt.

**Kultura Misħuta tad-Dagħa f'Pajjiżna**

Għalina l-Maltin il-Madonna għandha post speċjali f'ħajjitna. Almenu dan jidher mad-daqqa t'għajn. Kemm għandna parroċċi ddedikati lill-Madonna! Kemm kappelli ddedikati lill-Madonna! Kemm għandna statwi tal-Madonna f'niċeċ fit-toroq tagħna! Dun Karm, il-poeta nazzjonali tagħna, jgħid: "Tidħaq xbihatek fil-knejjes tagħna!" Kemm kuruni naraw imdendlin fil-karozzi tagħna biex il-Madonna tħarisna waqt li nkunu qed insuqu! Kemm hawn irġiel u nisa li jġorru isem il-Madonna! Miriam, Maria, Mario, Karmena, Dolores u ħafna u ħafna oħrajn! Kemm norganizzaw purċissjonijiet bil-vari tal-Madonna! Dik il-ġilwa tad-Duluri hi l-akbar waħda. Kemm nagħmlu festi lill-Madonna, ħafna minnhom festi titular u oħrajn sekondarji! Bombi, murtali, murtaletti, marċi u x'naf jien. Dan huwa kollu tajjeb u qaddis. Imma fejn jidħol ilsienna? Ilsien il-Malti kattiv wisq, kemm lejn il-proxxmu tiegħu u kemm lejn l-isem qaddis t'Alla u tal-Madonna! Il-vizzju tad-dagħa fi lsienna hu tassew fenomenu li jweġġa', li jbikki u li jwerwer. Hu vizzju bla ebda ħniena u mistħija. Biex ma nidgħux bil-Madonna? Naslu biex dik li hi mimlija bil-grazzja, safja u bla ebda tebgħa nsejħulha 'qaħba'! U dan mhux meta nkunu mimlijin tensjoni u forsi mitlufin mir-raġuni tagħna. M'iniex niġġustifika d-dagħa f'din il-qagħda, għaliex f'dawn il-qagħdiet nidgħu għax qalbna hi mħassra u korrotta. F'ħinijiet ibsin għandna nitolbu l-għajnuna t'Alla u mhux nidgħu! Imma b'xi mod tagħder u tiskuża. Imma l-Malti jidgħi b'kull titlu tal-Madonna fil-lingwaġġ tiegħu ta' kuljum, waqtiet biex jitkessaħ u juri li hu xi ħaġa!

**Maltin, nixbhu lill-Musulmani u ma nidgħux aktar. Ejjew nieqfu mid-dagħa biex nuru li tassew inħobbu 'l Alla u dak kollu li hu qaddis.**


**Referenzi:**

tliet artikli elettroniċi:

*Mary in Islam* – Wikipedia

*Islam and the Virgin Mary*

*Six Facts about the Virgin Mary found in the Quran*

# Il-Qisien Bażiċi fit-Tempji Neolitiċi Maltin



Kitba ta' Mario Vassallo

**Daħla**

Wara ħafna żjarat fit-tempji Neolitiċi Maltin beda jirriżulta li kien hemm ċerta konnessjoni bejn dawn u tlugħ ix-xemx fix-xitwa. Fost it-tempji li jħarsu lejn ix-Xlokk, prinċipalment fosthom Ta' Ħaġrat u Skorba fl-Imġarr, il-Ġgantija fix-Xagħra, Għawdex u Ħaġar Qim u l-Imnajdra fil-Qrendi, kollha jgawdu mill-ewwel raġġi ta' tlugħ ix-xemx fix-xitwa. Infatti l-ewwel raġġi jidħlu mill-bieb ewlieni u jdawlu l-artal imwaqqaf fuq ix-xellug tal-passaġġ ċentrali tat-tempju. Iktar ma x-xemx titla' 'l fuq iktar id-dawl idur lejn il-passaġġ ċentrali, li f'ċertu punt jidħol it-tul kollu tiegħu. Fi ftit minuti x-xemx tasal bi dritt il-passaġġ ċentrali. F'dan il-punt id-dawl tagħha jasal sa nofs it-tempju. Iktar ma jgħaddi l-ħin u x-xemx togħla fis-sema d-dawl fit-tempju iktar jiqsar, sakemm jasal sal-bieb ewlieni biss.

Meta tesperjenza dawn l-affarijiet bilfors ikollok tistaqsi jekk it-tqassim fil-pjanta tat-tempju kienx influwenzat mill-moviment tax-xemx. Għalkemm dan seta' kien il-każ f'dawn iċ-ċirkustanzi, però mill-ewwel tqum il-kurżità dwar x'kellhom f'idejhom dawn in-nies biex ippjantaw u bnew il-kumplament tat-tempji li ma jħarsux lejn ix-Xlokk. Barra minn hekk, iktar ma taħseb dwar dawn il-binjiet maestużi iktar jibdew iqumu kurżitajiet dwar fejn seta' kien il-bidu ta' kull struttura.

**L-Ewwel Ġebla**

Fl-artiklu tiegħu *The Construction of the Megalithic Temples* il-Perit Dr Alex Torpiano fisser x'teknika ta' bini setgħet intużat biex jitwaqqfu dawn l-istrutturi megalitiċi. Hu wasal għall-konklużjoni li l-partijiet ċentrali tat-tempju kienu l-ewwel li twaqqfu. Dawn kienu msawrin minn megaliti b'saħħithom biżżejjed biex jifilħu l-pressjoni kkaġunata mill-bini tal-apsidi. Dawn fil-forma ta' ħnejja mimduda joħolqu pressjoni fuq il-partijiet ċentrali iktar ma jogħlew 'il fuq. Biex jilqgħu għal din il-pressjoni laterali l-bennejja kienu l-ewwel iqiegħdu l-għetiebi tal-art, li fil-ġenb kien ikollhom il-post biex fihom toqgħod il-ġebla l-wieqfa tal-bieb. B'hekk il-bieb ewlieni kien jiġi ffurmat qisu kaxxa bil-megaliti weqfin miżmumin f'posthom fil-għatba waqt li fuq miżmumin mill-blata tal-bieb.[1]

Fl-istess żmien anke jien kont wasalt għall-konklużjoni li kien il-bieb ewlieni li kellu jinbena l-ewwel. Dan minħabba li jrid ikollok indikatur ta' direzzjoni wiesa' u għoli biex minnu jgħaddi r-raġġ tad-dawl u mbagħad tfassal il-kumplament tal-pjanta skont kif jgħaddi u jimxi d-dawl minn dan l-indikatur.

Wara ħafna osservazzjonijiet beda jiġi nnotat li l-faċċata għat-tond tat-tempju kienet imwaqqfa ftit irtirata mill-bieb ewlieni. Dan ifisser li l-bieb ewlieni kien jaqbeż ftit 'il barra mill-kumplament tal-faċċata. Dan l-aspett kien jidher ukoll fil-mudell tridimensjonali li kien instab f'Ta' Ħaġrat u anke fi framment minn mudell li juri faċċata ta' tempju. Tgħid dan

sar biex juri l-maestożità tal-bieb ewlieni li x'aktarx kien l-ewwel parti li nbniet? U x'qisien setgħu ntużaw?

**Il-Bieb Ewlieni**

Bil-fehma li dawn il-bennejja tat-tempji kellhom xi forma ta' qisien u li t-twaqqif ta' dawn il-binjiet ma sarx bl-addoċċ, bdejt nagħmel l-investigazzjoni meħtieġa. Fost dawn, immirati fuq il-bieb ewlieni, kien hemm l-investigazzjoni dwar jekk it-tliet megaliti li jiffurmawh humiex indaqs. Dan ma kienx il-każ. Anke jekk l-għoli tal-bieb kienx daqs il-wisa' tal-bieb, inkluż il-wisa' tal-ġebel li jiffurmawh. Dan ukoll irriżulta fin-negattiv.

Wara ħafna investigazzjoni fuq il-qisien tal-bieb beda jidher xaqq dawl. Instab li t-tul tal-bieb ewlieni kien daqs il-wisa' tiegħu, inkluż il-ġebel wieqaf tiegħu stess. Għal din ir-riċerka dan il-qies ġie msejjaħ *d-unit* (*doorway unit*) jew il-qies proporzjonali tal-bieb. Minn total ta' 22 tempju studjati, tlieta biss ma jsegwux dan il-qies proporzjonali *d-unit*.

Qies ieħor proporzjonali li nstab fil-bieb ewlieni ta' kull tempju studjat minbarra erbgħa kien li t-tul tal-bieb jew l-entratura tal-bieb tkun id-doppju tal-wisa' tal-entratura. Dan il-qies ġie msejjaħ *e-unit* (*entrance unit*). Ġie osservat li l-bibien tat-tempji jikkonsistu minn żewġ jew tliet pari ta' megaliti wieqfa wara xulxin. Mill-grupp ta' żewġ pari gie nnotat li kull ġebla wieqfa li tifforma l-bieb hija twila *e-unit* jew daqs il-wisa' tal-entratura. Dan jidher l-aktar ċar fit-tempji Ta' Ħaġrat u Ħaġar Qim.

S'issa rajna żewġ qisien li setgħu kienu jintużaw għall-ippjanar tal-bibien tat-tempji, jiġifieri l-wisa' u t-tul tagħhom. Jonqos qies ieħor importanti: l-għoli tal-bieb. Huwa importanti ħafna li wieħed iżomm f'moħħu li llum nagħmlu seba' jew tmien filati ta' ġebel qabel ma nagħmlu l-blata tal-bieb fid-djar tagħna. Però fit-tempji megalitiċi dan ma kienx il-każ, għax l-għoli tal-bieb hu kompost minn ġebla waħda. Dan ifisser li min qata' l-ġebla bilfors kellu xi qies partikulari ta' kemm kellha tkun għolja l-ġebla. Wara ħafna taħbil il-moħħ u qisien ġie nnotat li bħalma



Il-faċċata hija ftit irtirata mill-bieb ewlieni




Pjanta tal-bieb ta' Ħaġar Qim




Pjanta tal-bieb ta' Ħaġar Qim

l-faċċata tal-bieb, inkluż il-wisa' tal-ġebel weqfin, huwa daqs it-tul tal-entratura, *d-unit*, hekk instab li l-wisa' tal-bieb fit-tarf ta' ġewwa, inkluż il-ġebel weqfin, huwa l-istess qies tal-għoli tal-bieb. Dan il-qies ġie msejjaħ *h-unit* (*height unit*). Instab li t-tempji kollha li għandhom l-għoli tal-bieb mhux mittiefes jew imqaċċat isegwu dan il-qies. B'dawn it-tliet qisien bażiċi l-imgħallem tal-bennejja tat-tempji kien kapaċi jagħti l-qisien preċiżi tal-wisa', it-tul u l-għoli ta' kull megalita li tkun meħtieġa biex tifforma l-bieb ewlieni tat-tempju.



L-istess bieb kif jidher fil-pjanta u mill-ġenb

**Minn Wara l-Bieb 'il Ġewwa**

Wara t-twaqqif tal-bieb kien imiss li jitqiegħdu par megaliti fuq in-naħa ta' ġewwa tiegħu. Ħafna drabi dawn huma l-akbar li jinsabu fit-tempju. Instab li l-pożizzjoni tagħhom kienet ferm importanti għal żewġ raġunijiet. L-ewwel għax dawn kienu jipproteġu l-bieb ewlieni billi jieħdu fuqhom il-piżijiet maħluqin mill-bini tal-apsidi, kif rajna aktar qabel, u t-tieni raġuni hija li ġie nnotat li l-wisa' bejn dawn il-megaliti kien il-qies responsabbli mit-tqassim u l-ippjanar ta' kull tempju mill-bieb 'il ġewwa. F'dan l-istudju dan il-qies ingħata l-isem ta' *x-unit*. Ġie nnotat ukoll li matul iż-żminijiet li damu jinbnew it-tempji dan il-qies *x-unit* kien meħtieġ li jittawwal, bir-riżultat li bdiet tiddaħħal ġebla oħra, speċi ta' feles, bejn il-bieb u l-par megaliti, 'il ġewwa minnu. Mela kif diġà rajna l-bini tat-tempju kien jibda mill-bieb ewlieni bil-qisien proporzjonali fih innifsu u wara jitpoġġew dawk iż-żewġ megaliti li jistabbilixxu l-*x-unit*. Wara kien imiss li jiġi determinat it-tul tat-tempju minn ġewwa.



Pjanta ta' Ħaġar Qim. X-Unit hu l-wisa' bejn il-ġebel is-sofor.



It-tul tat-Tempju tal-Ġgantija hu twil 6 x-units.

B'sorpriża kbira mir-riċerka rriżulta li t-tul tat-tempju kien relatat mal-*x-unit*. It-tul minn ġewwa ta' kull tempju partikulari kien maħdum fuq l-*x-unit* ripetut tal-istess tempju. Hekk insibu li mill-għatba tal-bieb ewlieni sa ġewwa nett Ta' Ħaġrat huwa 6 *x-units* twil, Skorba 5 *x-units* filwaqt li Ħaġar Qim hu 7 *x-units*. Instab ukoll li l-*x-unit* kien responsabbli mit-tul bejn il-bieb ewlieni u l-bidu tal-apside ċentrali fil-każ tat-tempji bi tliet apsidi, jew inkella mill-bieb ewlieni sal-bieb ċentrali fit-tempji b'erba' apsidi. Ġie nnotat ukoll li t-tul tal-bieb ċentrali hu ta' *x-unit* u li minn hemm san-niċċa tal-faċċata hu ta' 2 *x-units* ukoll.




Ċirku b'radius x-unit seta' kien il-qies tal-apside tal-Ġgantija.

Instab ukoll li l-apsidi ta' kull tempju partikulari kienu ppjantati fuq l-*x-unit*. Ġie osservat li ċ-ċirkonferenza ta' ċirku bir-radius ta' *x-unit* seta' kien il-qies li fuqu ġew ippjantati l-apsidi. Dan ifisser li ikbar ma jkun l-*x-unit* ikbar tkun l-apsida, u allura iktar wisa' fit-tempju.

**Konklużjoni**

Dan l-istudju wera biċ-ċar li kien hemm ħafna ħsieb ta' ppjantar biex inbnew it-tempji Neolitiċi Maltin. Irriżulta wkoll li fil-maġġoranza tal-binjiet kienu jintużaw qisien proporzjonali. Hekk *d-unit* kien regola li l-faċċata tal-bieb ewlieni, inkluż il-ħxuna tal-megaliti, kien daqs it-tul jew l-entratura tal-istess bieb. Qies ieħor, *e-unit*, kien regola li t-tul tal-entratura tal-bieb ewlieni kellu jkun id-doppju tal-wisa' tal-istess entratura. L-għoli tal-bieb u l-wisa' tal-bieb fit-tarf ta' ġewwa, inkluż il-ħxuna tal-ġebel, kellhom ikunu ndaqs. Dan kien il-qies regola *h-unit*. Min-naħa l-oħra l-wisa' ta' bejn l-ewwel par megaliti wara l-bieb ewlieni, hawnhekk imsejjaħ *x-unit*, kien il-qies użat biex jiġu ppjantati u mqassmin il-partijiet differenti ta' kull tempju mill-bieb 'il ġewwa.

Fid-dinja sempliċi ta' madwarhom u bi ħsieb preċiż ta' x'riedu jagħmlu, il-bennejja tat-tempji kulma kellhom bżonn kien erba' biċċiet ħabel jew zkuk jew injam mhux itwal minn 4 metri, li bihom kienu jkejlu u jippjanaw dawk il-binjiet monumentali li kellhom jibqgħu weqfin għal eluf ta' snin.

© Mario Vassallo, 2018

**Referenzi**

[1] Torpiano A. (2004) The Construction of th Megalithic Temples, fil-ktieb Malta Before History, Miranda Publishers, pg 346 - 365.

Ħajr lil Frederick Muscat għax-xogħol tal-grafika.



# Riflessjonijiet



Kitba ta' Fr. Brian Gialanzè

Kien hemm tfajla, għamja, li minħabba l-kundizzjoni tagħha kellha rabja kbira għal kulħadd u għal kollox, ħlief għal ġuvni li ħa grazzja magħha. Hi kienet tgħidlu: **"Kieku nista' narak, inħobbok aktar."** Darba rċeviet telefonata mill-isptar u qalulha li kien hemm persuna anonima li offritilha għajnejha t-tnejn biex hi tkun tista' tara.

Tistgħu taħsbu kemm ferħet, marret tagħmel l-operazzjoni u ġiet tara! Issa ntebħet li l-għarus tagħha kien agħmi! Hi bdiet tiddejjaq li kull darba li tħares lejh, għajnejh kienu jkunu dejjem magħluqa, ma jħarisx lejha, u wriet ix-xewqa li titilqu.

Dan il-ġuvni għamel f'qalbu ħafna u qalilha: **"Ifhimni, ma nistax naqbdek minn għonqok u nżommok miegħi bilfors, imma meta tkun qed tħares, ftakar li tkun qed tara b'għajnejja!"** Għax dawk l-għajnejn kien tahomlha hu. Imbagħad hi apprezzat dan il-ġest u kif jgħidu, *they lived happily ever after*.

Id-don tad-dawl, kemm hu sabiħ! Staqsi lil min tilfu jew lil min qed jibża' li jitilfu! Nixtieq li nieħdu ftit mumenti, ftit sekondi ta' riflessjoni… idħol fik innifsek u staqsi: X'qed idallamli lil qalbi? X'inhu l-għama li hemm f'ħajti? Ftit ħin…

Kif jgħidu: l-akbar agħmi huwa dak li ma ridx jara, jew inkella li jara dak li jaqbel lilu. Lejn xiex qiegħed apposta nagħlaq għajnejja minnu? Jew apposta ma rridx narah? Hemm xi regħba, arroganza jew apatija f'ħajti? Qiegħed nagħlaq għajnejja għal dawk li huma mweġġgħa, li qed ibatu minn inġustizzji, mill-imwarrbin?

Aktar traġiku, id-dinja ma tridniex inħarsu lejn stampa tal-ultrasound ta' tarbija tiċċaqlaq f'ġuf ommha. Id-dinja tgħidilna biex nagħlqu għajnejna u neħilsu minn dawk li qed imutu bil-ġuħ jew fl-ibħra ta' madwarna. Id-dinja qed tgħidilna biex nagħlqu għajnejna u ma nagħtux kas ta' dawk li mhumiex importanti, bla valur… Injorahom!

Sidtna Marija, minkejja li għaddiet minn mumenti tad-dlam tal-inċertezzi, mill-biża' li r-raġel li kienet tħobb ma jagħrafx il-ħidma t'Alla fiha u jiċħadha, il-mument li tara lil binha jitwieled f'kundizzjoni li ma tixraqx lill-bnedmin, l-uġigħ li tara lil binha miċħud u mislub fuq salib għax wassal il-verità, qed tgħidilna biex naraw bl-għajnejn ta' binha Ġesù. Ġesù u Marija qegħdin qrib tiegħek, qed joffrulek għajnejhom stess biex tara minn għajnejhom stess u jagħtuk il-fejqan. Tibqax tinsisti u tgħix fl-għama tiegħek!

Nawguralkom mill-qalb festa mimlija ferħ u ħeġġa, u li dejjem nimxu fuq il-passi ta' Marija.

# Proprjetà Inkomuni



Kitba ta' Dr Sonia Consiglio
*LL.D – Konsulent Legali*

Komproprjetarju huwa dak li bil-lingwa Ingliża jissejjaħ 'co-owner', u għalhekk huwa dak l-individwu li jikkondividi proprjetà tal-istess ħaġa waħda, jew tal-istess jedd wieħed, ma' individwu jew individwi oħra b'mod indiviż. Naturalment il-persentaġġ li komproprjetarju jkun igawdi minn proprjetà komuni jista' jvarja skont il-ftehim jew iċ-ċirkostanzi, għalkemm fil-liġi hemm il-preżunzjoni li l-ishma tal-komproprjetarji jitqiesu ndaqs sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju.

Il-parti l-kbira tad-drabi l-komproprjetà tinħoloq b'żewġ modi: jew volontarjament, jiġifieri meta żewġ persuni jew aktar, minn jeddhom, jiddeċiedu li jixtru proprjetà flimkien, jew inkella b'neċessità, bħal fil-każ ta' meta l-proprjetà tintiret minn aktar minn werriet wieħed. Minkejja l-mod kif proprjetà tiġi inkomuni kull komproprjetarju jidħol fil-vantaġġi u fil-piżijiet tal-komunjoni, skont is-sehem tiegħu.

Irrispettivament minn kif il-proprjetà tiġi fil-pussess tal-komproprjetarji, matul iż-żmien li l-proprjetà tibqa' inkomuni jinqalgħu okkażjonijiet fejn ikun hemm bżonn li tittieħed xi forma jew oħra ta' deċiżjoni, però ma jkunx hemm qbil bejn il-komproprjetarji kollha. Il-biċċa l-kbira tad-drabi n-nuqqas ta' ftehim ikun dwar manutenzjoni tal-proprjetà, jew inkella f'dak li jirrigwarda l-bejgħ ta' din l-istess proprjetà, għaliex ikun hemm xi wieħed mill-komproprjetarji li jew ma jaqbilx mat-tali bejgħ inkella ma jkunx jista' jinstab għaliex ikun imsiefer.

F'sitwazzjonijiet fejn ikun hemm bżonn tiswija jew manutenzjoni tal-proprjetà miżmuma inkomuni, il-liġi tgħidlek li dejjem għandu jkun hemm il-kunsens tal-komproprjetarji kollha sabiex isiru x-xogħlijiet. Però fl-eventwalità li jkun hemm nuqqas ta' ftehim bejn il-komproprjetarji, il-Qorti għandha l-poter tagħti dawk l-ordnijiet meħtieġa sabiex tiġi amministrata u gawduta aħjar il-proprjetà, u tista' taħtar amministratur sabiex jamministra l-proprjetà, ukoll minn fost il-komproprjetarji nfushom, dejjem jekk dawk il-komproprjetarji li oriġinarjament ma jkunux qablu mad-deċiżjoni tal-oħrajn ma jurux li b'tali deċiżjoni huma jkunu se jbatu ħsara.

Jista' jagħti l-każ li jinħass il-bżonn li ċerti tiswijiet strutturali fil-proprjetà miżmuma inkomuni huma urġenti, u li jekk ma jsirux ikun hemm deterjorament ulterjuri fil-fond, tali li l-ispiża eventwali tkun ħafna akbar. Iżda għalkemm il-maġġoranza tal-komproprjetarji jkunu jaqblu li x-xogħlijiet għandhom isiru, ma jkunx hemm ftehim bejn kulħadd. F'sitwazzjonijiet fejn ix-xogħol ma jkunx jista' jistenna u għalhekk isir a spejjeż ta' ċerti komproprjetarji, il-Qrati Maltin jagħtu lil dawk il-komproprjetarji li jkunu għamlu l-ispejjeż il-possibilità li jitolbu lill-Qorti sabiex issib lil dawk il-komproprjetarji li ma jkunux ħarġu sehemhom responsabbli għall-ispejjeż tax-xogħlijiet ta' manutenzjoni u tordnalhom jirrifondu sehemhom lill-komproprjetarji li jkunu oriġinarjament ħallsu tali spejjeż.

Il-Qorti f'dawn il-każijiet tista' taħtar kemm espert tekniku kif ukoll espert legali, sabiex jagħmlu rapport u jagħtu l-konklużjonijiet tagħhom. Il-Qorti, wara li tixtarr dawn ir-rapporti u tevalwa l-provi, jekk issib li l-ispejjeż li saru ma kinux sempliċiment innovazzjonijiet introdotti biex jalteraw l-istat u l-konsistenza tal-partijiet komuni imma kienu spejjeż neċessarji u vantaġġjużi, tordna lil dawk li ma kinux ħallsu sehemhom sabiex jagħmlu dan. Għaldaqstant komproprjetarju jista' jġiegħel komproprjetarju ieħor sabiex iħallas is-sehem tiegħu tax-xogħol f'xi proprjetà li hija komuni, sakemm dawn ix-xogħlijiet kienu urġenti u meħtieġa.

L-iktar mod komuni sabiex wieħed jieqaf milli jkun fi stat komuni ma' persuni oħra huwa l-qsim. Il-qsim ta' proprjetà jista' jsir b'żewġ modi: jew billi l-proprjetà komuni tkun tista' tiġi komodament diviża, bħal meta eżempju għandek biċċa art imdaqqsa li faċilment tista' tinqasam f'porzjonijiet ta' qies raġonevoli daqskemm ikun hemm persuni inkomunjoni, inkella, jekk dan ma jkunx possibbli, għaliex eżempju tkun biċċa art żgħira jew dar, allura wieħed imbagħad jirrikorri għall-bejgħ.

Id-diviżjoni tal-proprjetà miżmuma inkomuni għalhekk hija punt ieħor kontenzjuż li jwassal għal-litigazzjoni quddiem il-Qrati Maltin. Il-komproprjetarji ġieli jkunu jridu jbigħu proprjetà komuni għaliex ma tkunx komodament diviżibbli u ma jkunux jistgħu jagħmlu dan għaliex ma jkunx hemm qbil dwar il-bejgħ mill-komproprjetarji kollha. B'riżultat ta' dan il-fatt, il-leġiżlatur fl-2004 ħass il-ħtieġa li jintroduċi dispożizzjonijiet fil-liġi sabiex jittratta l-istat kontinwu ta' komproprjetà ġejja minn suċċessjoni, u introduċa azzjoni eċċezzjonali quddiem il-Qrati Maltin li speċifikament tolqot tali diżgwid. B'dan il-mod il-leġiżlatur ħaffef il-proċess tal-qasma u ffaċilita l-bejgħ ta' tali proprjetà. Din id-deċiżjoni kienet intiża sabiex isservi ta' benefiċċju kemm għall-komproprjetarji kif ukoll għas-soċjetà inġenerali, għaliex ħafna drabi fejn ikun hemm nuqqas ta' ftehim il-proprjetà miżmuma inkomuni tkun mitluqa u bit-trapass taż-żmien tispiċċa fi stat perikoluż.

Fl-2004 din id-dispożizzjoni kienet tolqot proprjetà miżmuma inkomuni għal aktar minn għaxar snin u fejn l-ebda azzjoni ġudizzjarja ma tkun inbdiet quddiem xi qorti jew tribunal għall-qasma tagħha. Dan il-perjodu mbagħad ġie mnaqqas għal tliet snin fl-2016. Għalhekk, illum il-ġurnata, il-Qorti tista' tordna l-bejgħ ta' proprjetà miżmuma inkomuni għal minn tal-inqas tliet snin mill-ftuħ tas-suċċessjoni, li ma tkunx tista' tinbiegħ minħabba nuqqas ta' ftehim bejn il-komproprjetarji. Dan il-Qorti tagħmlu jekk tkun sodisfatta li ħadd mill-komproprjetarji li ma jkunx qabel mal-bejgħ ma jkun gravament preġudikat.

Illi għalhekk il-kundizzjonijiet li jistgħu jagħtu lok għal din l-azzjoni huma li: il-komunjoni tal-proprjetà għal tliet snin jew aktar tkun bejn il-komproprjetarji kollha; ma tkunx diġà ġiet istitwita xi azzjoni għall-qsim tal-proprjetà miżmuma inkomuni; ikun hemm nuqqas ta' ftehim dwar il-bejgħ tal-proprjetà partikolari bejn il-komproprjetarji kollha; ikun hemm ir-rieda għall-bejgħ tal-maġġoranza tal-komproprjetarji u li l-minoranza tal-komproprjetarji li qegħdin joġġezzjonaw ma jkunux preġudikati.

Meta l-bejgħ ma jkunx jista' jsir minħabba li xi komproprjetarji jkunu assenti jew ma jkunux jistgħu jinstabu, il-komproprjetarji li jkunu bdew l-azzjoni quddiem il-Qorti għall-bejgħ jagħmlu talba sabiex jinħatru kuraturi deputati li jirrappreżentaw lil dawk assenti. Xogħol dawn il-kuraturi jkun sabiex jippruvaw jagħmlu kuntatt mal-persuni li jkunu nieqsa, u sabiex ukoll jissalvagwardjaw l-interessi ta' dawk assenti. Meta l-Qorti, wara li tkun evalwat il-provi miġjuba u tkun rat li l-kundizzjonijiet imposti bil-liġi jkunu ġew sodisfatti, tawtorizza l-bejgħ, tinnomina nutar sabiex jippubblika l-kuntratt u tiffissa data sabiex isir

dan kollu. Kjarament il-kuraturi deputati mbagħad jidhru fuq il-kuntratt imsemmi flok u fl-interess ta' dawk assenti.

Il-liġi ma tinneċessitax li jkun hemm diġà konvenju meta tiġi istitwita l-azzjoni għall-bejgħ, però jekk ikun hemm, il-Qorti tara jekk il-prezz miftiehem fuq il-konvenju huwiex ġust meta mqabbel ma' dak ta' proprjetajiet oħra simili fl-akkwati ta' fejn tkun sitwata l-proprjetà. Dan ġeneralment isir wara li perit tekniku jagħmel valwazzjoni tal-proprjetà msemmija. Jekk il-Qorti tara li l-valur fuq il-konvenju huwa reali, hija imbagħad tasal biex tawtorizza l-bejgħ. Hawnhekk joħroġ ċar kemm din l-azzjoni hija intiża sabiex ma jintilifx ċans ta' bejgħ vantaġġjuż a skapitu ta' xi wieħed mill-komproprjetarji li jkun qiegħed joġġezzjona għall-bejgħ.

Ħadd ma jista' jkun imġiegħel jibqa' fil-komunjoni. Kull wieħed mill-komproprjetarji jista' dejjem, għad li jkun hemm ftehim xorta oħra, jitlob il-qasma, kemm-il darba ma jkunx hemm b'testment li din il-qasma m'għandhiex issir. Għaldaqstant meta xi wieħed jew aktar mill-komproprjetarji ma jkunx irid jibqa' aktar fi stat ta' komunjoni mal-komproprjetarji l-oħra, u l-proprjetà ma tkunx komodament diviżibbli skont ir-rispettivi kwoti tagħhom, jew ħadd mill-partijiet ma jkun jista' jew irid jieħu sehem l-oħrajn, inkella ma tkunx tista' ssir tpattija b'beni oħra inkomuni ta' xorta differenti iżda tal-istess valur, kull komproprjetarju, ikun kemm ikun sehmu fil-ħaġa, jista' jagħmel talba lill-Qorti sabiex dik il-proprjetà tiġi mibjugħa b'liċitazzjoni.

Liċitazzjoni hija simili għall-bejgħ bl-irkant. Meta jkun hemm qbil bejn il-komproprjetarji kollha għall-bejgh b'liċitazzjoni, ma hija meħtiega l-ebda formalità, u tista' ssir bil-mezz li l-komproprjetarji jiftiehmu. Illi għalhekk jekk il-parteċipanti kollha huma kapaċi, preżenti u disposti, jistgħu jwettqu l-liċitazzjoni permezz ta' kwalunkwe persuna maħtura minnhom mingħajr l-intervent tal-awtorità ġudizzjarja u jistgħu jipproċedu bi kwalunkwe mod li jidhrilhom xieraq. F'dan il-każ però ma jitqiesx li jkun hemm bejgħ sakemm l-ogħla offerta ma tkunx ġiet aċċettata mill-komproprjetarji kollha. Meta mill-banda l-oħra ma jkunx hemm qbil għall-bejgħ b'liċitazzjoni bejn il-komproprjetarji kollha, l-għażla ta' liema proċedura għandha tiġi segwita hija mħollija f'idejn il-Qorti, fejn ġeneralment il-Qorti tiġi mitluba wkoll tawtorizza li l-barranin jiġu mistiedna biex joffru fil-bejgħ. Il-liċitazzjoni taħt is-setgħa tal-Qorti ssir bħala bejgħ fl-irkant bil-Qorti.

Jidher ċar mid-dispożizzjonijiet tal-liġi li l-leġiżlatur ried jiffaċilita l-bejgħ ta' proprjetajiet li, ġieli minħabba nuqqas ta' komunikazzjoni bejn dawk kollha interessati, ġieli b'pika, ġieli frott ta' nuqqas ta' interess, b'mod partikolari fejn kwota tkun żgħira ħafna, u ġieli wkoll minħabba ċirkostanzi partikolari, frott ta' mewt jew emigrazzjoni ta' xi wħud mill-komproprjetarji jew dixxendenti tagħhom, jitħallew fi stat ta' abbandun.

Illi madanakollu l-interessi tal-komproprjetarji minoritarji, aktar u aktar meta jkunu assenti, ma jiġix skartat, għaliex il-Qrati huma tenuti jieħdu l-interessi tal-minorità inkonsiderazzjoni. Però mill-banda l-oħra l-Qorti tieħu kont ukoll tal-interessi ta' dawk il-komproprjetarji li huma f'maġġoranza, għaliex iż-żmien li l-proprjetà tkun ilha f'komproprjetà ħafna drabi jissarraf f'telf materjali għall-komproprjetarji kollha.





# Id-Drawwa tas-Seba' Santa Marijiet

Kitba ta' Greg Caruana

Id-devozzjoni lejn il-Madonna ilha mifruxa fil-gżejjer Maltin sa mill-qedem. M'hemmx għalfejn nidħlu fid-dettall biex infakkru kemm hemm knejjes u kappelli ddedikati lilha. Mhux biss bl-isem tal-Assunta, jew kif inħobbu nsejħulha aħna Santa Marija, imma b'diversi titli oħra, bħal pereżempju tal-Karmnu, ta' Fatima, il-Bambina, id-Duluri, il-Kunċizzjoni, l-Annunzjata, ta' Lourdes, ta' Pompei, Stella Maris, ta' Luretu, taċ-Ċintura, tal-Ġilju u diversi oħrajn.

Iżda bla dubju ta' xejn dak ta' Santa Marija jiddomina tista' tgħid il-paesaġġ kollu Malti. Il-festa tal-Assunta fl-imgħoddi kienet waħda minn dawk il-festi kalendarji tal-Knisja li missirijietna kienu jużaw flok l-ismijiet tax-xhur. Peress li fi żmien l-antenati tagħna ftit li xejn kien hemm edukazzjoni, huma kienu jużaw il-festi tal-Knisja, bħall-Milied, il-Ġimgħa l-Kbira, il-Vitorja, l-Imnarja, tal-Grazzja, il-Kunċizzjoni; San Ġużepp u oħrajn għall-kuntratti jew l-attivitajiet importanti li kien ikollhom.

Nhar Santa Marija kien jum li fih jiftiehmu li jħallsu l-qbiela jew xi ħlas ieħor, kif tabilħaqq jgħid il-qawl Malti: "**Santa Marija f'nofs Awwissu u kulħadd jieħu dak li jmissu.**" Nafu li f'Santa Marija l-bdiewa kienu jħallsu l-qbiela tar-raba' jew l-irziezet tagħhom.

Billi d-devozzjoni lejn il-Madonna kienet mifruxa ħafna f'diversi parroċċi ddedikati lil Santa Marija, huma jinsabu fi rħula ħdejn xulxin. Fosthom hemm li huma qrib ħafna u oħrajn ftit aktar



L-istatwa titulari ta' Santa Marija tal-Imġarr li waslet f'raħalna fl-1922



Il-vara ta' Santa Marija ta' Ħal Għaxaq

imbiegħda. Din is-sitwazzjoni ħajret lil xi wħud biex iżuru lil dawn il-knejjes ta' Santa Marija tal-qrib, u xi drabi iktar minn waħda.

Minn hawn jingħad li ħarġet id-drawwa tas-seba' Santa Marijiet. Huma kienu jagħmlu seba' visti li jfakkruhom fis-seba' ferħiet u duluri ta' Marija. Fit-temp sabiħ ta' Awwissu bosta kienu jitħajru biex jagħmlu dan il-vjaġġ devozzjonali, imma billi kienet tkun is-sħana dawn il-visti kienu jibdew kif tibda tbatti x-xemx. Hawn kienu jiltaqgħu d-devoti kollha tar-raħal li jifilħu jimxu u jagħmlu din il-mixja flimkien. Nieħdu bħala eżempju r-raħal tal-Imġarr ta' Malta, li jagħmlu l-festa tagħhom Ħadd fuq l-Għid tal-Assunta. Nafu li niesu kienu jagħmlu dawn il-visti tas-seba' Santa Marijiet, u huma kienu jiltaqgħu fuq iz-zuntier lejlet il-festa wara nżul ix-xemx u jibdew mexjin u jgħidu r-rużarju, ġeneralment l-irġiel quddiem u n-nisa wara, u kultant xi ħadd li jkun ma jiflaħx jimxi biex imur magħhom kien ikollhom karettun żgħir bil-ħmara, fejn jirkbu dawn l-anzjani jew dawk li għal xi raġuni ma kinux jifilħu jimxu. Allura dawn l-imberkin ma kinux jitilfu din l-okkażjoni.

Mill-Imġarr kienu jmorru Ħad-Dingli, fejn kienu jieqfu jitolbu u wara jimxu għal xi tliet sigħat biex jaslu l-Qrendi, fejn sa dak il-ħin il-knisja kienet tkun magħluqa imma huma xorta kienu jieqfu jitolbu wara l-bieb tal-knisja, u minn hemm imorru l-Imqabba, il-Gudja u Ħal Għaxaq. Wara dawn l-irħula kien ikun hemm biċċa triq twila ġmielha li twassalhom Ħ'Attard u minn hemm jiġbdu lejn il-Mosta, fejn jaslu għas-sebħ tal-ġurnata u jisimgħu l-quddies u joqogħdu jistrieħu, u wara jerħulha lura lejn l-Imġarr. Niftakar meta konna ġuvintur fis-sittinijiet konna nikru karozza u nduru dawn il-knejjes fil-ġurnata tal-festa filgħodu. Imma llum f'jum il-festa jkun hemm il-marċ ta' filgħodu u l-ġuvintur u t-tfajliet imorru għall-marċ mhux jinvistaw is-seba' Santa Marijiet. Tkun ħaġa sabiħa li kieku xi żgħażagħ jorganizzaw dawn l-ispeċi ta' visti, ħalli din t-tradizzjoni antika ma tintilifx għal dejjem.



# Meta ma tkunx mill-Imġarr imma tħossok Imġarri



Joseph Mintoff

Kont ili bix-xewqa li nikteb f'dan il-ktieb li l-Banda Marija Mtellgħa s-Sema toħroġ fl-okkażjoni tal-festa tar-raħal tal-Imġarr. Urejt din ix-xewqa lis-Segretarju Joseph Caruana u aċċetta din it-talba tiegħi.

Issa ili noqgħod l-Imġarr disa' snin. Flimkien mal-familja ġejna hawn f'Settembru tal-2009. Minn dakinhar iż-żewġt itfal iżżewġu u marru joqogħdu fi rħula oħra u qed itellgħu l-familja tagħhom, għalkemm irrid ngħid li t-tifla, minħabba l-professjoni tagħha ta' tabib tal-familja, baqgħet marbuta ħafna mal-Imġarr.

Minn dejjem kont dilettant tal-festa, kemm dik ta' barra kif ukoll dak li jsir ġewwa l-knisja. Twelidt il-Kalkara minn familja dilettanta tal-festa u partitarja tal-Każin Circolo San Giuseppe Filarmonika Sagra Familja. Propju s-sede tas-Soċjetà qiegħda eżatt faċċata ta' fejn twelidt u għext għal sitta u għoxrin sena. Ta' din is-Soċjetà jien nokkupa l-kariga ta' segretarju, kariga li tirrikjedi ħafna xogħol u responsabbiltà, fejn il-każin, apparti l-banda, huwa wkoll responsabbli mill-armar ta' barra u n-nar ukoll. Peress li fil-Kalkara hemm żewġ każini tal-banda u festa waħda, f'ġieħ missierna San Ġużepp, allura dan ifisser aktar responsabbiltà. Barra minn hekk, l-Imġarr u l-Kalkara huma bogħod minn xulxin. Irrid naqsam Malta mill-anqas tliet darbiet fil-ġimgħa matul is-sena u ma nafx kemm-il darba nitla' u ninżel meta toqrob u fil-ġranet tal-festa. Imma lil San Ġużepp ma niċħdu qatt u nagħmel dak li niflaħ f'ġieħu.

Malli ġejt l-Imġarr armajt biċċa lasta ta' tnax-il pied fuq il-bejt ta' wara, għamilt festun tad-dawl u kelli sinjal ta' festa. Wara ftit għamilt arblu ta' tletin pied u bdejt intella' l-bnadar u festun akbar. In-naħa ta' fejn noqgħod jien hawn xi dilettanti, għalkemm biex inkun onest ma nafhomx u qatt ma tkellimna. Il-kuntatt tiegħi ma' dilettant tal-festa fl-Imġarr beda parmezz ta' Ivor Germani, li ġie joqgħod ħdejja u beda jarma l-bejt tiegħu għal żmien il-festa. Ma' tal-banda, ikolli nammetti, bdejt fuq nota ħażina. Niftakar li għall-festa ta' xi snin ilu kienu ħallewni mingħajr ktieb tal-festa. Kont bgħatt email lis-Segretarju, li fiha kont urejtu d-dispjaċir tiegħi, u dan mill-ewwel irrispondieni u qalli li ġej id-dar ikellimni. Hemmhekk kienet l-ewwel darba li ltqajt ma' Joseph Caruana. Minn dakinhar il-kuntatt kiber mhux ħażin, u bi pjaċir ngħid li kont jien biex il-banda tal-Imġarr bdiet tiġi mistiedna sabiex tagħmel servizz fil-festa titulari ta' San Ġużepp ġewwa l-Kalkara. U ta' dan inħossni kburi, għaliex ħarġet bl-unuri kollha u baqgħet tiġi mistiedna. Issa hija x-xewqa tiegħi li nara l-Banda Sagra Familja tal-Kalkara tiġi ddoqq ġewwa l-Imġarr. Min jaf?

Għamilna bosta ħbieb, il-mara u jien, kemm ilna noqogħdu l-Imġarr, naħseb li l-mara iżjed minni, u rbatna qalbna ma' dan ir-raħal u nħossuna Mġarrin, u nieħdu pjaċir ngħidu li noqogħdu l-Imġarr, għalkemm it-tnejn li aħna qatt m'aħna se niċħdu l-irħula tagħna, Ħal Balzan u l-Kalkara.

Nagħlaq billi nħeġġeġ aktar nies, kemm dawk Imġarrin kif ukoll dawk bħali, sabiex jintegraw iżjed f'dan ir-raħal hekk ħelu. Inħeġġeġ lill-ġenituri sabiex jibagħtu t-tfal tagħhom jitgħallmu xi strument tal-mużika mal-banda, fejn it-tagħlim huwa b'xejn. Inħeġġeġ ukoll sabiex aktar bjut jiġu armati b'xi arblu u dwal għal żmien il-festa u fuq kollox sabiex nattendu għall-funzjonijiet li jsiru ġewwa l-knisja f'ġieħ Ommna Marija Mtellgħa s-Sema.



# Għotja Demm... estensjoni taċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa



Minn Tony Micallef
*Practice Nurse – Donor Liaison*

F'Malta l-maratoni ta' ġbir ta' flus għal kawżi diversi tista' tgħid li huma għaddejjin u mifruxa tul is-sena kollha. Dan sussegwentement iwassal biex il-ġbir minnhom jammonta għal għadd ġmielu ta' miljuni ta' ewro. Fuq linja kemxejn differenti, wieħed jista' jsemmi wkoll l-inizjattivi biex isiru donazzjonijiet tad-demm.

Preżentement fil-gżejjer Maltin il-bżonn tad-donazzjonijiet tad-demm hu ta' madwar 50 borża demm kuljum, li f'numru annwali jammonta għal madwar 18,000 fis-sena. Iżda fil-ħajja mgħaġġla ta' kuljum, kif ukoll minħabba stil ta' ħajja u ċirkostanzi oħra, mhux faċli daqskemm wieħed jaħseb biex jinġabar dan l-ammont. Allura wieħed dejjem irid jara x'inizjattivi jista' joħloq biex ir-rota tkompli ddur kuljum, u kemm jista' jkun mingħajr skossi. Dan għaliex tajjeb li wieħed ikun jaf li b'paragun ma' inizjattivi ta' ġbir ta' flus fejn wieħed jiġbor ħafna mbagħad iqassam bil-mod skont il-ħtieġa, fil-każ tad-demm dan ma jistax isir, għax id-demm ikun meħtieġ frisk kuljum, partikolarment minħabba data ta' skadenza, fejn fi wħud mill-każi prodott ma jistax jinħażen għal iktar minn ħamest ijiem.

Biex l-affarijiet isiru aktar diffiċli, ammont konsiderevoli ta' nies li fil-fond ta' qalbhom jixtiequ jagħtu d-demm, iżda taħkimhom il-biża' u għalhekk ma jersqux biex jagħtu. Mill-banda l-oħra dawn in-nies ma jgħidux li ma jridux jagħtu; allura bi ftit kuraġġ u għajnuna mill-ħbieb wieħed jasal biex jegħleb il-biża' u jwettaq dan l-att mill-iktar sublimi u ta' ġid imprezzabbli li jisboq kull donazzjoni finanzjarja.

Għal din ir-realtà, waħda mis-soluzzjonijiet li s-Servizz Nazzjonali tat-Trasfużjoni tad-Demm jara hi li kemm jista' jkun wieħed jippromwovi l-għoti tad-demm biex isir fi gruppi. Għaldaqstant, ġaladarba s-sajf Malti hu mimli festi u mifqugħ b'numru kbir ta' każini u għaqdiet oħra relatati mal-festa, ikun ferm f'loku li dawn il-gruppi jżommu f'moħħhom l-għoti tad-demm u b'solidarjetà jersqu u jagħtu s-sapport lil min hu mifni bil-mard u għaldaqstant ma jistax igawdi l-festa.

Biex inizjattivi bħal dawn ikollhom valur għoli, min jorganizzahom irid jagħmilhom fuq bażi ta' empatija u solidarjetà, imsejsa fuq prinċipji Nsara li fuq kollox isawru l-iskop għaliex jiġu ċċelebrati l-festi reliġjużi fil-parroċċi kollha madwar Malta u Għawdex. Għaldaqstant tajjeb ukoll li jasal il-messaġġ ta' kemm hu importanti li f'dan ir-rigward dawn l-inizjattivi jkunu xprunati mill-arċiprieti u l-kappillani konċernati. Dan diġà qed isir, imma bla dubju jista' jsir aktar. Is-Servizz jieħu gost meta jiġi mitlub jagħti l-għajnuna biex inizjattivi bħala dawn jieħdu l-ħajja u jkunu addenda mal-attivitajiet tal-festa. Dan ikun jagħmel sens meta inizjattivi bħal dawn isiru minn ftit ġimgħat qabel il-festa, jew inkella wara li tgħaddi l-festa, propjament wara d-dħul tal-vara, u bħala ringrazzjament lil Alla talli l-festa għal darba oħra tkun għaddiet b'wiċċ il-ġid.

Meta wieħed jikkunsidra li jagħmel inizjattiva bħal din, tajjeb ukoll li jfakkar li fost

l-oħrajn, id-demm jintuża għall-operazzjonijiet u għall-inċidenti, iżda mhux biss. Id-demm jintuża mill-pazjenti b'kundizzjonijiet u mard kroniku, fosthom il-mard tal-kanċer, li sfortunatament jolqot ukoll lill-adolexxenti u t-tfal.

Effett sabiħ ta' inizjattivi bħal dawn hu li tikber l-għaqda fil-parroċċa, iżda iktar minn hekk hu li jiġu salvati l-ħajjiet. Il-kelma tal-aħħar hi li s-Servizz jifraħ lil dawk kollha li diġà qed iwettqu dan il-pass u jkompli jħajjarhom jibqgħu jagħmlu hekk. Apparti hekk, is-Servizz iħeġġeġ lil dawk involuti biex jieħdu ritratti u kemm jista' jkun jesponuhom fuq rivisti, siti elettroniċi u mezzi soċjali ħalli finalment jiddakkru oħrajn u b'hekk pajjiżna jkun assigurat kemm jista' jkun minn riserva adekwata tad-demm f'kull ħin u għall-ġid komuni tal-umanità.

Il-Festa t-Tajba.

## Inħarsu l-festa tagħna b'dinjità u devozzjoni lejn il-Patruna tagħna

# Santa Marija Mtellgħa s-Sema



# Il-Pjanti





Kitba ta' John S. Vella

Żgur illi kull student jew studenta tal-iskola, ħin jew ieħor, irid jew ma jridx, iħobbu jew ma jħobbhiex, kellu jħabbat wiċċu max-xjenza. Parti mix-xjenza hi l-istudju tal-pjanti, kif jaħdmu, x'jagħtuna u l-proċessi biex jagħtuna l-frott. Kull pjanta għandha żewġ partijiet. Dawn huma l-parti ta' fuq il-ħamrija u dik ta' taħt il-ħamrija.

Il-parti ta' taħt il-ħamrija tikkonsisti minn firxa kbira ta' għeruq. Żewġ funzjonijiet tal-għeruq huma dawn li ġejjin. L-ewwel funzjoni hija li jankraw il-pjanta fil-ħamrija, biex iżommuha kemm jista' jkun f'postha waqt xi maltemp, xita qawwija jew riħ qawwi. Il-funzjoni l-oħra hija biex iwasslu n-nutrijenti minn ġol-ħamrija għal ġol-pjanta. Kull pjanta jista' jkollha diversi metri ta' għeruq. Minnhom jgħaddu n-nutrijenti bżonjużi kollha għall-pjanta.

Regola li tgħodd għal kull pjanta hija dik li l-għeruq jassorbu n-nutrijenti permezz ta' proċess li jissejjaħ 'osmosis'. L-'osmosis' huwa proċess fejn kollox jippenetra l-għeruq tal-pjanta mingħajr għażla bejn dak li jagħmel il-ġid lill-pjanta u dak li jagħmel il-ħsara.

Fil-ħamrija nsibu ħafna nutrijenti, fosthom nitrat, fosfru, putassa, magnesju, manganesju, boron, żingu, kupru, ħadid eċċ. L-ewwel tlieta, li huma nitrat, fosfru u putassa, huma l-iktar li kull pjanta jkollha bżonn. Dawn in-nutrijenti jinqasmu fi tnejn. Dawk li l-iktar ikollha bżonn il-pjanta huma n-nitrat, il-putassa u l-fosfru.

In-nutrijenti l-oħra (il-kumplament) jissejħu 'mikro elementi', u l-pjanta ma jkollhiex bżonn ta' kwantità minnhom. In-nitrat l-iktar li jintuża mill-pjanta huwa biex tikber u żżomm dak il-kulur aħdar. Il-fosfru jgħin fil-formazzjoni tal-għeruq u għall-vini tal-weraq. Il-putassa tgħin fil-formazzjoni u fit-togħma tal-frott u fil-funzjoni ta' ħafna proċessi tal-pjanta.

Il-parti ta' fuq il-ħamrija tal-pjanta hija l-post fejn isir il-proċess importanti ħafna li huwa l-fotosintesi. Dejjem tgħallimna li kull pjanta tgħix fuq id-diossidju tal-karbonju (co2). Din is-sustanza hija velenuża għall-bniedem. Għalhekk fit-toroq insibu ħafna siġar, għax dawn jieħdu d-diossidju tal-karbonju u sustanzi velenużi oħra mid-duħħan tal-karozzi u jibdluhom f'ossiġnu tant bżonjuż għall-ħajja.

Waqt il-fotosintesi, in-nutrijenti li jippenetraw l-għeruq sussegwentement jitilgħu fil-pjanta u jitħalltu mal-arja ħażina. Jitħalltu wkoll mar-raġġi tax-xemx biex flimkien ma' sustanza li tinsab fil-weraq tal-pjanti, li tissejjaħ 'klorofilla', issir il-fotosintesi. U waqt dan il-proċess il-pjanta tillibera ammont ta' ossiġnu fl-arja.

Biex imbagħad il-pjanta tuża dan l-ikel li hi tkun iġġenerat għaliha hemm proċess ieħor li jissejjaħ 'respirazzjoni'. Ir-respirazzjoni hija eżatt bil-maqlub tal-fotosintesi. Waqt ir-respirazzjoni l-pjanta tuża l-ossiġnu biex tipproduċi ilma, diossidju tal-karbonju u enerġija biex tikber.

Proċess ieħor li jsir fil-pjanta huwa t-transpirazzjoni. Dan il-proċess iservi għal dawn it-tliet funzjonijiet differenti li ġejjin:

1. fil-moviment tal-ilma u n-nutrijenti;
2. fil-moviment ta' minerali (nutrijenti) mill-għeruq
3. fil-moviment taz-zokkor prodott fil-fotosintesi għal ġox-xitla kollha.

Kull pjanta tarmi minnha nnifisha ammont ta' frisk. Dan jiddependi ħafna mill-kobor tal-pjanta. Tant kemm hu hekk li meta l-bniedem ikun taħt siġra, tmenin fil-mija tal-frisk fid-dell tagħha huwa frott tal-ossiġnu li l-pjanta tkun illiberat waqt it-transpirazzjoni.

Għalhekk għandna ngħożżu l-pjanti u s-siġar billi ma nkissrux siġar iżda nagħmlu mill-aħjar li nistgħu biex inżiduhom. U jekk inħawlu iktar siġar, l-arja se tkun ħafna iktar nadifa.

*Il-President u l-Kumitat tas-Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema" tal-Imġarr, jifirħu lil Mons. Dr. Edgar Vella għall-ħatra tiegħu ta' Monsinjur tal-Kapitlu Metropolitan tal-Katidral*



# Salvu Gatt ta' Swiegel

Kitba ta' Greg Caruana

Għeżież Imġarrin,

Illum nixtieq neħodkom ftit lura lejn l-erbgħinijiet, il-ħamsinijiet u s-sittinijiet, meta ħafna anzjani bħali kienu għadhom fl-aħjar tagħhom, meta l-ħajja f'dan l-imbierek raħal tal-Imġarr kienet ferm iktar kwieta u trankwilla madwar il-knisja, u d-djalett Imġarri kien għadu safi, mhux bħal-lum, intilef għalkollox. Il-familji kienu numerużi, dejjem medhijin madwar il-familja, ir-raba' u l-annimali li kienu jrabbu biex jgħixu minnhom, u kulħadd lest biex jgħin wieħed lill-ieħor. Hawn propju niġi għall-personaġġ li qed nikteb dwaru: Salvu Gatt ta' Swiegel.

Salvu, li twieled fid-29 ta' Settembru 1920, bin Piju Gatt (Swiegel, li kien ħuttab) u Marija née Abela tal-Girbiċ, kien il-kbir fost seba' aħwa. Salvu Swiegel kien bniedem ta' qalb tajba u umli, iżda ma kellux xorti tajba fil-ħajja. Huwa tilef lil ommu l-għażiża ta' 36 sena, u Salvu ta' 12-il sena spiċċa jieħu ħsieb ħutu iżgħar minnu u jieħu ħsieb l-annimali li kellhom. Fl-istess waqt kien jgħin lil missieru fir-raba' u kultant jagħmel xi ġurnata ma' xi ħadd jew fil-bini jgħarbel u jagħmel it-taħlita għall-bennejja jew kultant jagħmel xi jumejn fir-raba' ma' xi ħadd. Wara li tfarfar mhux ħażin huwa ntefa' jbajjad xi għorfa, u minn hemm beda, kif kien jgħid hu, jagħmel xi ħaġa żgħira fid-dawl, li f'dawk iż-żminijiet kien għadu fil-bikri tiegħu.



Salvu Gatt, magħruf bħala Ta' Swiegel

Għall-ħabta tal-1941 huwa ltaqa' mal-ewwel mara tiegħu, Anna née Gauci taċ-Ċappella, u kellhom 9 itfal: 6 bniet u 3 subien. Daħal pulizija, fejn għamel sentejn, u wara reġa' beda jaħdem bħala electrician, fejn kien jilħaq il-bdiewa tal-Imġarr u l-madwar, u kien ikun imħabbat mhux ftit, għaliex jien niftakru jgħin il-knisja, li kienet il-mimmi t'għajnejh. Huwa għamel 'il fuq minn 40 sena jarma d-dawl tal-knisja u t-toroq għall-festa, u kien iffissat biex jagħmel xogħol tajjeb u eżatt.

Niftakar l-ewwel darba li ltqajt miegħu għall-festa tal-Imġarr ħadni Ta' Mrejnu biex nara l-knisja mixgħula, u kien imkabbar biha ħafna. Jekk kien ikun hemm bozza mhux tixgħel, arah jitla' għaliha, hi fejn hi, biex jibdilha. Sal-1990 kien għadu jixxabbat mas-sellum tal-ħabel, ħaġa li meta mort ngħinu kemm-il darba u ppruvajt nitla' miegħu, twerwirt. Kulħadd iċempillu: dak għax marlu l-fuse; l-oħra nħarqilha l-element tal-ħadida tal-mogħdija; min marlu xi swiċċ… Ma kinux iħalluh kwiet. Għadni niftakar, kien għallimni nibdel l-element tal-ħadida tal-mogħdija. Fuq kollox, kien iħenn għall-familji numerużi, u mhux l-ewwel darba li wara x-xogħol kien imur is-Santi jew Binġemma jsewwi dak li kien ikun hemm

bżonn u ma jeħdilhom xejn. U kulma kienu jagħtuh kien xi ħaġa tar-raba' milli jkollhom.

Niftakar kont ngħidlu: "Salv, iva ħudilhom imqar tmintax irbiegħi ħaqq il-petrol!" u dejjem l-istess risposta: "U le, imsieken! Ma tawnix xi ħaġa biex nitma' t-tfal?" Dan barra li kien idaħħal id-dawl kollu ġdid fid-djar. Niftakar kien jiltaqa' miegħu xi ħadd il-pjazza u jgħidlu: "Salv, ejja daħħalli d-dawl." U hu dejjem l-istess kelma: "Mur għid lill-mara, ħi." Jekk imur għand l-aġent Birkirkara għall-parts, ara lil Anni sejra miegħu; jekk spiċċa xi biċċa xogħol għand xi ħadd u jistaqsuh għall-kont: "Erġa' mur naqra għand Anni, ħej."

Fl-1967 reġa' kellu traġedja oħra meta tilef lill-għażiża martu Anni ta' 45 sena u ħallietu b'disat itfal: tnejn miżżewġin u l-oħrajn, il-kbira ta' 18-il sena u ż-żgħar kienu Godfrey ta' 6 snin, Joany ta' 5 snin u Irene ta' 3 snin. Wara xi sena huwa żżewweġ lit-tieni mara, Pawla née Vella, Ta' Girgor, u kellhom lil Lawrence, Marisa, Sharon u Jacqueline. Sadanittant reġa' kellu traġedja oħra fl-1973, meta mietlu tifel: Godfrey ta' 18-il sena, u fl-1989 reġa' kellu traġedja oħra: din id-darba mietet Joany ta' 27 sena, li kienet miżżewġa u ħalliet tifel ta' 6 snin: Stefan.

Niftakar meta mietet l-ewwel mara Anni, omm il-mara tiegħi Agnes, kien qalli: "M'iniex se narma l-knisja din is-sena; m'għandix moħħ!" U għedtlu: "Agħmel int." Iżda għadda xi xahar u reġa' ġie d-dar u qalli: "Qed jerġa' jibdieli. Jekk tgħinni int, narmaw għall-festa." U jien għedtlu: "Jien niġi, imma rrid inkellem lil Dun Ġużepp, fuq il-paga," u hu qalli: "Agħmel int." F'kelma waħda morna u ltqajna ma' dan Dun Ġużepp Micallef, u tlabtu tliet pagi: għalih (Salvu), għalija u għal Godfrey, kif kienu l-pagi dak iż-żmien. Dak ma qagħad jaħsibha xejn, u qalli: "Owkej, ftehemna mela!" Xħin telaq dan Dun Ġużepp, Salvu dar fuqi u qalli: "Kif ma stħajtx titolbu daqshekk?" Jien għedtlu: "Salv, ħija, mhux hekk huma l-pagi llum?"



Salvu Swiegel jarma l-knisja tal-Imġarr għall-festa ta' Santa Marija



Salvu Swiegel kellu d-delizzju li jagħmel l-inbid

